MT



## Qrati speċjalizzati nazzjonali

F'diversi Stati Membri hemm qrati speċjalizzati li jittrattaw kwistjonijiet speċifiċi. Ta' spiss qrati bħal dawn jittrattaw tilwim li jikkonċerna kwistjonijiet amministrattivi jew f'xi każijiet tilwim bejn persuni privati jew negozji.

Diversi Stati Membri għandhom qrati speċjalizzati għal kwistjonijiet amministrattivi, jiġifieri tilwim bejn awtoritajiet pubbliċi u persuni privati jew ditti rigward deċiżjonijiet tal-amministrazzjoni pubblika, bħal tilwima dwar liċenzja għall-bini, awtorizzazzjoni għall-ġestjoni ta' negozju jew nota ta' stima tat-taxxa. Rigward it-tilwim bejn persuni privati u/jew negozji ("kwistjonijiet ċivili"), f'uħud mill-Istati Membri hemm qrati speċjalizzati fi kwistjonijiet dwar impjiegi.

**Jekk jogħġbok agħżel il-bandiera tal-pajjiż rilevanti biex tikseb informazzjoni nazzjonali dettaljata.**

L-aħħar aġġornament: 18/01/2019

Din il-paġna hi amministrata mill-Kummissjoni Ewropea. L-informazzjoni f'din il-paġna ma tirriflettix neċessarjament il-pożizzjoni uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea. Il-Kummissjoni ma taċċetta l-ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali fir-rigward tar-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-paġni Ewropej.

## Qrati speċjalizzati - Belġju

F'din is-sezzjoni tingħata ħarsa ġenerali lejn il-qrati speċjalizzati fil-Belġju.

### Il-qrati speċjalizzati

Għal dak kollu li jirrigwarda l-qrati speċjalizzati f'suġġett (d-dritt industrijali, id-dritt kummerċjali), għandek issib informazzjoni fil-parti "Qrati ordinarji".

**Il-Qorti Kostituzzjonali**

Il-*Cour constitutionnelle* (Qorti Kostituzzjonali) tissorvelja **l-konformità** tal-liġijiet, digrieti u ordinanzi **mal-Kostituzzjoni**. Din tissorvelja wkoll **it-tqassim xieraq tal-kompetenzi** bejn l-entitajiet federati u l-Istat federali.

Din hija qorti ta' 12-il imħallef li jiżguraw il-ħarsien tal-Kostituzzjoni mil-leġiżlaturi Belġjani. Tista' **tikkanċella u tissospendi liġijiet, digrieti u ordinanzi**. Il-*Cour constitutionnelle* ġiet stabbilita bħala qorti speċjalizzata. Minħabba l-kompitu partikolari tagħha, hija indipendenti kemm mill-poter leġiżlattiv kif ukoll mill-poteri eżekuttiv u ġudizzjarju.

Din issuċċediet il-"Cour d'arbitrage" (Qorti ta' arbitraġġ), li kienet inħolqot fl-1980 matul il-bidla gradwali tal-Belġju fi Stat Federali. L-ewwel isem tagħha kien ingħatalha mill-Kostitwent minħabba l-kompitu oriġinali tagħha ta' arbitru bejn il-leġiżlaturi differenti, dak tal-Istat Federali u dawk tal-komunitajiet u tar-reġjuni. Għalqdaqstant il-kompitu tagħha dak iż-żmien kien limitat għall-kontroll tal-konformità tal-liġijiet, digrieti u ordinanzi mar-regoli ta' tqassim tal-kompetenzi inklużi fil-Kostituzzjoni u fil-liġijet ta' riformi istituzzjonali.

L-isem "*Cour constitutionnelle*" li ingħatalha mis-7 ta' Mejju 2007 huwa aktar konsistenti mal-kompiti tagħha, li twessgħu sabiex jinkludu l-kontroll tal-liġijiet, id-digrieti u l-ordinanzi taħt it-titolu II tal-Kostituzzjoni (Artikoli 8 sa 32 rigward id-drittijiet u l-libertajiet tal-Belġjani) kif ukoll tal-Artikolu 170 u 172 (legalità u ugwaljanza tat-taxxi) u 191 (protezzjoni tal-barranin).

**6 imħallfin** jappartjenu għall-grupp lingwistiku Franċiż, **6** għall-grupp lingwistiku Olandiż. Wieħed mill-imħallfin għandu jkollu għarfien biżżejjed tal-Ġermaniż. F' kull grupp lingwistiku, 3 imħallfin għandhom esperjenza ta' mill-inqas 5 snin bħala membri ta' assemblea parlamentari u 3 imħallfin għandhom ikunu ħadmu fil-qasam tal-liġi (għalliem tal-liġi f'università Belġjana, maġistat fil-*Cour de cassation* (Qorti tal-Kassazzjoni) jew fil-*Conseil d'Etat* (Kunsill tal-Istat), referendarju fil-Qorti Kostituzzjonali (*Cour constitutionnelle*).

Sors: sit elettroniku tal-*Cour constitutionnelle*.

### Il-Qrati amministrattivi

**Conseil d'Etat (Kunsill tal-Istat)**

Il-*Conseil d'État*, li huwa istituzzjoni kemm konsultattiva kif ukoll ġudizzjarja, għandu poteri kemm leġiżlattivi, eżekuttivi kif ukoll ġudizzjarji, u jeżisti prinċipalment minħabba r-rieda tal-leġiżlatur li jagħmel disponibbli għall-persuni fiżiċi u l-korporazzjonijiet kollha rikors effiċjenti kontra atti amministrattivi irregolari li jkunu kkawżawlhom xi dannu.

Il-kompetenzi ewlenin tal-Kunsill tal-Istat huma **s-sospensjoni u l-annullament ta' atti amministrattivi** (atti individwali u regolamenti) **kuntrarji għar-regoli tal-liġi fis-seħħ**.

Il-protezzjoni kontra d-deċiżjonijiet amministrattivi mhijiex l-uniku kompitu tal-*Conseil d'État*. Huwa għandu wkoll **funzjoni ta' korp konsultattiv** fl-oqsma leġiżlattivi u regolatorji.

Il-*Conseil d'État* huwa wkoll **qorti tal-kassazzjoni** li jisma' rikorsi **kontra d-deċiżjonijiet tal-qrati amministrattivi** inferjuri.

Il-*Conseil d'État* jaġixxi permezz ta' sentenzi u ordinanzi fuq it-talbiet imressqa.

Il- *Conseil* huwa **magħmul** minn 44 membru maħtura b'mod permanenti, jiġifieri president kap, president, 14-il president tal-kamra u 28 kunsilliera tal-Istat. Il-membri jservu fl-assemblea ġenerali tal-Kunsill tal-Istat u f'waħda mill-awli tas-sezzjoni tad-dipartiment amministrattiv jew tas-sezzjoni leġiżlattiva.

Sors: Sit elettroniku tal-Internet tal-*Conseil d'État* tal-Belġju.

### Id-databases ġuridiċi dwar dawn is-suġġetti

Sit elettroniku tal-*Conseil d'État*.

Sit elettroniku tal-internet tal-*Cour constitutionnelle*.

**L-aċċess għad-database huwa bla ħlas?**

Iva l-aċċess huwa bla ħlas.

**Links relatati**

Servizz Pubbliku Federali tal-Ġustizzja

L-aħħar aġġornament: 06/08/2019

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-tradutturi tagħna.

Jekk jogħġbok innota li dawn il-lingwi li ġejjin diġà ġew tradotti.

**Qrati speċjalizzati - Bulgarija**

Din it-taqsima tipprovdi informazzjoni dwar il-qrati speċjalizzati fil-ġudikatura Bulgara.

Il-qrati speċjalizzati

Fil-Bulgarija m'hemm l-ebda qorti speċjalizzata tax-xogħol, marittima, kummerċjali jew tip ieħor ta' qorti speċjalizzata. Id-diviżjonijiet kummerċjali speċjalizzati joperaw fil-qrati distrettwali. Il-qrati kollha fil-ġerarkija tal-qorti jżommu diviżjoni ta' bordijiet ċivili u penali, diviżjonijiet u kulleġġi.

**Il-Qrati Amministrattivi**

Bl-adozzjoni tal-Kodiċi l-ġdid ta' Proċedura Amministrattiva fl-2006 ġiet stabbilita sistema ta' qrati amministrattivi fir-Repubblika tal-Bulgarija. Is-sistema amministrattiva tal-ġustizzja tikkonsisti minn 28 qorti amministrattiva fil-livell distrettwali u Qorti Amministrattiva Suprema.

**Il-qrati amministrattivi fil-livell distrettwali**

Il-qrati amministrattivi għandhom ġurisdizzjoni fuq il-kawżi kollha dwar mozzjonijiet għal:

ħruġ, modifika, revoka jew dikjarazzjoni ta' nullità ta' atti amministrattivi;

dikjarazzjoni ta' nullità jew nullità ta' soluzzjonijiet skont il-Kodiċi tal-Proċedura Amministrattiva;

rimedji għal azzjonijiet u nuqqasijiet mhux iġġustifikati mill-amministrazzjoni;

protezzjoni mill-infurzar koersiv ħażin;

kumpens għad-detriment li jirriżulta minn atti legalment mhux konformi, azzjonijiet u nuqqasijiet minn awtoritajiet u uffiċjali amministrattivi;

kumpens għad-detriment li jirriżulta minn infurzar koersiv;

dikjarazzjoni ta' nullità, invalidazzjoni jew inversjoni ta' sentenzi mogħtija mill-qrati amministrattivi;

stabbiliment tal-falsità ta' atti amministrattivi skont il-Kodiċi tal-Proċedura Amministrattiva.

Kwalunkwe persuna tista' tagħmel rikors legali għall-iżgurar tal-eżistenza jew in-nuqqas ta' eżistenza ta' dritt amministrattiv jew relazzjoni legali, fejn din tkun toqgħod u fejn ma jkun hemm disponibbli l-ebda proċedura ta' rimedju oħra.

Il-kawżi jiġu eżaminati mill-qorti amministrattiva li fil-ġurisdizzjoni tagħha jkun hemm is-sede tal-awtorità li tkun ħarġet l-att amministrattiv ikkontestat, u meta s-sede msemmija tkun tinsab barra l-pajjiż, mill-Qorti Amministrattiva tal-Belt ta' Sofia.

Kwalunkwe att amministrattiv, li bih tiġi implimentata immedjatament il-politika estera, tad-difiża u tas-sigurtà nazzjonali, m'għandux ikun soġġett għall-appell ġudizzjarju, ħlief jekk ikun previst mod ieħor fil-liġi.

**Il-Qorti Amministrattiva Suprema**

Il-Qorti Amministrattiva Suprema tittratta kwereli u protesti kontra l-atti tal-Kunsill tal-Ministri, il-Prim Ministru, il-Viċi Prim Ministru, il-ministri, il-kapijiet ta' istituzzjonijiet oħra direttament subordinati għall-Kunsill tal-Ministri, l-atti tal-Kunsill Ġudizzjarju Suprem, l-atti tal-Bank Nazzjonali Bulgaru, l-atti tal-gvernaturi distrettwali u atti oħra stabbiliti permezz ta' statut; hija taġġudika dwar kontestazzjonijiet tal-istrumenti statutorji ta' leġislazzjoni sekondarja; bħala istanza tal-kassazzjoni hija teżamina l-atti ġudizzjarji, taġġudika f'kawżi amministrattivi u teżamina l-mozzjonijiet għall-inversjoni tal-atti ġudizzjarji effettivi dwar kawżi amministrattivi.

Il-Qorti Amministrattiva Suprema tikkonsisti minn żewġ kulleġġi, li għandhom diviżjonijiet. Il-president tal-Qorti u d-deputati tiegħu jmexxu l-kulleġġi.

**Qrati speċjalizzati oħra**

**Il-Qrati militari**

L-istorja tal-qrati militari tmur lura għall-1 ta' Lulju 1879. Fl-1956 sar ristrutturar fis-sistema tal-qrati militari wara l-allokazzjoni tal-armati fil-bliet ta' Sofia, Plovdiv, Sliven, Varna u Pleven. Attwalment il-qrati militari jsegwu l-istess struttura.

**Il-Qorti militari**

Il-Qorti militari

Bħala qorti tal-prim'istanza, il-qrati militari jeżaminaw kawżi kriminali li jikkonċernaw reati mwettqin minn uffiċjali tas-servizz militari, ġenerali, uffiċjali, uffiċjali mhux ikkummissjonati u persunal ordinarju f'ministeri u aġenziji oħra, persunal ċivili fil-Ministeru tad-Difiża, fl-Aġenzija għas-Sigurtà Nazzjonali u fis-Servizz Nazzjonali tal-Intelligence waqt it-twettiq ta' dmirijiethom. Il-kawżi aġġudikati mill-qrati nazzjonali jiġu eżaminati mill-Qorti Militari tal-Appell bħala l-istanza ta' reviżjoni intermedja tal-appell. Il-Kodiċi tal-Proċedura Amministrattiva jistabbilixxi l-ġurisdizzjoni tal-qrati militari. Dawn il-qrati għandhom l-istess statut bħall-qorti distrettwali.

**Il-Qorti tal-Arbitraġġ fil-Kamra tal-Kummerċ u l-Industrija Bulgara (AC fil-BCCI)**

L-AC fil-BCCI issolvi t-tilwim ċivili dwar proprjetà kif ukoll tilwim dwar il-mili tal-vojt f'kuntratti jew l-adattament ta' kuntratti għal ċirkostanzi ġodda, irrispettivament minn jekk parti waħda jew it-tnejn li huma jgħixu jew għandhom id-domiċilji tagħhom fil-Bulgarija jew barra l-pajjiż.

L-AC fil-BCCI tenniet il-pożizzjoni tagħha bħala l-aktar istituzzjoni ta' arbitraġġ importanti fil-Bulgaríja, li tiggwadanja l-fiduċja għall-ogħla attività professjonali tagħha bħala korp li jsolvi tilwim legali. Kull sena l-AC fil-BCCI jsolvi bejn 250 u 300 tilwima – kemm internazzjonali kif ukoll domestiċi. 82 % tal-kawżi domestiċi jiġu solvuti f'perijodu ta' 9 xhur, waqt li 66 % tal-kawżi internazzjonali jiġu solvuti f'perijodu ta' 12-il xahar.

Fl-istess waqt il-Qorti tal-Arbitraġġ hija involuta b'mod attiv fil-proċess biex tittejjeb il-leġislazzjoni tal-arbitraġġ. It-tilwim dwar id-drittijiet relatati mal-proprjetà immobbli, it-talbiet u d-drittijiet għall-manteniment li jirriżultaw minn relazzjonijiet ta' xogħol, jew tilwim dwar proprjetà inkorporali jew il-liġi tal-familja ma jistgħux jiġu riferuti lill-qorti tal-arbitraġġ.

**Il-bażi tad-data legali**

**Il-websajts tal-qorti**

Kull qorti Bulgara għandha websajt li tipprovdi informazzjoni dwar l-istruttura u l-attività tal-qorti, informazzjoni dwar kawżi li għadhom għaddejjin jew diġà magħluqin kif ukoll informazzjoni utli oħra li hija aċċessibbli għall-pubbliku.

Il-websajt tal-Kunsill Ġudizzjarju Suprem tipprovdi lista dettaljata tal-qrati fil-Bulgarija flimkien mal-indirizzi u l-websajts tagħhom (fil-Bulgarija biss).

L-atti ġudizzjarji jiġu ppubblikati fil-websajt tal-qorti rispettiva immedjatament wara l-adozzjoni, f'konformità mal-Att dwar il-Protezzjoni tad-Data Personali u l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Informazzjoni Klassifikata.

L-atti dwar il-kawżi li jikkonċernaw l-istatus ċivili jew tas-saħħa tal-individwi jiġu ppubblikati mingħajr ir-raġunijiet tagħhom.

Għal aktar informazzjoni utli jekk jogħġbok idħol fil-paġni tal-Internet li ġejjin:

Il-Qorti Amministrattiva Suprema

Il-Qorti Militari

Il-Qorti tal-Arbitraġġ fil-Kamra tal-Kummerċ u l-Industrija Bulgara (AC fil-BCCI)

Il-Qorti Internazzjonali tal-Arbitraġġ

L-aħħar aġġornament: 17/12/2018

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

## Qrati speċjalizzati - Repubblika Ċeka

### Qrati speċjalizzati

Inġenerali, ma hemmx qrati speċjalizzati fir-Repubblika Ċeka, għalkemm hemm xi kmamar speċjalizzati fil-grati ordinarji (għall-każijiet tal-impjiegi)

### Qrati speċjali oħra

### Il-Qorti Kostituzzjonali

Il-Qorti Kostituzzjonali hija l-awtorità tal-ġustizzja għall-protezzjoni tal-kostituzzjonalità.

Il-Qorti Kostituzzjonali tisma l-każijiet jew f'sessjoni plenarja sħiħa jew bħala erba' panils ta' tliet imħallfin il-wieħed.

Qorti plenarja sħiħa biss tista' tieħu deċiżjonijiet relatati ma' kwistjonijiet fundamentali ta' sinifikanza nazzjonali u ġudizzjarja. Dawn jinkludu, per eżempju, l-annullament ta' Att tal-Parlament, t-tneħħija mill-kariga jew l-inkapaċitazzjoni ta' President tar-Repubblika jew ix-xoljiment ta' partit politiku.

Qorti plenarja sħiħa tkun magħmula mill-imħallfin kollha, li għaxra minnhom iridu jkunu preżenti meta tittieħed deċiżjoni. Deċiżjonijiet dwar il-kwistjonijiet li ġejjin jeħtieġu vot tal-maġġoranza ta' disa' mħallfin: l-annullament ta' Att tal-Parlament, deċiżjoni dwar t-tneħħija mill-kariga jew l-inkapaċitazzjoni ta' President nazzjonali, u l-adozzjoni ta' verdett li huwa bbażat fuq interpretazzjoni legali differenti ta' sentenza preċedenti mogħtija mill-qorti.

Bordijiet ta' tliet imħallfin jisimgħu l-kwistjonijiet l-oħra kollha. Dawn jinkludu, per eżempju, ilmenti kostituzzjonali minn persuni jew muniċipalitajiet, tilwim elettorali jew dwar eliġibbiltà dwar membri tal-Parlament, u kunflitti ta' kompetenza bejn awtoritajiet statali ċentrali u organi awtonomi lokali.

Il-qorti kostituzzjonali tikkonsisti fi 15 l-imħallef. L-imħallfin jinħatru għal mandat ta' għaxar snin mill-President tar-Repubblika bil-kunsens tas-Senat. M'hemmx restrizzjonijiet għall-ħatra mill-ġdid.

L-amministrazzjoni tal-qorti hija diretta mill-Presidenza u żewġ viċi-Presidenti. Kull imħallef għandu persunal tiegħu/tagħha stess ta' assistenti legali u segretarju.

Aktar informazzjoni tinsab fil-websajt tal-Qorti Kostituzzjonali .

L-aħħar aġġornament: 09/07/2019

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

## Qrati speċjalizzati - Danimarka

Din it-taqsima tipprovdilek informazzjoni dwar l-organizzazzjoni tal-qrati speċjalizzati fid-Danimarka.

### Qrati speċjalizzati

**Il-Qorti marittima u kummerċjali (Sø- og Handelsretten)**

Sa mill-istabbiliment tagħha fl-**1862**, il-Qorti Marittima u Kummerċjali semgħet każijiet li jikkonċernaw kwistjonijiet marittimi u kummerċjali fil-pajjiż kollu.

Maż-żmien il-kompetenza tal-qorti marittima u kummerċjali ġiet estiża; illum il-qorti tisma' każijiet li jikkonċernaw l-**Att Daniż dwar il-Marki Kummerċjali**, l-**Att dwar id-Diżinn**, l-**Att dwar il-Prattiki Kummerċjali**, l-**Att dwar il-Kompetizzjoni**, il-kundizzjonijiet internazzjonali tal-kummerċ kif ukoll kwistjonijiet kummerċjali oħra.

Barra minn hekk, id-**diviżjoni dwar il-falliment** tisma' każijiet li jikkonċernaw il-falliment, is-sospensjoni ta' ħlasijiet, is-soluzzjoni obbligatorja ta' dejn u l-iskedar mill-ġdid tad-dejn li jseħħu fi Greater Copenhagen.

**Il-qorti tar-reġistrazzjoni tal-artijiet (Tinglysningsretten)**

Il-Qorti tar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet ġiet stabbilita fl-**1 ta' Jannar 2007**. Il-ġurisdizzjoni tagħha hija estiża fid-Danimarka kollha.

B'mod gradwali din il-qorti se tkun responsabbli mir-reġistrazzjonijiet li jsiru fil-qrati distrettwali. Din se tittratta **r-reġistrazzjoni ta' titoli fuq l-art**, **ipoteki** u **spejjeż oħra**, **is-soluzzjoni ta' żwiġijiet u l-bqija.**

Il-qorti tar-reġistrazzjoni tal-art issolvi każijiet li jkunu qamu minħabba r-reġistrazzjoni. Jeżisti wkoll id-dritt tal-appell quddiem il-Qorti Superjuri tad-Damimarka tal-Punent.

**Il-Qorti Speċjali tal-Akkużi u r-Reviżjonijiet (Den Særlige Klageret)**

Il-Qorti Speċjali tal-Akkużi u r-Reviżjonijiet tittratta **kwistjonijiet dixxiplinarji li jikkonċernaw lill-imħallfin** jew **impjegati legali** oħra li jaħdmu fil-qorti, inkluż il-qrati tal-Gżejjer Faroe u Greenland u l-Bord tal-Permess tal-Appelli. Barra minn hekk, il-qorti tista' tiftaħ mill-ġdid każijiet kriminali u tiskwalifika lill-avukat tad-difiża f'każijiet kriminali.

Il-Qorti Speċjali tal-Akkużi u r-Reviżjonijiet hija komposta minn imħallef tal-Qorti Suprema, imħallef tal-qorti superjuri, imħallef ta' qorti distrettwali, avukat u avukat b'ħiliet esperti xjentifiċi.

### Il-qrati amministrattivi

Is-sistema ġudizzjali Daniża ma tinkludix il-qrati amministrattivi.

L-aħħar aġġornament: 07/08/2019

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Jekk jogħġbok innota li l-verżjoni bil-lingwa oriġinali ta' din il-paġna de ġiet emendata reċentement. Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-tradutturi tagħna.

## Qrati speċjalizzati - Ġermanja

Din it-taqsima tagħtik informazzjoni dwar l-organizzazzjoni tal-qrati speċjalizzati fil-Ġermanja.

### Qrati Speċjalizzati

### Qrati tax-xogħol

Il-qrati tax-xogħol jittrattaw essenzjalment tilwim dwar il-liġi tax-xogħol li jirriżulta fir-relazzjonijiet kuntrattwali bejn l-impjegati u l-impjegaturi (liġi tax-xogħol individwali). Dawn il-qrati jittrattaw ukoll tilwim bejn il-partijiet għal ftehim kollettiv, bħat-trejdjunjins u l-assoċjazzjonijiet tal-impjegaturi (il-liġi tax-xogħol kollettiv), kif ukoll it-tilwim bejn impjegatur u kumitat ta' ħidma.

Il-qrati tax-xogħol (bħala ġurisdizzjonijiet tal-Istati Federali) huma Qrati Ġenerali. Il-kulleġġ ġudikanti tal-qorti tax-xogħol huwa t-Tribunal. Dan jiddeċiedi essenzjalment permezz ta' mħallef wieħed professjonali li jippresjedi u żewġ imħallfin lajċi, wieħed mill-qasam tal-impjegat u l-ieħor mill-qasam tal-impjegatur. Ċerti deċiżjonijiet li mhumiex parti mill-proċedimenti orali jittieħdu mill-imħallef li jippresjedi mingħajr l-intervent tal-imħallef lajk.

Il-Qrati Superjuri tax-xogħol *(Landesarbeitsgerichte*) huma responsabbli għat-trattament tal-appelli u t-tilwim kontra s-sentenzi tal-qrati tax-xogħol. It-Tribunal huwa ugwalment magħmul minn imħallef wieħed professjonali u żewġ imħallfin lajċi (wieħed li jirrappreżenta l-impegat u l-ieħor l-impjegatur).

Id-deċiżjonijiet fl-Aħħar Istanza jittieħdu mill- Qorti Federali tax-Xogħol *(Bundesarbeitsgericht).* Is-Senat ta' din il-Qorti huwa magħmul minn imħallef li jippresjedi, żewġ imħallfin professjonali addizzjonali u żewġ imħallfin lajċi (wieħed li jirrappreżenta l-impjegat u l-ieħor l-impjegatur).

**Qrati Amministrattivi**

Tliet fergħat differenti tas-sistema tal-qorti huma responsabbli biex jeżaminaw id-deċiżjonijiet amministrattivi: il-qrati amministrattivi ġenerali, il-qrati soċjali u l-qrati finanzjarji. Il-qrati amministrattivi, soċjali u finanzjarji huma kkaretterizzati mill-fatt li huma obbligati li japplikaw il-prinċipju ex officio (bid-dritt tal-kariga). Għaldaqstant, il-qrati jridu jinvestigaw il-fatti tal-kawża fuq l-inizjattiva tagħhom stess (jiġifieri mhux wara talba minn waħda mill-partijiet, u mingħajr ma jintrabtu mal-evidenza li titressaq), u dan minħabba li l-eżattezza materjali tas-sentenza tal-kawża taffettwa l-interess pubbliku.

**Qrati Amministrattivi Ġenerali**

Il-Qrati Amministrattivi Ġenerali għandhom tliet livelli ta' Istanzi.

Fil-**Qorti Ġenerali** jinsabu l-Qrati Amministrattivi Reġjonali *(Verwaltungsgerichte).*

Fit-**Tieni Istanza** jinsabu l-Qrati Amministrattivi Superjuri għal kull Stat Federali, li jissejħu *Oberverwaltungsgerichte* (jew *Verwaltungsgerichtshof*).

Fl-**Aħħar Istanza** hemm il- Qorti Federali Amministrattiva (Bundesverwaltungsgericht).

Il-**qrati amministrattivi reġjonali** ġeneralment ikunu Qrati Ġenerali. Il-Qrati Amministrattivi Superjuri huma primarjament tribunali tal-appell, li jeżaminaw id-deċiżjonijiet tal-Qrati Ġenerali minn perspettiva legali u fattwali. Bi ftit eċċezzjonijiet, il-Qorti Amministrattiva Federali hija qorti tal-appell li teżamina l-punti ta' liġi biss *(Revisionsgericht*).

Fil-prinċipju, il-**ġurisdizzjoni amministrattiva ġenerali** hija responsabbli mit-tilwim kollu bejn l-amministrazzjonijiet u l-persuni privati dwar l-applikazzjoni korretta tal-liġijiet u tar-regolamenti amministrattivi. Madankollu minflok il-qrati amministrattivi, meta l-kawża tinvolvi l-parteċipazzjoni tal-amministrazzjoni fl-ekonomija skont il-liġi ċivili (li taġixxi bħala negozju privat) u għat-tilwim kollu li jirriżulta minn attivitajiet bħal dawn ir-responsabbiltà taqa' f'idejn il-qrati ordinarji. Barra minn hekk, it-tilwim li jiġi assenjat bil-liġi lill-qrati ordinarji, lill-qrati soċjali jew lill-ġurisdizzjoni finanzjarja jkun eżentat mill-ġurisdizzjoni amministrattiva ġenerali.

Fil-prinċipju, id-deċiżjonijiet fil-ġurisdizzjoni amministrattiva jittieħdu mit-tribunali. Il-qrati amministrattivi reġjonali huma magħmula minn tlitt imħallfin professjonali u minn żewġt imħallfin lajċi. Il-qorti amministrattiva superjuri ġeneralment tkun magħmula minn tlitt imħallfin professjonali. Il-Qorti Federali Amministrattiva tikkonsisti f'ħamest imħallfin professjonali. Madankollu, fil-qrati amministrattivi reġjonali, il-kawżi jistgħu jiġu rrinvijati quddiem imħallef individwali.

**Qrati Soċjali**

Il-**ġurisdizzjoni soċjali**, bħal dik amministrattiva, għandha tliet istanzi li jkopru diviżjoni xierqa tal-kompiti. Minbarra l-qorti soċjali reġjonali *(Sozialgericht)* (bħala Qorti Ġenerali), hemm qorti soċjali tal-Istat *(Landessozialgericht)* għal-Land f'kull Stat federali, qorti tal-appell u Qorti Federali Soċjali *(Bundessozialgericht)* , li tagħmilha ta' qorti suprema tal-appell fuq punti ta' liġi (reviżjoni).

Il-qrati soċjali huma responsabbli prinċipalment biex jisimgħu tilwim fi kwistjonijiet tas-sigurtà soċjali (pensjonijiet, assigurazzjonijiet f'każijiet ta' inċidenti u ta' mard, u assigurazzjoni għal kura waqt il-konvalexxenza), tal-assigurazzjoni tal-qgħad u tal-għajnuna soċjali. Fil-ġurisdizzjoni soċjali wkoll, id-deċiżjonijiet jittieħdu, fil-prinċipju, mit-tribunali. Tribunal tal-qorti soċjali jkun magħmul minn imħallef professjonali wieħed u minn żewġt imħallfin lajċi. Il-qorti soċjali tal-Istat u l-qorti federali soċjali jikkonsistu fi tlitt imħallfin professjonali u f'żewġt imħallfin lajċi.

**Qrati Finanzjarji**

Il-ġurisdizzjoni fiskali tikkonsisti fil-qrati finanzjarji ġenerali u fil- Qorti Federali tal-Finanzi *(Bundesfinanzhof*), li tagħmilha ta' qorti suprema tal-appell biss rigward punti ta' liġi. Il-kompetenza tal-ġurisdizzjoni fiskali tkopri prinċipalment tilwim dwar imposti pubbliċi, taxxi u d-dwana. It-tribunali tal-qrati tal-finanzi huma magħmula minn tlitt imħallfin professjonali u minn żewġt imħallfin lajċi. Dawk tal-Qorti Federali tal-Finanzi huma magħmula minn ħamest imħallfin professjonali. Il-kawżi jistgħu jiġu rrinvijati quddiem imħallef individwali fil-qrati finanzjarji.

**Qrati Speċjalizzati Oħra**

**Il-Qorti Federali Kostituzzjonali**

Il- Qorti Federali Kostituzzjonali teżerċita ġurisdizzjoni rigward kwistjonijiet kostituzzjonali fuq il-livell federali. Id-deċiżjonijiet tagħha huma bbażati fuq il-liġi kostituzzjonali (Grundgesetz). L-ikbar numru ta' proċedimenti quddiem il-Qorti Federali Kostituzzjonali huma l-ilmenti kostituzzjonali. Dawn jiġu ppreżentati minn ċittadini li jsostnu li kien hemm ksur tad-drittijiet fundamentali tagħhom b'relazzjoni għal sentenzi, azzjonijiet tal-gvern jew atti leġiżlattivi. Ilment kostituzzjonali huwa ġeneralment validu biss jekk il-proċedimenti fil-qrati kompetenti l-oħra kollha jkunu sfaxxaw (jiġifieri d-deċiżjonijiet ittieħdu fl-Aħħar Istanza, jew eċċezzjonalment kien possibbli li jitressaq ilment kostituzzjonali direttament kontra att leġiżlattiv).

Hemm diversi tipi oħrajn ta' proċedimenti. Dawn jinkludu, b'mod partikolari, l-istħarriġ ġudizzjarju astratt u konkret tal-kostituzzjonalità tal-liġijiet, u proċeduri biex ikun ivverifikat jekk l-istituzzjonijiet kostituzzjonali federali rrispettawx il-limiti tal-kompetenza tagħhom. Ċerti deċiżjonijiet tal-Qorti Federali Kostituzzjonali jistgħu jakkwistaw forza legali. Il-qorti tikkonsisti f'żewġ senati, magħmula f'kull każ minn tmint imħallfin. Il-qorti tiddeċiedi fl-uffiċċji tal-imħallfin, b'kull wieħed ikun magħmul minn tlitt imħallfin, jew minn senat; fil-parti l-kbira mingħajr seduti orali.

**Qrati Kostituzzjonali tal-Istat *(Landesverfassungsgerichte)*/Qrati Superjuri tal-Istat *(Staatsgerichtshof)***

Il-qrati kostituzzjonali tal-Istat jew il-qrati superjuri tal-Istat huma qrati kostituzzjonali tal-Istati Federali rispettivi (*Länder).* Huma jiddeċiedu prinċipalment dwar it-tilwim kostituzzjonali taħt il-liġi tal-Istat *(Landesrecht*), b'din tal-aħħar tirregola anki l-istabbiliment, l-amministrazzjoni u l-kompetenza tagħhom.

**Ħoloq Relatati mas-Suġġett**

- Qorti Federali tax-Xogħol
- Qorti Federali Amministrattiva
- Qorti Federali Soċjali
- Qorti Federali Finanzjarja
- Qorti Federali Kostituzzjonali

L-aħħar aġġornament: 15/09/2016

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Jekk jogħġbok innota li l-verżjoni bil-lingwa oriġinali ta' din il-paġna et ġiet

emendata reċentement. Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment
qed tiġi ppreparata mit-tradutturi tagħna.

## Qrati speċjalizzati - Estonja

Din it-taqsima tipprovdik b'informazzjoni dwar il-qrati amministrattivi u speċjalizzati fis-sistema tal-qrati Estonjana.

### Qrati speċjalizzati

Il-Kostituzzjoni Estonjana tiddikjara li l-ħolqien ta' qrati speċjalizzati b'ġuriżdizzjoni speċifika jista' jsir bil-liġi. Il-formazzjoni ta' qrati ta' emerġenza hija pprojbita.

Ma nħolqu l-ebda qrati speċjalizzati fl-Estonja.

### Qorti kostituzzjonali

Il-**Qorti Suprema** twettaq fl-istess ħin il-funzjonijiet tal-qorti ta' appell finali u tal-qorti ta' reviżjoni kostituzzjonali.

Bħala l-qorti ta' reviżjoni kostituzzjonali, il-Qorti Suprema:

tagħti deċiżjonijiet dwar talbiet sabiex ikun ivverifikat li leġiżlazzjoni ta' applikazzjoni ġenerali jew rifjut li tinħareġ leġiżlazzjoni bħal din tkun f'konformità mal-Kostituzzjoni;

tagħti deċiżjonijiet dwar talbiet biex tkun ivverifikata l-konformità ta' ftehimiet internazzjonali mal-Kostituzzjoni;

tagħti deċiżjonijiet dwar talbiet għal opinjoni dwar l-interpretazzjoni tal-Kostituzzjoni flimkien mal-liġi tal-Unjoni Ewropea;

tagħti deċiżjonijiet dwar talbiet għal u rikorsi kontra riżoluzzjonijiet tal-Parlament Estonjan, il-Bord tal-Parlament u l-President tar-Repubblika;

tagħti deċiżjonijiet dwar talbiet għal dikjarazzjoni li Membru Parlamentari, il-President tar-Repubblika, il-Kanċillier tal-Ġustizzja jew l-Awditur Ġenerali ma jkunx kapaċi jwettaq id-dmirijiet tiegħu għal perjodu estiż ta' żmien;

tiġġudika talbiet biex tiġi tterminata l-awtorità ta' Membru Parlamentari;

tiddeċiedi dwar l-għoti ta' kunsens lill-President (speaker) tal-Parlament, li jkun qed jaqdi l-funzjonijiet ta' President tar-Repubblika, biex isejjaħ elezzjonijiet straordinarji tal-Parlament jew biex jirrifjuta li jippromulga Att;

tagħti deċiżjonijiet dwar talbiet biex jiġu tterminati l-attivitajiet ta' partit politiku;

tagħti deċiżjonijiet dwar rikorsi u protesti kontra deċiżjonijiet u atti tal-kumitati elettorali.

L-ebda individwu ma jista' jressaq talba għal reviżjoni kostituzzjonali.

Dettalji ta' kuntatt għall-Qorti Suprema jistgħu jinstabu fuq il-websajt tal-Qorti Suprema.

Ir-rieżami kostituzzjonali hu regolat mill-Att ta' Proċedura tal-Qorti għar-Rieżami Kostituzzjonali.

### Qrati Amministrattivi

Il-qrati amministrattivi, bħala qrati tal-**prim'istanza**, jisimgħu l-kawżi amministrattivi. Fl-Estonja, jaġixxu bħala awtoritajiet ġudizzjarji indipendenti biss fil-prim'istanza.

Is-sentenzi tal-qrati amministrattivi jiġu rieżaminati minn qrati distrettwali, bħala qrati tat-tieni istanza, fuq il-bażi ta' appelli kontra dawk is-sentenzi.

Il-ġurisdizzjoni tal-qrati amministrattivi, il-proċedura għall-preżentazzjoni ta' kawża quddiem qorti amministrattiva u r-regoli għal proċedimenti amministrattivi huma stabbiliti fil-Kodiċi tal-Proċedura tal-Qorti Amministrattiva.

### Qrati Amministrattivi

Fl-Estonja hemm żewġ qrati amministrattivi: Il-Qorti Amministrattiva ta' Tallinn u l-Qorti Amministrattiva ta' Tartu.

Il-qrati amministrattivi huma maqsuma f'sezzjonijiet.

Il-Qorti Amministrattiva ta' Tallinn hija magħmula minn żewġ sezzjonijiet:

Is-sezzjoni ta' Tallinn

Is-sezzjoni ta' Pärnu

Il-Qorti Amministrattiva ta' Tartu hija magħmula minn żewġ sezzjonijiet:

Is-sezzjoni ta' Tartu

Is-sezzjoni ta' Jõhvi

### Qrati Distrettwali

Fl-Estonja hemm żewġ qrati distrettwali li jaġixxu bħala qrati tat-tieni istanza.

Il-Qorti Distrettwali ta' Tallinn

Il-Qorti Distrettwali ta' Tartu

Dettalji ta' kuntatt għall-qrati jistgħu jinstabu fuq il-websajt tal-Qrati. L-aċċess għad-dettalji ta' kuntatt huwa **mingħajr ħlas**.

L-aħħar aġġornament: 08/08/2018

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

## Qrati speċjalizzati - Irlanda

Din it-taqsima tagħtik informazzjoni dwar l-organizazzjoni ta' qrati speċjalizzati fl-Irlanda b'referenza għall-organizzazzjoni tal-qrati b'mod ġenerali. Ara l-paġni dwar l-Organizzazzjoni tal-Ġustizzja u l-Qrati ordinarji għal dettalji tal-qrati b'mod ġenerali.

### Il-Qrati Speċjalizzati

### Il-Qorti tat-Talbiet iż-Żgħar

Il-proċedura tat-Talbiet iż-Żgħar tipprovdi mezz irħis u informali biex tintlaħaq soluzzjoni għat-talbiet tal-konsumatur mingħajr ma jkun hemm bżonn li kwalunkwe waħda mill-partijiet tiġi rrappreżentata legalment. Il-Qorti tat-Talbiet iż-Żgħar topera fi ħdan il-Qorti tad-Distrett. Din il-proċedura tkun applikabbli għal talbiet li ma jaqbżux l-EUR 2,000 fil-valur, li jinvolvu l-konsumaturi u li jikkonċernaw ix-xiri ta' oġġetti jew servizzi, danni minuri kkawżati fuq proprjetà jew ir-rimborż ta' depożitu fuq kera. Ma tkun meħtieġa l-ebda dehra quddiem il-qorti jekk it-talba ma tiġix ikkontestata. Jekk it-talba tiġi kkontestata u ma jkunx jista' jintlaħaq ftehim 'il barra mill-qorti, il-kawża titressaq quddiem imħallef tal-Qorti tad-Distrett (District Court) li l-ordni tagħha tista' tiġi appellata quddiem is-Circuit Court.

### Il-Qorti Kummerċjali

Il-Qorti tal-Kummerċ effettivament hija diviżjoni speċjalizzata tal-High Court. Waħda mill-karatteristiċi ewlenin tagħha hija l-abbiltà li tittratta l-kawżi fil-pront. Sabiex tilħaq dan l-għan, hi għandha l-proċeduri tagħha stess, li huma mfassla apposta biex iħaffu l-kwistjonijiet li jkunu fuq il-lista. Dawn il-proċedimenti huma rregolati mill-Ordni 63A tar-Regoli tal-Qrati Superjuri.

Il-Qorti tisma' kwistjonijiet li huma kkategorizzati bħala "proċedimenti kummerċjali" fil-qafas tal-Ordni 63A, regola 1. Dawn jinkludu tilwimiet li jaffettwaw id-dritt soċjetarju, il-liġi tal-insolvenza, il-proprjetà intellettwali, il-kostruzzjoni, il-liġi amministrattiva u l-liġi kostituzzjonali. Sabiex tiġi milqugħa quddiem il-Qorti skont l-Ordni 63A, regola 1(a), it-talba jew il-kontrotalba tal-azzjoni jrid ikollha valur ta' mill-inqas EUR 1,000,000. Ma hemm l-ebda limitu fir-rigward ta' kawżi ammessi skont ir-regola 1(b), li tagħti d-diskrezzjoni lill-Imħallef tal-Qorti Kummerċjali.

**Il-Qorti dwar it-Trattament tad-Droga**

Il-Programm tal-Qorti dwar it-Trattament tad-Droga (DTC) jopera fil-Qorti tad-Distrett. Hu joffri lid-dipendenti tad-droga misjuba ħatja ta' delitti li ma jinvolvux vjolenza, l-opportunità li joħorġu miċ-ċiklu vizzjuż tad-drogi, tal-kriminalità u tal-ħabs. Il-kandidati ammissibbli huma evalwati abbażi tal-motivazzjoni tagħhom li jimpenjaw ruħhom fil-programm.

**Tribunali Oħra**

Hemm għadd ta' tribunali li jisimgħu l-appelli tat-taxxa fuq l-introjtu, tal-intitolamenti tal-benessri soċjali, ma' talbiet imressqa fil-qafas tal-leġiżlazzjoni dwar l-Ugwaljanza, ma' applikazzjonijiet tal-immigrazzjoni, u ma' kwistjonijiet li jirrigwardaw l-ippjanar tal-ibliet u l-impjiegi. Dawn it-tribunali mhumiex ippreseduti minn imħallfin iżda minn speċjalisti kkwalifikati, u d-deċiżjonijiet tagħhom huma soġġetti għal appell jew għal rieżami mis-Circuit Court jew mill-High Court.

L-aħħar aġġornament: 30/06/2017

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Jekk jogħġbok innota li l-verżjoni bil-lingwa oriġinali ta' din il-paġna el ġiet emendata reċentement. Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-tradutturi tagħna.

## Qrati speċjalizzati - Greċja

Ez a szakasz Görögország szakosított bíróságainak rendszeréről nyújt tájékoztatást.

**Il-Kunsill tal-Istat**

Il-Kunsill tal-Istat *(Συμβούλιο της Επικρατείας)*, stabbilit fl-Artikolu 95 tal-Kostituzzjoni Griega, huwa **l-qorti amministrattiva suprema** u jeżerċita l-ġurisdizzjoni tiegħu fis-**Sessjonijiet *Plenarji*** *(Ολομέλεια)* jew **f'Taqsimiet**. *(τμήματα).* Is-Sessjoni Plenarja hija ffurmata mill-President, mill-inqas għaxar Kunsilliera *(σύμβουλοι)*, żewġ kunsilliera assoċjati subalterni *(πάρεδροι)* u Skrivan *(γραμματέας).*

Hemm **sitt Taqsimiet**: I, II, III, IV, V u VI.

L-ewwel erba' taqsimiet (I, II,III u IV) jeżerċitaw il-kompetenzi ġudizzjarji tal-Kunsill u jorganizzaw seduti miftuħa għall-pubbliku. Is-seduti għas-smigħ jinkludu l-President tat-Taqsima (il-Viċi-President tal-Kunsill tal-Istat), żewġ **Kunsilliera**, żewġ Kunsilliera Assoċjati subalterni u **Skrivan** (ħames membri b'kollox).

Kull waħda minn dawn it-Taqsimiet tista' tiġi ffurmata minn bord b'seba' membri, bil-parteċipazzjoni addizzjonali ta' żewġ Kunsilliera oħra. Dan jista' jsir biss f'każijiet li jkunu tressqu quddiem Taqsima b'seba' membri mill-President tal-Qorti, jew f'każijiet imressqa quddiemha mit-Taqsima b'ħames membri.

It-Taqsima V hija responsabbli għall-ipproċessar tad-digrieti u l-eżerċizzju tad-dixxiplina. Hija ffurmata minn President (il-Viċi-President tal-Kunsill tal-Istat). mill-inqas Kunsillier, Kunsillier Assoċjat subaltern (li għandu l-vot deċiżiv fl-eżerċizzju ta' dmirijietu u Skrivan.

It-Taqsima VI hija responsabbli għall-kassazzjoni ġudizzjarja (reviżjoni) (tħassir) tas-sentenzi dwar il-Kodċi għall-Ġbir tal-Introjtu Pubbliku, *(Κώδικας Είσπραξης Δημόσιων Εσόδων)* u għad-danni kkaġunati minn kawżi amministrattivi. Il-formazzjoni tagħha hija ekwivalenti għal dik tal-ewwel erba' Taqsimiet.

**L-obbligi** ewlenin tal-Kunsill tal-Istat huma mniżżlin fl-**Artikolu 95( subinċiż 1 ) tal-Kostituzzjoni** u huma eżegwiti kif trid il-liġi. L-amministrazzjoni għandha l-obbligu li tħares is-sentenzi ta' tħassir tal-Kunsill tal-Istat; kwalunkwe korp responsabbli stabbilit bil-liġi huwa responsabbli għal kull nuqqas ta' konformità.

Id-dmirijiet ewlenin tal-Kunsill tal-Istat huma kif ġej:

Iħassar, wara talba għal dan, l-atti eżegwibbli tal-awtoritajiet amministrattivi li jkunu saru obbligatorji fiż-żmien tal-ħruġ tagħhom, minħabba abbuż ta' poter jew ksur tal-liġi; mill-awtoritajiet amministrattivi.

Jerġa' jikkunsidra, wara talba għal dan, sentenzi finali, wara l-għeluq tal-appell kontra deċiżjoni meħuda minn Qorti Amministrattiva ordinarja, kif imfissra mil-liġi; (Qorti Amministrattiva u Qorti Amministrattiva tal-Appell).

Jisma' kawżi amministrattivi sostantivi li jkunu ġew imressqa quddiemu kif rikjest skont il-Kostituzzjoni u bil-liġi;

Jipproċessa d-digrieti kollha ta' natura regolatorja. Matul dan il-proċess, irid jiġi aċċertat jekk id-digrieti humiex konformi mal-Kostituzzjoni u l-liġi. L-użu tal-formoli korretti u kwistjonijiet oħra ta' importanza sekondarja jiġu aċċertati wkoll.

L-awtoritajiet iridu jħarsu s-sentenzi mħassra mill-Kunsill tal-Istat. Kwalunkew awtorità kompetenti, kif imfissra mil-liġi, tista' tinżamm responsabbli għal dan in-nuqqas.

Kwalunkwe **digriet regolatorju** li ma jkunx ġie pproċessat mill-Kunsill tal-Istat jiġi ddikjarat illegali u mhux eżegwibbli mill-qrati.

L-ewwel tliet kompetenzi huma d-dmirijiet ġudizzjarji, filwaqt li r-raba' hija dik amministrattiva u hija assenjata lill-Kunsill tal-Istat fil-kapaċità tiegħu ta' konsulent tal-amministrazzjoni ċentrali. Madankollu, il-Kunsill tal-Istat iżomm il-karattru ġudizzjarju tiegħu meta jeżerċita d-dmir amministrattiv imsemmi hawn qabel.

**Il-Qorti tal-Awditjar**

Il-Qorti tal-Awditjar *(Ελεγκτικό Συνέδριο)*, stabbilita mill-Artikolu 98 tal-Kostituzzjoni Griega, hija **qorti suprema** ta' natura doppja, bi **dmirijiet ġudizzjarji u amministrattivi.** Hija żżomm il-karattru ġudizzjarju tagħha meta teżerċita l-kompetenzi amministrattivi tagħha. Il-kompożizzjoni tal-Qorti tal-Awditjar hija ekwivalenti għal dik tal-Kunsill tal-Istat. Il-Qorti tal-Awditjar teżerċita l-kompetenzi ġudizzjarji tagħha fis-**Sessjoni Plenarja** *(Ολομέλεια)*, **fit-tlietTaqsimiet** *(τμήματα)* u **Unitajiet** *(κλιμάκια).*

Il-**kompetenzi ewlenin tagħha** huma:

Sabiex **tivverifika l-infiq** mill-Istat u mill-gvernijiet lokali jew entitatijiet ġuridiċi oħra rregolati mid-dritt pubbliku;.

Sabiex **tivverifika l-kuntratti** ta' valur ekonomiku u finanzjarju kbir fejn il-kuntrattur huwa l-Istat jew entità bi *status* ekwivalenti flok dan;

**tivverifika l-kontijiet** tal-uffiċjali pubbliċi tal-kontabilità u l-gvern lokali jew persuni ġuridiċi oħra rregolati mid-dritt pubbliku;

Sabiex **tagħti opinjoni** dwar proposti leġiżlattivi dwar il-pensjonijiet jew ir-rikonoxximent tas-servizz għall-benefiċċji tal-pensjoni;

Sabiex **tħejji u tagħti rapport** lill-Parlament dwar l-introjtu u l-infiq tal-Gvern *(απολογισμός)* u l-karta bilanċjali *(ισολογισμός)* tal-Istat;

Sabiex **tisma kawżi** dwar l-għoti tal-pensjonijiet;

Saiex tisma' kawżi dwar **il-ħtija** ta' impjegati politiċi, ċivili jew militari għal kull ħsara kkaġunata lill-Istat bi ħsieb jew b'nuqqas ta' ħsieb.

Is-sentenzi tal-Qorti tal-Awditjar mhumiex soġġetti għall-awtorità ġudizzjarja tal-Kunsill tal-Istat.

**Qrati oħra speċjalizzati**

**Il-Qrati Marzjali*(Ιρατοδικεία)*, Il-Qrati Navali *(ναυτοδικεία)* u l-Qrati tal-Qawwa tal-Ajru *(αεροδικεία)***

Dawn huma **qrati speċjali kriminali.** Kull reat kommess mill-persunal militari fl-armata, fil-qawwa navali jew fil-qawwa tal-ajru (mingħajr eċċezzjonijiet) huwa soġġett għall-ġurisdizzjoni tal-qrati militari.

**Il-Qorti Suprema Speċjali**

Il-Qorti Suprema Speċjali *(Ανώτατο Ειδικό Δικαστήριο)* hija qorti speċjalizzata, simili għal Qorti Kostituzzjonali fis-sens li l-biċċa l-kbira tal-kawżi soġġetti għall-ġurisdizzjoni tagħha jkunu ta' natura kostituzzjonali. Il-Qorti hija stabbilita permezz tal-Artikolu 100 tal-Kostituzzjoni Griega u hija responsabbli biex tiddeċiedi dwar il-validità tal-elezzjonijiet parlamentari, it-tneħħija tal- Membri tal-Parlament mill-kariga tagħhom jew issib soluzzjoni għall-kunflitti bejn it-tliet qrati superjuri Griegi. Is-sentenzi tal-Qorti Suprema Speċjali huma finali u ma jistgħux jiġu appellati.

Din hija l-ogħla Qorti. Din il-Qorti hija ffurmata mill-President tal-Kunsill tal-Istat, il-President tal-Qorti Suprema *(Άρειος Πάγος)* tal-Kassazzjoni, il-President tal-Qorti tal-Awditjar, erba' Kunsilliera tal-Istat u erba' Kunsillera tal-Qorti Suprema tal-Kassazzjoni (li jiġu maħtura bix-xorti kull sentejn mhux konsekuttivi).

Il-Qorti tkun ippreseduta mill-aktar President **anzjan tal-Presidenti tal-Kunsill tal-Istat jew tal-Qorti Suprema tal-Kassazzjoni**. Meta tisma' kawżi li jinvolvu s-soluzzjoni għal tilwim ta' natura kostituzzjonali jew l-interpretazzjoni ta' dispożizzjonijiet tal-liġi, il-Qorti jkollha wkoll żewġ professuri regolari mill-fakultajiet tal-liġi minn universitajiet Griegi.

**Il-Qorti Speċjali tisma' wkoll kawżi għal proċess latenti u sentenzi difettużi/ħżiena**

Il-Qorti Speċjalizzata għall-Kawżi dwar Proċessi Latenti *(Ειδικό Δικαστήριο Αγωγών Κακοδικίας)* hija stabbilita skont **l-Artikolu 99 tal-Kostituzzjoni** u l-Liġi 693 /1977 u tiddeċiedi dwar proċeduri latenti kontra uffiċjali ġudizzjarji. Il-Qorti hija ffurmata mill-President tal-Kunsill tal-Istat, li jservi bħala l-President tal-qorti speċjali. Il-membri l-oħra jinkludu Kunsillier tal-Kunsill tal-Istat, Kunsillier tal-Qorti Suprema tal-Kassazzjoni, Kunsillier tal-Qorti tal-Awditjar, żewġ professuri tal-liġi mill-fakultajiet tal-liġi f'universitajiet Griegi u żewġ avukati (membri tal-Bord Suprem ta' Dixxiplina tal-Avukati, li jittellgħu bix-xorti).

**Il-Qorti Speċjali għandha ġurisdizzjoni dwar ir-responsabbilità tal-Ministri**

Il-Qorti Speċjali għar-responsabbiltà tal-Ministri *(Ειδικό Δικαστήριο Ευθύνης Υπουργών)* hija organizzata kif jistabbilixxi **l-Artikolu 86 tal-Kostituzzjoni**.

Din il-Qorti tissejjaħ għal kull każ partikolari u tkun iffurmata minn **sitt membri tal-Kunsill tal-Istat** u **seba' membri tal-Qorti Suprema tal-Kassazzjoni,** li jkunu magħżula bix-xorti mill-**iSpeaker tal-Parlament** wara l-bidu tal-proċeduri legali. **Is-seduti jieħdu l-forma** ta' sessjoni pubblika tal-Parlament u jkunu mmexxija mill-membri taż-żewġ qrati supremi msemmija hawn qabel – li jridu jkunu maħtura jew promossi għar-rang tagħhom qabel is-sottomissjoni tal-proposta biex jinbdew proċeduri legali. Il-membri tal-qorti jittellgħu bix-xorti. L-ogħla membru minn fost dawk magħżula mill-Qorti Suprema tal-Kassazzjoni; jippresjedi; jekk aktar minn membru wieħed ikollu l-istess rang, jippresjedi l-anzjan fosthom. **Membru mill-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku tal-Qorti Suprema tal-Kassazzjoni** jew is-sostitut tiegħu jew deputat, it-tnejn magħżula bix-xorti, iservi bħala l-Prosekutur Pubbliku.

Din il-Qorti Speċjali għandha l-ġurisdizzjoni biex tiddeċiedi reati kriminali kommessi minn ministri tal-Gvern u d-deputati ministri, fil-qadi ta' dmirijiethom. Dan il-proċess kriminali jippresupponi li l-każijiet ikunu ġew imressqa quddiem din il-qorti mill-Parlament.

**Il-Qorti Speċjali tisma' kawżi dwar il-pagi tal-Uffiċjali Ġudizzjarji.**

Il-Qorti Speċjali għat-Tilwim dwar il-pagi tal-Uffiċjali Ġudizzjarji *(Ειδικό Δικαστήριο Μισθολογικών Διαφορών Δικαστικών Λειτουργών)* hija stabbilita skont l-**Artikolu 88 tal-Kostituzzjoni**.

Hija ffurmata mill-membri tal-Qorti Speċjali skont l-**Artikolu 99 tal-Kostituzzjoni,** bil-parteċipazzjoni addizzjonali ta' professur regolari tal-liġi u avukat ieħor.

Il-Qorti għandha ġurisdizzjoni tisma' **t-tilwim (ta' kull tip) dwar il-pagi (ta' kull tip)** u l-pensjonijiet ta**l-uffiċjali ġudizzjarji**, jekk is-soluzzjoni tal-kwistjoni legali x'aktarx taffettwa s-salarju, il-pensjoni jew l-istat tat-taxxa ta' numru kbir ta' uffiċjali.

**Bażijiet tad-dejta ġuridiċi**

Is-sitt elettroniku tal-Kunsill tal-Istat għandu aktar minn 250 000 deċiżjoni.

L-aċċess għall-bażi tad-dejta huwa **mingħajr ħlas**.

Dawn li ġejjin huwa s-siti elettroniċi tal-**Qrati Amministrattivi tal-Prim'Istanza Griegi ewlenin** *(διοικητικά πρωτοδικεία)*:

Qorti Amministrattiva tal-Prim'Istanza ta' Ateni
Qorti Amministrattiva tal-Prim'Istanza ta' Salonika
Qorti Amministrattiva tal-Prim'Istanza ta' Piraeus
Qorti Amministrattiva tal-Prim'Istanza ta' Patras
Qorti Amministrattiva tal-Prim'Istanza ta' Hrakleio
Qorti Amministrattiva tal-Prim'Istanza ta' Larisa
Qorti Amministrattiva tal-Prim'Istanza ta' Alexandroupoli
Qorti Amministrattiva tal-Prim'Istanza ta' Serres
Qorti Amminstrattiva tal-Prim'Istanza ta' Komotini *
Qorti Amministrattiva tal-Prim'Istanza ta' Kavala *
Qorti Amministrattiva tal-Prim'Istanza ta' Xanthi *
Qorti Amministrattiva tal-Prim'Istanza ta' Ioannina *

* Dawn is-siti għadhom qed jitlestew.

Is-servizzi li ġejjin jinsabu fuq is-sit elettroniku tal- Qorti Amministrattiva tal-Prim'Istanza ta' Ateni li huma:

Faċilitajiet ta' riċerka għall-ġurisprudenza;
Bullettini tal-ġurisprudenza.

Is-servizzi li ġejjin se jkunu disponibbli dalwaqt:

Ħruġ ta' ċertifikati;
Monitoraġġ tal-kawżi;
Arkivjar ta' dokumenti legali.

Fuq is-siti elettroniċi tal-qrati l-oħra, is-servizzi disponibbli huma:

Skedi tas-smigħ ta' kull ġurnata
Applikazzjoni elettronika għall-ħruġ taċ-ċertifikati;
monitoraġġ tal-kawżi.

Bosta mis-siti elettroniċi ta' hawn fuq fihom informazzjoni dwar il-ġurisdizzjoni tal-qrati, l-istorja, ir-regoli tal-proċedura, tabelli tal-organizzazzjoni, l-imħallfin attwalment fil-kariga; eċċ.

L-aċċess huwa ġeneralment mingħajr ħlas. Madankollu, l-użu tal-bażi tad-dejta ġuridika huwa riservat għall-Imħallfin u jeħtieġ softwer speċjali u kodiċi tal-identità għall-utenti.

Dawn huma s-siti elettroniċi **tal-Qrati Amministrattivi tal-Appell Griegi ewlenin** *(διοικητικά εφετεία)*:

Qrati Amministrattivi tal-Appell ta' Ateni

Qrati Amministrattivi tal-Appell ta' Salonika

Is-servizzi li ġejjin huma disponibbli:

Skedi tas-smigħ ta' kull ġurnata;

Applikazzjoni elettronika għall-ħruġ taċ-ċertifikati;

Monitoraġġ tal-kawżi.

L-aċċess huwa ġeneralment mingħajr ħlas. Madankollu, l-użu tal-bażi tad-dejta ġuridika huwa riservat għall-Imħallfin u jeħtieġ softwer speċjali u kodiċi tal-identità għall-utenti.

**Ħoloq relatati**

Il-Kunsill tal-Istat

Il-Qorti tal-Awditjar

L-aħħar aġġornament: 25/06/2018

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-traduttturi tagħna.

Jekk jogħġbok innota li dawn il-lingwi li ġejjin diġà ġew tradotti.

## Qrati speċjalizzati - Spanja

L-Artikolu 117 tal-Kostituzzjoni Spanjola tal-1978 jistabbilixxi l-prinċipju tal-unità ġurisdizzjonali bbażata fuq l-organizzazzjoni u l-operat tal-Qrati.

Taħt is-sistema legali Spanjola, il-ġurisdizzjoni ordinarja hija maqsuma f'ħames oqsma tal-liġi: ċivili, kriminali, amministrattiv, soċjali u militari.

Fi Spanja ma teżistix sistema ta' qrati straordinarji; madankollu, nistgħu nissottolinjaw li, minn fost is-sistemi ġurisdizzjonali msemmija, inħolqu Qrati speċjali bbażati fuq is-suġġett. Pereżempju, qrati li jittrattaw il-vjolenza kontra n-nisa, qrati bi dmirijiet speċjali fil-kwistjoni tal-għoti ta' sentenzi kriminali u qrati tal-minorenni. Dawn il-qrati jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni ordinarja iżda għandhom speċjalizzazzjoni bbażata fuq is-suġġett.

### Qrati speċjalizzati

**Il-*Ley orgánica del Poder Judicial* [Liġi Organika dwar il-Ġudikatura] tipprovdi għall-eżistenza tal-qrati speċjalizzati li ġejjin:**

#### IL-QRATI KUMMERĊJALI

Il-Qrati Kummerċjali, li ilhom jaħdmu mill-1 ta' Settembru 2004, huma organi legali speċjalizzati. Huma jagħmlu parti mis-sistema legali ċivili.

#### FIRXA TERRITORJALI

B'mod ġenerali, f'kull provinċja, b'ġurisdizzjoni madwar il-provinċja u l-bażi tagħha fil-kapitali tal-provinċja, se jkun hemm qorti kummerċjali waħda jew aktar. Huma jistgħu jiġu stabbiliti wkoll fi bliet oħra li ma jkunux il-kapitali tal-provinċja meta l-ħtiġijiet tan-nies, l-eżistenza ta' ċentri industrijali jew kummerċjali u l-attività ekonomika jitolbu dan, bil-firxa tal-ġurisdizzjoni tagħhom tiġi stabbilita f'kull każ.

Jistgħu jitwaqqfu qrati kummerċjali li jestendu l-ġurisdizzjoni tagħhom f'żewġ provinċji jew aktar fl-istess komunità awtonoma.

#### OQSMA TA' ĠURISDIZZJONI

Il-qrati kummerċjali jisimgħu każijiet li jinqalgħu b'rabta ma' **kwistjonijiet ta' kompetizzjoni**, fil-kundizzjonijiet speċifikati fil-liġi li tirregolahom.

**Il-qrati kummerċjali jisimgħu wkoll kwistjonijiet li jaqgħu fil-qasam ta' ġurisdizzjoni tas-sistema ġurisdizzjonali ċivili, fost l-oħrajn fir-rigward ta'** talbiet li fihom id-drittijiet ta' azzjoni jiġu eżerċitati fir-rigward ta' kompetizzjoni mhix ġusta, proprjetà industrijali, proprjetà intellettwali u reklamar, kif ukoll dawk il-kwistjonijiet kollha li, f'din is-sistema ġurisdizzjonali, jippromwovu l-ambitu tar-regoli regolatorji tal-kumpaniji u l-kooperattivi kummerċjali.

Il-qrati kummerċjali għandhom ġurisdizzjoni sabiex **jirrikonoxxu u jinfurzaw sentenzi barranin u deċiżjonijiet oħra legali u tal-arbitraġġ**, meta dawn ikunu jirrigwardaw kwistjonijiet fil-qasam tal-ġurisdizzjoni tagħhom, sakemm ma jkunux iridu jinstemgħu minn qorti oħra f'konformità ma' trattati internazzjonali u regoli oħra.

#### APPELLI

Il-Qrati Provinċjali jisimgħu l-appelli li l-liġi tistabbilixxi kontra sentenzi mogħtija fl-ewwel istanza mill-qrati kummerċjali, bl-eċċezzjoni ta' dawk maħruġa f' każijiet ta' insolvenza li jsolvu kwistjonijiet relatati max-xogħol, li għalihom waħda jew aktar mis-Sezzjonijiet tagħha trid tkun speċjalizzata, skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 98 tal-*Ley Orgánica del Poder Judicial* [Liġi Organika dwar il-Ġudikatura].

Jistgħu jitressqu appelli oħra kif stabbilit mil-LOPJ (Liġi Organika dwar il-Ġudikatura] f'dawk il-każijiet speċifikati fiha.

#### IL-QRATI TAT-TRADEMARK KOMUNITARJA

Il-*Juzgados de Marca Comunitaria* [Qrati tat-Trademark Komunitarja] huma l-Qrati Kummerċjali għaż-żona ta' Alicante sakemm huma jeżerċitaw il-ġurisdizzjoni tagħhom sabiex jisimgħu esklussivament u fl-ewwel istanza dawk il-każijiet kollha li jinġiebu taħt id-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill nru. 40/94, tal-20 ta' Diċembru 1993, dwar it-trademark komunitarja, u r-Regolament tal-Kunsill nru. 6/2002, tat-12 ta' Diċembru 2001, dwar id-disinji komunitarji.

Fl-eżerċizzju ta' din il-ġurisdizzjoni, il-qrati msemmija jestendu l-ġurisdizzjoni tagħhom għat-territorju nazzjonali kollu.

Huma jagħmlu parti mis-sistema ġurisdizzjonali ċivili.

Barra minn hekk, is-Sezzjoni jew Sezzjonijiet speċjalizzati tal-Qorti Nazzjonali Ogħla ta' Alicante tisma' wkoll, b'mod esklussiv u fit-tieni istanza, dawk l-appelli kollha li hemm referenza għalihom fl-artikolu 101 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) numru 40/94, tal-20 ta' Diċembru 1993, dwar it-Trademark Komunitarja, u r-Regolament tal-Kunsill (UE) 6/2002, tat-12 ta' Diċembru 2001, dwar id-Disinji Komunitarji. Fl-eżerċizzju ta' din il-ġurisdizzjoni, huma jestendu l-ġurisdizzjoni tagħhom għat-territorju nazzjonali kollu u għal dawk il-finijiet biss jissejħu Qrati tat-Trademark Komunitarja.

#### QRATI BI DMIRIJIET SPEĊJALI FIL-KWISTJONI TAL-GĦOTI TA' SENTENZI KRIMINALI:

Il-*Juzgados de Vigilancia Penitenciaria* [qrati bi dmirijiet speċjali fil-kwistjoni tal-għoti ta' sentenzi kriminali] għandhom ir-rwoli ġurisdizzjonali stipulati fil-*Ley General Penitenciaria* [liġi ġenerali dwar l-għoti ta' sentenzi kriminali] fil-kwistjoni tal-infurzar ta' sentenzi ta' kustodja u miżuri tas-sigurtà, il-kontroll ġurisdizzjonali fuq il-poter dixxiplinarju tal-awtoritajiet li jagħtu sentenzi kriminali, li tkopri d-drittijiet u l-benefiċċji tal-ħabsin u kwistjonijiet oħra kif speċifikati mil-Liġi. Huma jagħmlu parti mis-sistema ġurisdizzjonali kriminali.

#### LIMITI TERRITORJALI

F'kull provinċja, u fi ħdan is-sistema ġurisdizzjonali kriminali, hemm qorti waħda jew aktar bi dmirijiet speċjali fil-kwistjoni tal-għoti ta' sentenzi kriminali.

Fil-belt ta' Madrid, b'ġurisdizzjoni għal Spanja kollha, hemm *Juzgados Centrales de Vigilancia Penitenciaria* [qorti ċentrali bi dmirijiet speċjali fil-kwistjoni tal-għoti tas-sentenzi kriminali] waħda jew aktar.

#### OQSMA TA' ĠURISDIZZJONI

Il-qrati bi dmirijiet speċjali fil-kwistjoni tal-għoti ta' sentenzi kriminali għandhom ir-rwoli ġurisdizzjonali tagħhom stipulati fil-liġi ġenerali dwar l-għoti ta' sentenzi kriminali fil-kwistjoni tal-infurzar ta' sentenzi ta' kustodja u miżuri ta' sigurtà, il-kontroll ġurisdizzjonali fuq il-poter dixxiplinarju tal-awtoritajiet li jagħtu s-sentenzi, li tkopri d-drittijiet u l-benefiċċji tal-ħabsin u kwistjonijiet oħra kif speċifikati mil-Liġi.

**APPELLI**

Il-Qrati Provinċjali jisimgħu l-appelli stabbiliti bil-Liġi kontra deċiżjonijiet mogħtija mill-qrati provinċjali bi dmirijiet speċjali fil-kwistjoni tal-għoti ta' sentenzi kriminali.

L-appelli l-oħra previsti fil-LOPJ jistgħu jitressqu f'dawk il-każijiet stabbiliti fil-LOPJ.

**IL-*JUZGADOS DE MENORES* [QRATI TAL-MINORENNI]**

**LIMITI TERRITORJALI**

F'kull provinċja, b'ġurisdizzjoni madwar il-provinċja kollha u l-bażi tagħha fil-kapitali tal-provinċja, hemm Qorti waħda jew aktar tal-Minorenni.

Fil-belt ta' Madrid, b'ġurisdizzjoni għal Spanja kollha, hemm *Juzgado Central de Menores* [Qorti Ċentrali tal-Minorenni], li tisma' dawk il-każijiet assenjati lilha mil-leġislazzjoni li tirregola r-responsabbiltà kriminali tal-minorenni.

**OQSMA TA' ĠURISDIZZJONI**

Il-Qrati tal-Minorenni għandhom ġurisdizzjoni sabiex jisimgħu reati u offiżi żgħar imwettqa minn persuni ta' bejn 14 u 18-il sena.

L-Imħallfin fil-Qrati tal-Minorenni jridu jwettqu r-rwoli stipulati fil-liġijiet dwar minorenni li jkunu wettqu azzjonijiet klassifikati mil-liġi bħala reat jew offiża żgħira u tali azzjonijiet oħra li, bħal fir-rigward tal-minuri, huma assenjati lilhom mil-liġi.

**APPELLI**

Il-Qrati Provinċjali jisimgħu l-appelli stabbiliti bil-Liġi kontra deċiżjonijiet mogħtija mill-Qrati provinċjali tal-Minorenni.

L-appelli l-oħra previsti fil-LOPJ jistgħu jitressqu f'dawk il-każijiet stabbiliti fil-LOPJ.

**QRATI LI JITTRATTAW IL-VJOLENZA KONTRA N-NISA**

**LIMITI TERRITORJALI**

F'kull distrett hemm *Juzgados de Violencia sobre la Mujer* [Qorti li tittratta l-Vjolenza kontra n-Nisa] waħda jew aktar, ibbażati fil-kapitali tad-distrett u b' ġurisdizzjoni madwar it-territorju kollu. Huma jieħdu isimhom mill-isem tal-muniċipalità fejn ikunu bbażati.

Fid-distretti legali fejn ikun hemm biss *Juzgado de Primera Instancia e Instrucción* [Qorti tal-Prim Istanza u Investigazzjoni Preliminari], se tkun din il-qorti li tisma' l-kwistjonijiet li jaqgħu fil-ġurisdizzjoni tal-Qrati li jittrattaw il-vjolenza kontra n-nisa.

Huma jagħmlu parti mis-sistema ġurisdizzjonali kriminali.

**OQSMA TA' ĠURISDIZZJONI**

Taħt is-sistema kriminali, il-Qrati li jittrattaw il-Vjolenza kontra n-Nisa jisimgħu, f'kull każ skont il-proċeduri u l-appelli previsti fil-*Ley de Enjuiciamiento Criminal* [Kodiċi tal-Proċedura Kriminali], il-kwistjonijiet li ġejjin, fost l-oħrajn:

L-investigazzjoni ta' klejms ta' responsabbiltà kriminali li jirriżultaw minn reati kontenuti fit-titoli tal-Kodiċi Kriminali b'rabta mal-omiċidju, abort, korriment, korriment lil fetu, tiċħid tal-libertà, reati kontra l-integrità morali, reati sesswali jew kwalunkwe reat ieħor imwettaq bi vjolenza jew intimidazzjoni, fejn dawn ikunu twettqu kontra persuna li tkun jew li kienet il-mara tagħhom, jew mara li tkun jew li kienet marbuta mat-trasgressur b'relazzjoni emozzjonali komparabbli, anki mingħajr ma kienu jgħixu flimkien, kif ukoll dawk imwettqa fuq id-dixxendenti, tat-trasgressur jew tal-mara jew tas-sieħba li tikkoabita, jew fuq il-minorenni jew id-diżabbli li jgħixu mat-trasgressur jew soġġetti għas-setgħa, protezzjoni, tutela, kura jew ħarsien de facto tal-mara jew tas-sieħba li tikkoabita, inkluż fejn ikun seħħ att ta' vjolenza bbażat fuq is-sess tal-persuna.

L-investigazzjoni ta' klejms ta' responsabbiltà kriminali li jirriżultaw minn kwalunkwe offiża kontra d-drittijiet u d-dmirijiet tal-familja, meta l-vittma tkun xi waħda mill-persuni indikati bħala tali fil-paragrafu preċedenti.

Il-ħruġ tal-ordnijiet rilevanti ta' protezzjoni lill-vittmi, mingħajr preġudizzju għall-oqsma ta' ġurisdizzjoni attribwiti lill-Qorti tad-Dmir.

Il-qrati li jittrattaw il-Vjolenza kontra n-Nisa jistgħu jisimgħu taħt is-sistema ċivili, f'kull każ skont il-proċeduri u l-appelli previsti fil-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali, il-kwistjonijiet li ġejjin, fost l-oħrajn:

Il-parentela, il-maternità u l-paternità.

L-annullament taż-żwieġ, is-separazzjoni u d-divorzju.

Dawk li jirrigwardaw ir-relazzjonijiet bejn il-missier u t-tfal.

Dawk li jirrigwardaw il-ħtieġa għall-approvazzjoni tal-adozzjonijiet.

Il-qrati li jittrattaw il-vjolenza kontra n-nisa għandhom ġurisdizzjoni esklużiva u esklużjonarja taħt is-sistema ċivili meta l-kundizzjonijiet li ġejjin iseħħu fl-istess ħin:

Fil-każ ta' proċess ċivili li jirrigwarda xi wieħed mis-suġġetti speċifikati fil-paragrafu preċedenti.

Meta xi waħda mill-partijiet fil-proċeduri ċivili tkun il-vittma ta' atti ta' vjolenza abbażi tas-sess tal-persuna.

Meta xi waħda mill-partijiet fil-proċeduri ċivili tkun mixlija li hija l-perpetratur, l-instigatur jew il-kompliċi neċessarju għat-twettiq ta' atti ta' vjolenza bbażati fuq is-sess tal-persuna.

Meta quddiem il-Qrati li jittrattaw il-vjolenza kontra n-nisa jkunu tressqu azzjonijiet kriminali fir-rigward ta' reati jew offiżi żgħar li jirriżultaw minn att ta' vjolenza kontra n-nisa, jew tkun inħarġet ordni ta' protezzjoni fir-rigward ta' vittma ta' vjolenza bbażata fuq is-sess tal-persuna.

Meta l-Imħallef jiddeċiedi li l-azzjonijiet li jkun ġie infurmat bihom, fil-pubbliku, ma jikkostitwux espressjoni ta' vjolenza bbażata fuq is-sess tal-persuna, huwa jista' jiċħad it-talba, billi jirreferiha lill-organu legali rilevanti.

F'dawn il-każijiet mhijiex permessa medjazzjoni.

**APPELLI**

Il-Qrati Provinċjali jisimgħu l-appelli previsti mil-Liġi kontra sentenzi mogħtija minn Qrati Provinċjali li jittrattaw il-Vjolenza kontra n-Nisa.

Appelli oħra jistgħu jitressqu kif ipprovdut mil-LOPJ f'dawk il-każijiet speċifikati fiha.

**KORPI SPEĊJALIZZATI BI QBIL TAL-KUNSILL ĠENERALI TAL-ĠUDIKATURA**

Fi Spanja, mingħajr ebda effett fuq il-prinċipju tal-unità ġurisdizzjonali billi jkunu parti mill-ħames sistemi ġurisdizzjonali, jistgħu jitwaqqfu qrati speċjalizzati mhux biss billi jkunu maħluqa speċifikament bil-Liġi Organika dwar il-Ġudikatura, bħalma huwa l-każ tal-Qrati Kummerċjali, il-Qrati tal-Minorenni jew il-Qrati li jittrattaw il-Vjolenza kontra n-Nisa, iżda jistgħu jkunu wkoll ir-riżultat tal-ispeċjalizzazzjoni magħmula mill-Kunsill Ġenerali tal-Ġudikatura skont l-artikolu 98 tiegħu, bħal fil-każ tal-*Juzgados de Familia* [qrati tal-familja], il-*Juzgados de Ejecución Hipotecaria* [qrati għall-infurzar tal-ipoteki] jew il-*Juzgados de Ejecutorias* [qrati tal-infurzar].

**Qrati speċjali oħra**

L-Artikolu 117 tal-Kostituzzjoni Spanjola tal-1978 jistabbilixxi l-prinċipju tal-unità ġurisdizzjonali li hija l-bażi għall-organizzazzjoni u l-operat tal-Qrati.

Dan il-prinċipju huwa espress fl-eżistenza ta' ġurisdizzjoni waħda, magħmula minn korp waħdieni ta' mħallfin u maġistrati li jiffurmaw il-Qrati Ordinarji.

Madankollu, il-Kostituzzjoni nnifisha tipprovdi għall-eżistenza ta' sensiela ta' Qrati speċjali. Dawn huma korpi li jgawdu indipendenza u imparzjalità sħiħa u huma suġġetti kompletament għar-regoli tal-liġi.

Dawn il-Qrati huma:

**IL-QORTI KOSTITUZZJONALI**

Il-Qorti Kostituzzjonali Spanjola hija deskritta bħala organu li jinsab barra l-Ġudikatura ordinarja, iżda dotata b'karatteristiċi ġurisdizzjonali (artikolu 159 tal-Kostituzzjoni Spanjola tal-1978).

Hija l-interpretu suprem tal-Kostituzzjoni, indipendenti, unika fis-sistema tagħha u l-ġurisdizzjoni tagħha testendi għat-territorju nazzjonali kollu.

**KOMPOŻIZZJONI**

Hija magħmula minn tnax-il maġistrat maħtura mir-Re, li erbgħa minnhom huma proposti mill-Kungress, b'maġġoranza ta' 3/5 tal-membri tiegħu; erbgħa huma proposti mis-Senat, bl-istess maġġoranza; tnejn huma proposti mill-Gvern u tnejn mill-Kunsill Ġenerali tal-Ġudikatura, u huma jeleġġu president u viċi president minn fosthom.

**OQSMA TA' ĠURISDIZZJONI**

Il-Qorti Kostituzzjonali tisma' każijiet bil-manjiera u kif determinat mil-liġi, fosthom:

Appelli fuq kwistjonijiet ta' nuqqas ta' kostituzzjonalità kontra Liġijiet, dispożizzjonijiet jew atti regolatorji bis-saħħa tal-Liġi.

Appelli li jirrigwardaw il-vjolazzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet ċivili kif elenkati fl-artikolu 53.2 tal-Kostituzzjoni.

Tilwimiet kostituzzjonali dwar kompetizzjoni bejn l-Istat u l-Komunitajiet Awtonomi jew tilwimiet bejn il-Komunitajiet Awtonomi nfushom.

Tilwimiet bejn il-korpi kostituzzjonali tal-Istat.

Dikjarazzjonijiet dwar il-kostituzzjonalità tat-Trattati Internazzjonali.

Għal aktar informazzjoni: Il-Qorti Kostituzzjonali

**IL-QORTI TAL-VERIFIKA**

It-*Tribunal de Cuentas* [Qorti tal-Verifika] huwa l-organu fiskali suprem għall-kontijiet u l-ġestjoni ekonomika tal-Istat u s-Settur Pubbliku.

Mingħajr preġudizzju għall-ġurisdizzjoni tagħha stess, il-Qorti tal-Verifika taqa' fl-isfera tal-Poter Leġislattiv u taqa' direttament taħt il-Cortes Generales.

**KOMPOŻIZZJONI**

Hija magħmula minn tnax-il membru, *Consejeros de Cuentas* [awdituri], li sitta minnhom huma maħtura mill-Kungress tad-Deputati u sitta huma maħtura mis-Senat, u huma jgawdu l-prinċipji tal-indipendenza, il-permanenza tal-mandat u l-inkompatibilitajiet, bl-istess mod bħall-imħallfin.

**FUNZJONIJIET**

Il-Qorti tal-Verifika hija assenjata żewġ funzjonijiet:

Il-funzjoni fiskali, ikkaratterizzata mill-fatt illi hija esterna, permanenti u konsumatriċi, tikkonsisti fil-verifika ta' jekk l-attività ekonomika-finanzjarja tas-settur pubbliku tissodisfax il-kriterji tal-legalità, l-effiċjenza u l-ekonomija.

Il-funzjoni ġurisdizzjonali mhi xejn għajr il-proċess ta' responsabbiltà fiskali li jassumi min huwa responsabbli għall-immaniġġjar ta' proprjetà, ġid jew effetti pubbliċi, u hija maħsuba sabiex tikkumpensa fondi pubbliċi li tkun saritilhom ħsara bi tbagħbis, azzjonijiet inkorretti, inkompleti jew mhux ġustifikati, jew b' kawżi jew azzjonijiet oħra.

Għal aktar informazzjoni: Qorti tal-Verifika.

**QRATI TAL-LIĠI MSEJSA FUQ ID-DRAWWA**

L-Artikolu 125 tal-Kostituzzjoni jirrikonoxxi lil dawn bħala wieħed mill-mezzi ta' parteċipazzjoni pubblika fl-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja.

L-Artikolu 19 tal-Liġi Organika dwar il-Ġudikatura jirrikonoxxi bħala Qrati tal-Liġi msejsa fuq id-Drawwa lit-*Tribunal de las Aguas de la Vega Valencia* [qorti li tirregola l-ilma fiż-żona tal-pjanura ta' Valencia] u l-*Consejo de Hombres Buenos de Murcia* [kunsill tal-irġiel tajba ta' Murcia].

**IL-QORTI LI TIRREGOLA L-ILMA FIŻ-ŻONA TAL-PJANURA TA' VALENCIA**

Taġixxi fil-limiti territorjali ta' Valencia.

Hija tikkonsisti fi tmien sindakati ta' ħaddiema fil-biedja eletti demokratikament mill-ġesturi tal-Huerta Valenciana [reġjun fertili ta' Valencia] u l-oqsma ta' ġurisdizzjoni tagħha huma t-tqassim ekwu tal-ilma bejn id-diversi sidien tal-artijiet agrikoli, is-soluzzjoni ta' kwistjonijiet fattwali bejn il-ġesturi nfushom u l-impożizzjoni tas-sanzjonijiet rilevanti għall-ksur tar-Regolamenti dwar l-Irrigazzjoni.

**IL-KUNSILL TAL-IRĠIEL TAJBA TA' MURCIA**

Il-Kunsill tal-Irġiel Tajba ġie istituzzjonalizzat u rregolat mill-1849 bħala l-organu suprem għall-Ġustizzja fiż-żona fertili ta' Murcia. Il-Kunsill huwa ffurmat minn President, Segretarju u ħames Membri.

Il-Kunsill tal-Irġiel Tajba ta' Murcia jagħmel is-seduti ta' smigħ tiegħu kull nhar ta' Ħamis fis-sala tal-laqgħat fil-Muniċipju u jsolvi kull każ fis-sessjoni ta' dik il-ġurnata jew mhux aktar tard mis-seduta ta' smigħ li jmiss. Id-deċiżjonijiet jinħarġu b'mod sħiħ u fuq bażi ta' vot maġġoritarju, għalkemm fil-każ ta' voti ndaqs, il-president għandu l-vot deċiżiv. Is-sanzjonijiet li jirriżultaw mill-ġustizzja fil-Kunsill tal-Irġiel Tajba ta' Murcia huma esklussivament ta' natura monetarja. Id-deċiżjonijiet li jinħarġu minn din il-qorti huma finali, fissi u infurzabbli.

Għal aktar informazzjoni: Il-Kunsill tal-Irġiel Tajba.

**Links relatati**

KUNSILL ĠENERALI TAL-ĠUDIKATURA FI SPANJA

QORTI KOSTITUZZJONALI SPANJOLA

QORTI SPANJOLA TAL-VERIFIKA

QRATI TAL-LIĠI MSEJSA FUQ ID-DRAWWA

L-aħħar aġġornament: 12/03/2019

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

## Qrati speċjalizzati - Franza

F'din it-taqsima inti għandek issib ħarsa ġenerali lejn il-qrati kostituzzjonali u amministrattivi fi Franza.

**Il-Kunsill Kostituzzjonali**

Il-**Kunsill Kostituzzjonali** [constitutional council], maħluq mill-**Kostituzzjoni tal-Ħames Repubblika** fl-4 ta' Ottubru 1958, mhuwiex fuq kwalunkwe ġerarkija ta' qrati ordinarji jew amministrattivi. F'dan is-sens, mhuwiex **Qorti Suprema**.

Il-Kunsill kostituzzjonali huwa magħmul minn **disa' membri** u jiġġedded b'terz kull tliet snin. Il-membri huma maħtura, għal **disa' snin mhux rinnovabbli**, rispettivament mill-President tar-Repubblika u l-presdient ta' kull wieħed mill-assemblej tal-Parlament (is-Senat u l-Assemblea nazzjonali). Il-**Presidenti tar-Repubblika preċedenti** huma bi dritt parti mill-Kunsill Kostituzzjonali, meta ma jaqdux xi funzjonijiet li huma inkompatibbli mal-mandat tagħhom bħala membru tal-Kunsill; inkella huma ma jistgħux jaqdu dmirhom bħala membri.
**Il-President tal-Kunsill Kostituzzjonali** jinħatar mill-President tal-Kunsill minn fost il-membri tagħha.
**Ma hemm l-ebda rekwiżit ta' età jew dak professjonali** biex persuna ssir membru tal-Kunsill Kostituzzjonali. Ir-rwol tal-membru huwa madankollu **inkompatibbli** ma' li persuna tkun membru tal-Gvern jew tal-Kunsill Ekonomiku u Soċjali, kif ukoll ma' kull mandat elettorali. Il-membri huma wkoll soġġetti għall-istess inkompatibilitajiet professjonali bħall-membri tal-Assemblea Nazzjonali u tas-Senat.
Il-Kunsill Kostituzzjonali huwa **istituzzjoni permanenti**, u s-smigħ tiegħu jimxi skont il-pass tal-inkjesti mressqa quddiemhom. Huwa jiltaqa' u jisma' l-kwistjonijiet biss f'**seduta plenarja**. Id-deliberazzjonijiet huma soġġetti għal **regola ta' kworum** skont liema, **seba' mħallfin** iridu jkunu preżenti. Fil-każ ta' parità, il-President għandu jkollu l-vot deċiżiv. L-ebda opinjoni dissenti ma hija permissibbli. L-argumenti orali fis-sessjoni jew fis-seduta plenarja u l-votazzjoni **mhumiex miftuħin għall-pubbliku u lanqas ma huma ppubblikati**.
**Il-proċedura hija bil-miktub u ssegwi prinċipji avversarjali**. Madankollu, b'rabta ma' kwistjonijiet elettorali ta' kontenzjoni, il-partijiet jistgħu jagħmlu sottomissjonijiet orali. Barra minn hekk, meta jiġu evalwati l-kwistjonijiet prijoritarji tal-kostituzzjonalità, il-partijiet jew ir-rappreżentanti tagħhom jinstemgħu fis-smigħ.
F'termini ta' ġurisdizzjoni, il-**prerogattivi** tal-Kunsill Kostituzzjonali jistgħu jinqasmu f'żewġ kategoriji:

### Kompetenza ġurisdizzjonali li tkopri żewġ tilwimiet distinti:

#### Tilwima dwar leġiżlazzjoni

Ir-**reviżjoni kostituzzjonali** preventiva hija proċess teoretiku. Mhijiex obbligatorja għal-leġiżlazzjoni ordinarja, xogħol internazzjonali, iżda obbligatorja għal-liġijiet u regolamenti proċedurali taż-żewġ Kmamar tal-Parlament. Hija ssir wara li l-Parlament ikun ivvota, iżda qabel ma l-liġi tidħol fis-seħħ jew tkun ratifikata jew ix-xogħol internazzjonali jkun approvat jew ir-regolamenti Parlamentari jidħlu fis-seħħ. Għal kwistjonijiet mhux obbligatorji, tista' ssir applikazzjoni jew minn awtorità politika (President tar-Repubblika, Prim Ministru, President tal-Assembla Nazzjonali jew tas-Senat), jew minn 60 deputat jew 60 senatur.
Ir-**reviżjoni tal-kostituzzjonalità** f'każi eċċezzjonali ġiet stabbilita fl-1 ta' Marzu 2010, bid-dħul fis-seħħ tal-kwistjoni preliminari tal-kostituzzjonalità. Wara din id-data, kwalunkwe litigant jista', matul l-iżvolġiment ta' istanza quddiem il-ġurisdizzjoni, jikkontesta l-konformità ta' dispożizzjoni leġiżlattiva għal-liġijiet u l-libertajiet li tiggarantixxi l-Kostituzzjoni. Din il-kwistjoni tista' tiġi riferuta lill-Kunsill kostituzzjonali b'approvazzjoni mill-Conseil d'État jew il-Qorti tal-Kassazzjoni li jiddeċiedi fi żmien tliet xhur.
**Bħala ġudikant tad-diviżjoni fl-oqsma ta' kompetenza** bejn atti u regolamenti, il-Kunsill Kostituzzjonali jista' jkollu kwistjoni riferuta għalih jew fil-kors tal-proċedura leġiżlattiva mill-President tal-Kamra li jkun qed jittratta dik il-proċedura (Assemblea Nazzjonali jew Senat) jew mill-Gvern, jew, a posteriori, mill-Prim Ministru biex iniżżel il-grad ta' dispożizzjoni leġiżlattiva.

#### Disputa b'rabta ma' elezzjoni jew referendum

Il-Kunsill Kostituzzjonali jiddeċiedi dwar ir-**regolarità tal-elezzjoni tal-President tar-Repubblika** u **dwar ir-referenda**, u jippronunzja r-riżultati tagħhom. Huwa jiġġudika wkoll ir-regolarita tal-elezzjoni, ir-rekwiżiti ta' eliġibilità u l-inkompatibilità tal-membri taż-żewġ Kmamar tal-Parlament.
Normalment miftuħa għall-eletturi kollha, l-applikazzjonijiet għall-Kunsill fi kwistjonijiet elettorali żdiedu ferm fin-numru minn mindu għaddiet il-leġiżlazzjoni li torganizza u tikkontrolla l-ispejjeż elettorali, li tagħha, il-Kunsill huwa l-qorti għal kandidati fl-elezzjonijiet parlamentari u presidenzjali (fuq appell).

### Rwol Konsultattiv

Il-Kunsill Kostituzzjonali jagħti opinjoni jekk jiġi uffiċjalment ikkonsultat mill-Kap tal-Istat dwar l-implemetazzjoni **tal-Artikolu 16 tal-Kostituzzjoni** (fuq il-**poteri plenarji** fi **żminijiet ta' kriżi**) u sussegwentement dwar id-deċiżjonijiet li għandhom jittieħdu f'dan il-qafas.
Iktar minn hekk, il-Gvern jikkonsulta lill-Kunsill fuq t**esti li huma relatati ma' kif l-elezzjoni tal-President tal-Ħames Repubblika għandha tkun organizzata** u **mar-referenda**.
Id-deċiżjonijiet kollha huma mressqa fl-istess forma, li tinkludi:
ċitazzjonijiet ta' testi applikabbli u passi proċedurali,
ir-raġunijiet mogħtija, li janalizzaw ir-raġunijiet bażi, stabbiliment tal-prinċipji applikabbli u tweġib għall-applikazzjoni,
dispożizzjoni operattiva diviża fi klawsoli li jiddikjaraw id-deċiżjoni adottata.
Id-deċiżjonijiet jorbtu lill-istituzzjonijiet tal-gvern u lill-awtoritajiet amministrattivi u ġudizzjali kollha. Mhumiex miftuħin għal **kwalunkwe appell**. **L-awtorità ta' res judicata** ma tapplikax biss għall-parti operattiva tad-deċiżjoni, iżda wkoll għall-argumenti li jipprovduha bil-bażi neċessarja. Madankollu, il-Kunsill Kostituzzjonali taċċetta talbiet għall-korrezzjoni ta' żball materjali.
Dispożizzjoni li tiġi ddikjarata inkostituzzjonali fil-qafas tar-reviżjoni preventiva ma tistax tiġi promulgata u lanqas implimentata.
Dipożizzjoni li tiġi ddikjarata inkostituzzjonali wara kwistjoni preliminari ta' kostituzzjonalità tiġi revokata b'effett mill-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill kostituzzjonali jew ta' data ulterjuri stabbilita minn din id-deċiżjoni. Il-Kunsill kostituzzjonali jiddetermina l-kundizzjonijiet u l-limiti li bihom l-effetti li pproduċiet id-dispożizzjoni jkunu suxxettibbli li jiġu kkontestati.
L-effett tad-deċiżjonijiet f'disputi elettorali jvarja minn annullament tal-karti tal-vot, għal annullament tal-elezzjonijiet infushom, u jista' jinkludi dikjarazzjoni li kandidat huwa ineliġibbli u/jew li uffiċjal elett għandu jirriżenja mill-kariga.
Id-deċiżjonijiet **jingħataw** lill-partijiet u jiġu **ppubblikati** fil-**Ġurnal Uffiċjali tar-Repubblika Franċiża**, flimkien mat-test tal-applikazzjoni parlamentari u l-osservazzjonijiet tal-Gvern meta jkun qed jaġixxi f'sorveljanza preventiva.
Finalment, id-deċiżjonijiet kollha mill-ħolqien tal-Kunsill huma disponibbli fuq is-sit elettroniku tal-Kunsill kostituzzjonali.

## Qrati Amministrattivi

### Funzjonijiet tal-qrati amministrattivi

Ir-reviżjoni ta' att tal-amministrazzjoni hija magħmula mill-**qrati amministrattivi li huma indipendenti mill-amministrazzjoni** (is-separazzjoni tal-funzjonijiet amministrattivi u ġudizzjali) u distinti mill-qrati ordinarji (magħrufin bħal duwaliżmu ġurisdizzjonali). Ir-reviżjonijiet jistgħu jsiru wkoll mill-korpi amministrattivi, iżda d-deċiżjonijiet ta' dawn il-korpi jiġu mbagħad soġġetti għal reviżjoni ġudizzjali.
Il-**Qorti Amministrattiva tal-Prim'Istanza** hija l-q**orti tal-liġi amministrattiva ġenerali tal-Prim'Istanza**. Il-**qrati amministrattivi speċjalizzati** huma bosta u varji, u jinkludu:
il-**qrati finanzjarji** (Uffiċċju Reġjonali tal-Awdituri u l-Qorti tal-Awdituri),
il-**qrati tal-ħarsien soċjali** (kumitajiet dipartimentali u kumitat ċentrali għall-ħarsien soċjali),
il-**qrati dixxiplinarji** professjonali (Qorti tad-Dixxiplina tal-Baġit u d-Dixxiplina Finanzjarja, il-Kunsill Suprem tal-Ġudikatura, korpi dixxiplinarji professjonali, qrati tal-università, eċċ).

Bħala regola ġenerali, id-deċiżjonijiet tagħhom jistgħu jkunu appellati quddiem il-**Qrati Amministrattivi tal-Appell**, li d-deċiżjonijiet tagħhom jistgħu min-naħa tagħhom jiġu riveduti fuq punt ta' liġi (kassazzjoni) quddiem il-**Conseil d'Etat**. Minbarra r-rwol tal-kassazzjoni, fejn huwa jirrevedi biss l-applikazzjoni korretta tar-regoli ta' proċedura u l-liġi mid-deċiżjonijiet ikkontestati tal-qorti mressqa quddiemu, fl-istess mod bħall-Qorti tal-Kassazzjoni, il-Conseil d'Etat huwa wkoll il-qorti tal-ewwel u l-aħħar rikors għal ċerti disputi, bħal dawk relatati ma' miżuri regolatorji meħudin minn ministri.

**Disputi ġurisdizzjonali** bejn żewġ ordnijiet ġudizzjali huma solvuti mill-Qorti tal-Kunflitti, magħmula b'mod konġunt minn membri tal-Qorti tal-Kassazzjoni u l-Conseil d'Etat. Il-Kunsill kostituzzjonali għandu jiżgura l-konformità tal-liġijiet mal-Kostituzzjoni; huwa ma jiħux għarfien ta' atti jew azzjonijiet tal-amministrazzjoni.

## Struttura interna tal-qrati amministrattivi

Il-**Qrati Amministrattivi** (li hemm 42 minnhom) u l-**Qrati Amministrattivi tal-Appell** (li hemm 8 minnhom) huma organizzati f'**diviżjonijiet**. In-numri u ż-żoni tal-ispeċjalizzazzjoni jvarjaw u jiddependi mill-membri tal-qorti u l-għażliet tal-istruttura interna magħmula mill-kap tal-qorti. Fir-rigward tal-Conseil d'Etat, dan għandu biss taqsima waħda (it-Taqsima Kontenzjuża) b'funzjoni ġudizzjali (it-taqsimiet l-oħrajn, magħrufin bħala t-taqsimiet amministrattivi, jaqdu r-rwol konsultattiv tal-Conseil d'Etat).

It-**Taqsima Kontenzjuża** hija magħmula minn 10 sottotaqsimiet li jispeċjalizzaw fi kwistjonijiet kontenzjużi differenti. Sentenza fuq oqsma ta' liġi amministrattiva ġenerali tingħata minn tnejn minn dawn iż-żewġ sottotaqsimiet flimkien (disa' membri). jekk il-kwistjoni tkun aktar delikata jew sensittiva, din tista' tiġi ġġudikata fit-taqsima tal-litigazzjoni (laqgħa tal-presidenti tas-sottotaqsimiet, il-president tat-taqsima u tal-Viċi Presidenti tagħhom; 17-il membru) jew fl-Assemblée du contentieux (laqgħa tal-presidenti tat-taqsima mmexxija mill-Viċi President tal-Conseil d'Etat; 13-il membru).

## L-istatus tal-membri tal-ġurisdizzjonijiet amministrattivi

Tradizzjonalment il-membri tal-qrati amministrattivi mhumiex definiti bħala "imħallfin" fit-tifsira mogħtija mill-Kostituzzjonijiet Franċiża, minħabba li dan it-terminu huwa riservat għall-membri tal-qrati ordinarji. Minflok, l-istatus tagħhom ġej jiġi mill-funzjonijiet tagħhom bħala ħaddiema taċ-ċivil. Għal din ir-raġuni, it-testi leġiżlattivi li japplikaw għall-membri tal-qrati amministrattivi, għal żmien twil ma kinux jinkludu xi ilhom għal żmien twil ma jinkludu xi regoli speċjali differenti minn dawk li japplikaw għal tipi oħra ta' ħaddiema taċ-ċivil. Madankollu, matul is-snin 80, din is-sitwazzjoni evolviet biex issaħħaħ **l-indipendenza statutorja tal-membri tal-qrati amministrattivi**, biex it-tendenza ġenerali llum hija li jiġu trattati bħala mħallfin. Barra minn hekk, dan huwa kif xi testi legali jirreferu għalihom, u r-regoli kollha li jirregolaw kif huma jaqdu l-funzjonijiet tagħhom jiżguraw li huma għandhom indipendenza de facto.

Filwaqt li l-imħallfin tal-qrati ordinarji huma raggruppati flimkien f'korp wieħed, l-imħallfin amministrattivi jappartjenu għal żewġ korpi differenti: wieħed għall-membri tal-Conseil d'Etat u wieħed għall-membri tal-qrati amministrattivi komuni u l-qrati amministrattivi tal-appell.

Ir-regoli li japplikaw għal dawn iż-żewġ strutturi kienu għal ħafna żmien inklużi f'testi differenti, iżda l-membri tal-Conseil d'Etat, bħall-membri tal-qrati amministrattivi komuni u l-qrati amministrattivi tal-appell issa huma soġġetti għall-istess dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Ġustizzja Amministrattiva.

## Data banks legali f'dawn l-oqsma

Il-bażijiet ta' dejta legali fi Franza huma koperti minn servizz ta' disseminazzjoni pubblika fuq l-internet. Għalhekk is-sit elettroniku Légifrance jinkludi:

id-deċiżjonijiet tal-Conseil d'Etat, il-Qorti tal-Kunflitti, il-qrati amministrattivi tal-appell u għażla ta' deċiżjonijiet tal-qrati amministrattivi tal-Prim'Istanza fuq il-bażi ta' dejta "JADE" tiegħu.

id-deċiżjonijiet tal-Kunsill Kostituzzjonali fuq il-bażi ta' dejta "CONSTIT" tiegħu.

## L-aċċess għad-data bank huwa bla ħlas?

Iva l-aċċess għall-bank huwa bla ħlas.

### Deskrizzjoni fil-qosor tal-kontenut

Il-bażi ta' dejta "JADE" għandha stokk ta' 230 000 deċiżjoni u dħul annwali ta' 12 000 deċiżjoni, filwaqt li l-bażi ta' dejta "CONSTIT" għandha stokk ta' 3500 deċiżjoni u dħul annwali ta' 150.

### Links relatati

Kompetenza tal-Qorti - Franza

L-aħħar aġġornament: 17/01/2017

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-tradutturi tagħna.

Jekk jogħġbok innota li dawn il-lingwi li ġejjin diġà ġew tradotti.

## Qrati speċjalizzati - il-Kroazja

**Il-qrati speċjalizzati** huma l-qrati tal-kontravvenzjonijiet, il-qrati tal-kummerċ u t-tribunali amministrattivi bħala qrati tal-prim'istanza, u l-Qorti Superjuri tal-Kontravvenzjonijiet tar-Repubblika tal-Koazja, il-Qorti Superjuri tal-Kummerċ tar-Repubblika tal-Kroazja u t-Tribunal Superjuri Amministrattiv tar-Republika tal-Kroazja bħala qrati tal-appell.

## Il-kompetenzi differenti ġuriżdizzjonali:

Il-qrati tal-kontravvenzjonijiet - 61 qorti tal-kontravvenzjonijiet twaqqfu taħt l-Att dwar il-Qrati (il-Kompetenzi u s-Sede). Il-qrati tal-kontravvenzjonijiet fil-prim'istanza, jiddeċiedu dwar reati relatati mas-sigurtà fit-toroq, mal-ekonomija u mal-ordni pubbliku.

*L-Att għadu fis-seħħ iżda se jitħassar fl-1 ta' Lulju 2015, meta d-dispożizzjonijiet tal-* Att dwar il-Qrati (il-Kompetenzi u s-Sede) (OG 128/14) *jidħlu fis-seħħ.*

Il-qrati tal-kummerċ - hemm seba' qrati tal-kummerċ fir-Repubblika tal-Kroazja (f'Zagreb, Split, Rijeka, Osijek, Bjelovar, Varazdin, Zadar) li jiddeċiedu dwar tilwim ta' bejn il-kumpaniji, jiddeċiedu dwar mozzjonijiet sabiex jitwaqqfu jew jingħalqu kumpaniji, iżommu r-reġistri tal-qorti dwar il-kumpaniji, iwettqu proċeduri relatati mar-rikonoxximent ta' sentenzi minn qrati barranin u deċiżjonijiet ta' arbitraġġ dwar tilwim kummerċjali, iwettqu proċeduri ta' insolvenza u jipprovdu assistenza legali internazzjonali fil-ġbir tal-provi ta' kwistjonijiet kummerċjali u attivitajiet oħra.

It-tribunali amministrattivi - hemm erba' tribunali amministrattivi fir-Repubblika tal-Kroazja, f'Zagreb, Split, Rijeka u Osijek. Dawn it-tribunali jiddeċiedu dwar appelli kontra deċiżjonijiet individwali ta' korpi rregolati bid-dritt pubbliku, rikorsi kontra l-aġir ta' korpi rregolati mid-dritt pubbliku, appelli għax ma jiġux adottati deċiżjonijiet individwali u appelli kontra ftehimiet amministrattivi u kontra l-eżekuzzjoni ta' ftehimiet amministrattivi.

Il-Qorti Superjuri tal-Kontravvenzjonijiet tar-Repubblika tal-Kroazja, il-Qorti Superjuri tal-Kummerċ tar-Repubblika tal-Kroazja u t-Tribunal Superjuri Amministrattiv tar-Repubblika tal-Kroazja bħala qrati tat-tieni istanza jiddeċiedu dwar appelli kontra deċiżjonijiet tal-qrati tal-kontravvenzjonijiet u tal-kummerċ u tat-tribunali amministrattivi fil-Kroazja, u għandhom is-sede tagħhom f'Zagreb.

## Il-qrati tal-kontravvenzjonijiet

jiddeċiedu fil-prim'istanza dwar reati minuri, ħlief meta l-liġi tipprevedi li l-proċedimenti għall-kontravvenzjoni jitmexxew minn korp ieħor,

jipprovdu assistenza legali internazzjonali fil-proċedimenti ta' kompetenza ġuridika tagħhom u attivitajiet oħra speċifikati bil-liġi.

Il-qrati tal-kontravvenzjonijiet (274 Kb) hr

**Il-qrati tal-kummerċ**

Apparti l-ġuriżdizzjoni prevista permezz ta' liġijiet oħra, il-qrati tal-kummerċ:
jaġixxu fi kwistjonijiet ta' reġistrazzjoni u jżommu r-reġistri tal-qorti,
jiddeċiedu dwar l-entrati fir-Reġistru tal-Bastimenti u l-Jottijiet f'dawk il-kwistjonijiet li skont il-Kodiċi Marittimu jaqgħu taħt il-ġuriżdizzjoni tal-qrati tal-kummerċ, dwar il-limitazzjonijiet tar-responsabbiltajiet tas-sidien tal-bastimenti u l-ilmenti kontra d-deċiżjonijiet aħħarija dwar il-likwidazzjoni permezz tar-responsabbiltà proporzjonali, dejjem jekk il-liġi ma tipprevedix xort'oħra għal xi każ partikolari,
jiddeċiedu dwar applikazzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mat-twaqqif, l-operat u l-għeluq ta' kumpanija,
jiddeċiedu fi kwistjonijiet mhux kontenzjużi preskritti skont l-Att dwar il-Kumpaniji,
iwettqu proċeduri għar-rikonoxximent ta' sentenzi tal-qrati barranin, kif ukoll ta' deċiżjonijiet ta' arbitraġġ f'tilwim kummerċjali,
iżommu l-provi għall-proċedimenti li jaqgħu taħt il-ġuriżdizzjoni tagħhom,
jimponu miżuri protettivi fi proċedimenti u f'dawk il-proċedimenti li jaqgħu taħt il-ġuriżdizzjoni tagħhom,
jiddeċiedu dwar l-applikazzjonijiet ta' falliment u jwettqu proċedimenti ta' falliment,
jagħtu assistenza legali internazzjonali fil-ġbir tal-provi fi kwistjonijiet kummerċjali,
iwettqu obbligi oħra stipulati mil-liġi.

Il-qrati tal-kummerċ (192 Kb) hr

*Nixtiequ niġbdulek l-attenzjoni dwar netwerk ġdid ta' qrati muniċipali u tal-kummerċ, li jikkonsisti minn 24 qorti muniċipali u tmien qrati tal-kummerċ li se jitwaqqaf fl-1 ta' April 2015. Fl-1 ta' Lulju 2015 se jitwaqqaf netwerk ġdid ta' 22 qorti tal-kontravvenzjonijiet. Dawn huma rregolati* mill-Att dwar il-Qrati (il-Kompetenzi u s-Sede) (OG 128/14)

*L-informazzjoni mogħtija hawnhekk hija attwalment aġġornata u preċiża, iżda se tinbidel wara l-1 ta' April u l-1 ta' Lulju tal-2015.*

**It-tribunali amministrattivi**

jiddeċiedu dwar rikorsi kontra deċiżjonijiet individwali ta' korpi rregolati bid-dritt pubbliku,
jiddeċiedu dwar rikorsi kontra l-azzjonijiet ta' korpi rregolati bid-dritt pubbliku,
jiddeċiedu dwar appelli meta ma jiġux adottati deċiżjonijiet individwali jew meta parti minn korp irregolat bid-dritt pubblika ma jaġixxix sal-iskadenza statutorja,
jiddeċiedu dwar appelli li jittieħdu kontra ftehimiet amministrattivi u l-eżekuzzjoni ta' ftehimiet ammistrattivi.
jiddeċiedu f'każijiet oħra preskritti mil-liġi.

It-tribunali amministrattivi (180 Kb) hr

**Il-Qorti Superjuri tal-Kontravvenzjonijiet**

tiddeċiedi dwar appelli kontra deċiżjonijiet tal-qrati tal-kontravvenzjonijiet u tal-korpi amministrattivi pubbliċi li jiddeċiedu fi proċedimenti dwar reati ta' prim'istanza u l-appelli kontra d-deċiżjonijiet ta' awtoritajiet oħra meta jkunu preskritti b'liġi speċifika,
issolvi kunflitti ta' ġuriżdizzjoni bejn il-qrati tal-kontravvenzjonijiet,
tiddeċiedi dwar rimedji legali straordinarji kontra deċiżjonijiet finali u vinkolanti li għandhom x'jaqsmu ma' xi reat, meta preskritt b'liġi speċifika,
twettaq obbligi oħra stipulati mil-liġi.

Il-Qorti Superjuri tal-Kontravvenzjonijiet tar-Repubblika tal-Kroazja
Ulica Augusta Šenoe 30
10 000 Zagreb
Tel: +385 1 480 75 10
Faks: +385 1 461 12 91
Posta elettronika: predsjednik@vpsrh.pravosudje.hr
http://sudovi.pravosudje.hr/VPSRH/

**Il-Qorti Superjuri tal-Kummerċ tar-Repubblika tal-Kroazja**

tiddeċiedi dwar appelli kontra deċiżjonjiet li jittieħdu fil-prim'istanza mill-qrati tal-kummerċ
tiddeċiedi dwar kunflitti marbutin mal-ġuriżdizzjoni territorjali bejn qrati tal-kummerċ kif ukoll tiddeċiedi dwar it-trasferiment tal-ġuriżdizzjooni bejn il-qrati tal-kummerċ,
twettaq obbligi oħra stipulati fil-liġi.

Il-Qorti Superjuri tal-Kummerċ tar-Repubblika tal-Kroazja
Berislavićeva 11
10 000 Zagreb
Tel: +385 1 489 68 88
Faks: +385 1 487 23 29
http://www.vtsrh.hr/

**It-Tribunal Superjuri Amministrattiv tar-Repubblika tal-Kroazja**

jiddeċiedi dwar appelli kontra sentenzi tat-tribunali amminisrattivi u deċiżjonijiet li jista' jsirilhom appell,
jiddeċiedi dwar il-legalità ta' atti ġenerali,
jiddeċiedi dwar kunflitti ta' ġuriżdizzjoni bejn it-tribunali amministrattivi,
jiddeċiedi f'każijiet oħra preskritti mil-liġi.

It-Tribunal Superjuri Amministrattiv tar-Repubblika tal-Kroazja
Frankopanska 16
10 000 Zagreb
Tel: +385 1 480 78 00
Faks: +385 1 480 79 28
http://www.upravnisudrh.hr/

L-aħħar aġġornament: 20/07/2016

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-
tradutturi tagħna.
Jekk jogħġbok innota li dawn il-lingwi li ġejjin diġà ġew tradotti.

## Qrati speċjalizzati - Italja

Din it-taqsima tipprovdilek informazzjoni dwar l-organizzazzjoni tal-qrati speċjalizzati fl-Italja.

### Qrati speċjalizzati

L-Artikolu 102 tal-**Kostituzzjoni** jipprojbixxi l-istabbiliment ta' qrati ġodda 'straordinarji jew speċjali'. **Madankollu, fl-ambitu tal-entitajiet ġurisdizzjonali ordinarji, diviżjonijiet** jistgħu jiġu stabbiliti li jkunu jispeċjalizzaw f'setturi speċifiċi – jiġifieri, fil-preżenza tal-istess ġudikanti u ċ-ċittadini kwalifikati li ma jkunux membri tal-ġudikatura (pereżempju, id-diviżjonijiet agrarji speċjalizzati).

Ċerti qrati speċjali huma, fi kwalunkwe eventwalità, stabbiliti bl-Artikolu 103 tal-Kostituzzjoni. Dawn jinkludu l-qrati amministrattivi, il-qorti tal-Awdituri tal-Istat u l-qrati militari, li ġew stabbiliti qabel ma l-Kostituzzjoni daħlet fis-seħħ.

**Il-Qrati Militari** (*tribunali militari*), li għandhom il-ġurisdizzjoni biex quddiemhom jinstemgħu reati militari mwettqa minn membri tal-forzi armati, huma separati mill-ġudikatura ordinarja, u huma amministrati minn entità li tirregola lilha nfisha li jissejjaħ il-Kunsill Superjuri tal-Ġudikatura Militari (*Consiglio Superiore della Magistratura Militare*).

### Il-qrati amministrattivi

Il-qrati amminsitrattivi jittrattaw tilwim bejn partijiet privati u l-awtoritajiet pubbliċi rigward deċiżjonijiet li jittieħdu mill-amministrazzjoni pubblika

Il-qrati amminsitrattivi jikkunsidraw jekk miżura amminsitrattiva itteħditx kif suppost; huma ma jidħlux fil-meritu ta' jekk il-miżura hix opportuna. Rikors quddiem qorti amministrattiva titlob lill-qorti biex tirrevoka miżura amministrattiva abbażi tal-fatt li hija vizzjata minħabba nuqqas ta' ġurisdizzjoni *(incompetenza)*, ksur tal-liġi *(violazione di legge)*, jew abbuż ta' poter *(eccesso di potere).*

Bħala regola ġenerali, it-test li jiddistingwi l-ġurisdizzjoni ta' qrati ordinarji mill-ġurisdizzjoni tal-qrati amminsitrattivi hija n-natura tad-dannu invokat, jiġifieri jekk il-miżura amministrattiva tiksirx dritt *(diritto soggettivo)* jew biss interess leġittimu *(interesse legittimo)*: il-qrati amministrattivi jisimgħu kawżi li jinvolvu interessi leġittimi, għalkemm hemm ukoll xi oqsma oħra fejn dawn għandhom ġurisdizzjoni esklussiva.

Il-korp ta' ġudikanti amministrattivi li jirregola lilu nnifsu huwa l-Kunsill tal-Presidenza tal-Ġudikatura Amministrattiva (*Consiglio di Presidenza della Magistratura Amministrativa).*

Il-**Qrati amministrattivi reġjonali** (*tribunali amministrativi regionali*) huma qrati tal-ewwel istanza;

il-**Kunsill tal-Istat** (*Consiglio di Stato*) huwa qorti tat-tien'istanza.

**Il-Qorti tal-Awdituri u l-awtoritajiet fiskali għandhom il-ġurisdizzjoni fil-każi amminsitrattivi f'ċerti materji speċifiċi**

Il-**Qorti tal-Awdituri** *(Corte dei Conti)* tikkonsisti minn imħallfin u prosekuturi.li huma speċjalizzati fil-kontabbiltà. Ġie stabbilit l-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali *(Ufficio del procuratore generale)* b'funzjonijiet investigattivi u dan ġie marbut ma' din il-qorti. Dan l-aħħar saret riformata, u l-Qorti issa għandha diviżjonijiet reġjonali indipendenti *(sezioni regionali)* li jwettqu funzjonijiet ta' ġudizzju u ta' awditjar fl-oqsma tagħhom.

Il-korp tal-Qorti li jirregola lilu nnifsu huwa l-Kunsill tal-Presidenza *(Consiglio di Presidenza).*

Il-Qorti tal-Awdituri għandha l-kompetenza sabiex:

tirrevedi bil-quddiem il-konsistenza mal-liġi fir-rigward ta' sensiela wiesgħa ta' miżuri meħuda mill-gvern u entitajiet pubbliċi oħra

teżamina l-ġestjoni finanzjarja u l-assi tal-amministrazzjonijiet pubbliċi

tiddeċiedi dwar kwistjonijiet bħal kontijiet pubbliċi, pensjonijiet u r-responsabbiltà tal-impjegati tal-gvern u tal-uffiċjali tal-Istat jew ta' entitajiet pubbliċi oħra.

**L-awtoritajiet fiskali** *(commissioni tributarie)* għandhom ġurisdizzjoni fi kwistjonijiet li jirrigwardaw it-taxxi.

### Bażijiet tad-dejta legali

Fuq il-websajt tal-qrati militari, tista' ssib notamenti storiċi u informazzjoni dwar il-proċedimenti. Huwa wkoll possibbli li ssib rekords dwar il-każijiet kriminali ewlenin tal-gwerra (proċedimenti storiċi biss).

Is-sit elettroniku tal-qrati amministrattivi reġjonali u l-Kunsill tal-Istat joffri aċċess bla ħlas għall-kalendarju tas-seduti, kif ukoll għat-test integrat ta' sentenzi, deċiżjonijiet u digrieti f'tilwim bejn l-awtoritajiet pubbliċi u partijiet privati rigward miżuri li jittieħdu mill-amministrazzjoni pubblika.

Għal finijiet ta' protezzjoni tad-dejta, ir-riċerka dwar appelli attwali hija ristretta b'ċerti rekwiżiti.

Is-sit elettroniku tal-Qorti tal-Awdituri jippubblika d-deċiżjonijiet u s-sentenzi ewlenin tagħha. Dawn huma miftuħa għall-pubbliku bla ħlas

Is-sit elettroniku tal-Qorti tal-Awdituri jiffunzjona wkoll bħala portal għat-taqsimiet territorjali tal-Qorti, u fiha ħafna informazzjoni dwar il-kompetenzi u l-funzjonijiet ta' dawn l-organi

### Isem u URL tal-bażi tad-dejta

Taqsima tal-ġustizzja militari tas-sit elettroniku tal-Ministeru tad-Difiża

Is-sit elettroniku tal-qrati amministrattivi

L-aħħar aġġornament: 02/04/2019

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-
tradutturi tagħna.
Jekk jogħġbok innota li dawn il-lingwi li ġejjin diġà ġew tradotti.

## Qrati speċjalizzati - Ċipru

Fir-Repubblika ta' Ċipru (Κυπριακή Δημοκρατία) joperaw il-qrati speċjalizzati li ġejjin:

- Qorti tal-Familja (Οικογενειακά Δικαστήρια)
- Tribunal tat-Tilwim Industrijali (Δικαστήριο Εργατικών Διαφορών)
- Tribunal tal-Kontroll tal-Kera (Δικαστήριο Ελέγχου Ενοικιάσεων) u Qorti Militari (Στρατιωτικό Δικαστήριο).

### Qrati speċjalizzati

**Qorti tal-Familja**

Il-Qorti tal-Familja għandha ġurisdizzjoni esklużiva biex tisma' petizzjonijiet għal divorzju, kustodja tat-tfal, manteniment u tilwim dwar proprjetà bejn konjuġi li jkunu membri tal-Knisja Griega Ortodossa.

Jekk il-partijiet jappartjenu lil wieħed mill-gruppi reliġjużi l-oħra li hemm f'Ċipru, eż. l-Armeni, il-Maroniti jew il-Kattoliċi Rumani, il-ġurisdizzjoni għall-kwistjonijiet imsemmija iktar 'il fuq hi tal-Qorti tal-Familja għall-Gruppi Reliġjużi.

Hemm tliet Qrati tal-Familja, waħda għal Nicosia u għal Kyrenia, waħda għal Limassol u għal Paphos u waħda għal Larnaca u Famagusta. Hemm ukoll Qorti waħda tal-Familja għall-Gruppi Reliġjużi għal Ċipru kollu, ibbażata f'Nicosia.

Il-kawżi li jidhru quddiem il-Qorti tal-Familja jinstemgħu minn imħallef wieħed, ħlief il-petizzjonijiet għal divorzju, li jinstemgħu minn bord ta' tlitt imħallfin.

**Tribunal tat-Tilwim Industrijali**

It-Tribunal tat-Tilwim Industrijali għandu ġurisdizzjoni esklużiva biex jisma' t-tilwim industrijali kollu li jinqala' minħabba t-terminazzjoni ta' impjieg, bħall-ħlas ta' kumpens għal tkeċċija inġusta (ħlief fejn l-ammont mitlub jeċċedi l-ekwivalenti ta' sentejn salarju, f'liema każ il-ġurisdizzjoni tkun tal-Qorti Distrettwali), il-ħlas minflok avviż għal tmiem l-impjieg, il-ħlasijiet ta' sensja u l-pretensjonijiet li jirriżultaw mill-kuntratt tal-impjieg, bħal pagi akkumulati, btajjel annwali, is-salarju tat-13-il xahar jew il-bonuses. Huwa għandu wkoll ġurisdizzjoni biex jisma' kwalunkwe kawża ċivili bbażata fuq il-Liġi dwar il-Protezzjoni tal-Maternità (Ο περί Προστασίας της Μητρότητας Νόμος), kawżi ta' trattament mhux indaqs u ta' fastidju sesswali fil-post tax-xogħol u tilwim bejn il-Fondi tas-Sigurtà Soċjali (Ταμεία Πρόνοιας) u l-membri tagħhom.

It-Tribunal tat-Tilwim Industrijali huwa kompost minn President jew Imħallef, li jkun membru tas-Servizz Ġudizzjarju tar-Repubblika (Δικαστική Υπηρεσία της Δημοκρατίας), u minn żewġ membri popolari maħtura fuq ir-rakkomandazzjoni tal-unjins ta' min iħaddem u tal-impjegati. Il-membri popolari għandhom rwol konsultattiv biss.

Bħalissa fir-Repubblika hemm tliet Tribunali tat-Tilwim Industrijali, ibbażati f'Nicosia, f'Limassol u f'Larnaca.

**Tribunal tal-Kontroll tal-Kera**

It-Tribunal tal-Kontroll tal-Kera għandu ġurisdizzjoni biex jisma' kwistjonijiet rigward l-irkupru tal-pussess ta' proprjetà mikrija, id-determinazzjoni ta' kirjiet ġusti u kwalunkwe kwistjoni inċidentali jew addizzjonali oħra.

Kull Tribunal tal-Kontroll tal-Kera (li minnhom bħalissa hemm tlieta) huwa kompost minn President, li jkun membru tal-ġudikatura, u minn żewġ membri popolari nnominati mill-assoċjazzjonijiet tal-kerrejja u tas-sidien tal-kera. Iż-żewġ membri popolari għandhom rwol konsultattiv biss.

**Qorti Militari**

Il-Qorti Militari għandha ġurisdizzjoni biex tisma' kawżi rigward reati mwettqa mill-persunal militari bi ksur tal-Kodiċi Kriminali Militari (Στρατιωτικός Ποινικός Κώδικας), tal-Liġi dwar il-Gwardja Nazzjonali (Ο περί Εθνικής Φρουράς Νόμος), tal-Kodiċi Kriminali(Ποινικός Κώδικας) jew kwalunkwe liġi oħra, irrispettivament mis-sentenza mogħtija. Quddiem il-Qorti Militari jitressqu wkoll individwi privati meta dan ikun ipprovdut fil-Kodiċi Kriminali Militari jew fi kwalunkwe liġi oħra.

Jekk l-akkużat ikollu l-grad ta' kulunell jew grad ogħla, il-Qorti Militari tkun ikkostitwita bl-istess mod bħall-Qorti tal-Assiżi.

Il-President tal-Qorti jkun imħallef li jappartjeni lis-Servizz Ġudizzjarju tar-Repubblika. Żewġ uffiċjali tal-armata maħtura mill-Kunsill Suprem tal-Ġudikatura (Ανώτατο Δικαστικό Συμβούλιο) ukoll ikunu membri tal-Qorti, imma għandhom rwol konsultattiv biss.

**Qrati amministrattivi**

Il-petizzjonijiet għall-annullament ta' atti amministrattivi jinstemgħu fl-ewwel istanza minn imħallef wieħed tal-Qorti Suprema u f'sede ta' appell minn bord ta' ħamest imħallfin.

**Bażijiet tad-dejta legali**

Għad m'hemm l-ebda bażi tad-dejta legali uffiċjali. Hemm għadd ta' bażijiet tad-dejta legali privati, b'uħud minnhom jipprovdu servizzi lill-abbonati u oħrajn jipprovdu aċċess mingħajr ħlas.

Dawn jinkludu informazzjoni dwar sentenzi tal-qrati u leġiżlazzjoni primarja.

L-aħħar aġġornament: 23/07/2019

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

## Qrati speċjalizzati - Latvja

Din it-taqsima tipprovdik b'deskrizzjoni fil-qosor tal-qrati speċjalizzati fil-Latvja.

**Qrati speċjalizzati**

**Qorti Kostituzzjonali tar-Repubblika tal-Latvja**

Skont il-Kostituzzjoni tar-Repubblika tal-Latvja, il-Latvja għandha **Qorti Kostituzzjonali**, li hija istituzzjoni ġudizzjarja indipendenti li teżamina jekk il-kawżi li jaqgħu taħt il-ġuriżdizzjoni tagħha humiex konformi mal-Kostituzzjoni, u tisma' wkoll każijiet oħra assenjati lilha mil-liġi. Il-Qorti Kostituzzjonali tista' tiddikjara nulli u bla effett liġijiet u atti ġuridiċi oħra jew partijiet minnhom.

Skont l-Artikolu 16 tal-Liġi dwar il-Qorti Kostituzzjonali, il-Qorti Kostituzzjonali tisma' kawżi li jikkonċernaw:

il-kostituzzjonalità tal-liġijiet;

il-kostituzzjonalità ta' ftehimiet internazzjonali ffirmati jew konklużi mil-Latvja (sakemm dawk il-ftehimiet ikunu ġew approvati mis-*Saeima* (il-Parlament));

il-konformità tal-liġijiet u r-regolamenti jew partijiet tagħhom ma' regoli ogħla tal-liġi;

il-konformità mal-liġi ta' atti oħra tal-Parlament, il-Kabinett, il-President, l-Ispeaker tal-Parlament jew tal-Prim Ministru (ħlief atti amministrattivi);

il-konformità mal-liġi ta' ordnijiet li bihom Ministru bl-awtorizzazzjoni tal-Kabinett ikun issospenda d-deċiżjonijiet ta' kunsill lokali;

il-konformità tad-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali Latvjana ma' ftehimiet internazzjonali konklużi mil-Latvja li ma jkunux inkompatibbli mal-Kostituzzjoni.

Il-Qorti Kostituzzjonali hija ffurmata minn seba' mħallfin li jkunu ġew approvati mill-maġġoranza tal-Membri tal-Parlament (mill-inqas 51 vot). Tliet imħallfin huma approvati fuq proposta ta' mill-inqas għaxar Membri Parlamentari, tnejn fuq proposta tal-Kabinett, u tnejn oħra fuq proposta matul seduta tal-Qorti Suprema sħiħa. Il-kandidati proposti mill-Qorti Suprema jintgħażlu minn fost l-imħallfin ġewwa l-Latvja.

Il-Qorti Kostituzzjonali ma tistax tiftaħ proċedimenti *ex officio*; hija tisma' biss kawżi fuq rikors minn persuni awtorizzati mil-liġi. Skont il-leġiżlazzjoni fis-seħħ, rikors promotur għal proċedimenti quddiem il-Qorti Kostituzzjonali jista' jiġi ppreżentat minn:

il-President tal-Latvja;

is-*Saeima;*

tal-inqas għoxrin Membru Parlamentari;

il-Kabinett;

il-Prosekutur Ġenerali;

il-Kunsill tal-Uffiċċju tal-Awditjar tal-Istat;

kunsill lokali;

l-Ombudsman, jekk l-istituzzjoni jew l-uffiċjal li ppreżenta l-att kontestat ma jkunx ikkoreġa n-nuqqasijiet identifikati fi żmien l-iskadenza stabbilita mill-Ombudsman;

qorti li tisma' kawża ċivili, kriminali jew amministrattiva;

imħallef f'uffiċċju tar-reġistru tal-artijiet meta tiġi reġistrata propjetà immobbli u drittijiet relatati fir-reġistru tal-artijiet;
kull persuna fiżika jew ġuridika, jekk tkun seħħet vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tagħhom skont il-Kostituzzjoni;
il-Kunsill Ġudizzjarju (*Tieslietu padome*), fi ħdan l-iskop stabbilit mil-liġi.
Il-kawżi dwar il-kostituzzjonalità tal-liġijiet, ir-regolamenti tal-Kabinett u atti tal-Kabinett oħra, il-konformità tad-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni nazzjonali Latvjana mal-ftehimiet internazzjonali konklużi mil-Latvja li mhumiex kompatibbli mal-Kostituzzjoni, u l-kostituzzjonalità ta' ftehimiet internazzjonali ffirmati jew konklużi mil-Latvja (sakemm dawk il-ftehimiet ikunu approvati mis-*Saeima*) u l-liġijiet jew ir-regolamenti jew partijiet minnhom jiġu meqjusa mill-Qorti Kostituzzjonali f'seduta bil-membri kollha. Kawżi oħra jiġu eżaminati minn bord kompost minn tliet imħallfin, sakemm il-Qorti Kostituzzjonali ma tiddeċidix mod ieħor.
Is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali hija finali u tidħol fis-seħħ dakinhar li tingħata mill-Qorti Sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali u l-interpretazzjoni li jkun fiha ta' dispożizzjoni kontestata hija vinkolanti fuq il-korpi kollha tal-Gvern ċentrali u lokali (inkluż il-qrati) u l-uffiċjali, u fuq il-persuni fiżiċi u ġuridiċi.
Dispożizzjoni li l-Qorti Kostituzzjonali tiddikjara inkompatibbli ma regola ogħla tal-liġi hija meqjusa nulla mid-data li fiha tiġi ppubblikata s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali, sakemm il-Qorti Kostituzzjonali ma tiddeċidix mod ieħor. Jekk il-Qorti Kostituzzjonali tkun iddikjarat illi ftehim internazzjonali li ġie ffirmat jew konkluż mil-Latvja jmur kontra l-Kostituzzjoni, il-Kabinett irid jieħu passi immedjatament sabiex jemenda, jiċħad, jissospendi jew jirtira ruħu minn dak il-ftehim.

**Bażijiet tad-dejta legali**

**Isem u URL tal-bażi tad-dejta**

Kawżi quddiem il-Qorti Kostituzzjonali (funzjoni ta' tfittxija)

**L-aċċess għall-bażi tad-dejta huwa mingħajr ħlas?**

Iva, l-aċċess huwa **minghajr ħlas**.

**Il-kontenut tal-bażi tad-dejta fil-qosor**

Il-bażi tad-dejta fiha s-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali tar-Repubblika tal-Latvja.

**Informazzjoni addizzjonali**

Il-faċilità ta' tfittxija tal-bażi tad-dejta u s-sentenzi huma disponibbli bil-Latvjan u bl-Ingliż.

**Ħoloq**

Qorti Kostituzzjonali tar-Repubblika tal-Latvja

L-aħħar aġġornament: 09/08/2017
Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

## Qrati speċjalizzati - Litwanja

Din il-paġna tipprovdilek informazzjoni dwar il-qrati speċjalizzati tal-Litwanja.

**Qrati speċjalizzati**

Il- **Qorti Kostituzzjonali tar-Repubblika tal-Litwanja** (*Lietuvos Respublikos Konstitucinis Teismas*) tiżgura s-supremazija tal- **Kostituzzjoni** fis-sistema ġudizzjarja. Hija tiddeċiedi kwistjonijiet ta' ġustizzja kostituzzjonali billi tikkunsidra jekk il-liġijiet u l-atti leġiżlattivi l-oħra adottati mill-Parlament humiex konformi mal-Kostituzzjoni, u jekk l-atti adottati mill-President jew mill-Gvern tar-Repubblika humiex konformi mal-Kostituzzjoni u l-leġiżlazzjoni.

**Il-qrati amministrattivi**

Hemm sitt qrati amministrattivi fil-Litwanja:
il-Qorti Amministrattiva Suprema tal-Litwanja (*Lietuvos Vyriausiasis administracinis teismas*),
ħames qrati amministrattivi reġjonali.

**Il-Qorti Amministrattiva Auprema**

Il- **Qorti Amministrattiva Suprema** (*Vyriausiasis administracinis teismas*) hija l-qorti tal-ewwel u l-aħħar istanza għall-każijiet amministrattivi assenjati lill-ġuriżdizzjoni tagħha bil-liġi. Tisma' appelli minn deċiżjonijiet, digrieti u ordnijiet tal-qrati amministrattivi distrettwali, u minn deċiżjonijiet tal-qrati reġjonali f' każijiet li jinvolvu reati amministrattivi.
Il-Qorti Amministrattiva Suprema tisma' wkoll petizzjonijiet biex jerġgħu jinfetħu każijiet amministrattivi mitmuma, inklużi każijiet li jinvolvu reati amministrattivi f'oqsma speċifikati bil-liġi. Il-Qorti Amministrattiva Suprema żviluppat prattika uniformi għall-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tal-liġijiet u atti legali oħra.

**Il-qrati amministrattivi reġjonali (*apygardų administraciniai teismai*)**

**Qrati amministrattivi reġjonali** huma qrati ta' ġuriżdizzjoni speċjali. Il-funzjoni tagħhom hija li jisimgħu lmenti (petizzjonijiet) dwar azzjonijiet amministrattivi u atti ta' twettiq u ta' ommissjoni (nuqqas ta' twettiq ta' dmirijiet) minn entitajiet tal-amministrazzjoni pubblika u interna.
Il-qrati amministrattivi reġjonali jisimgħu tilwim fil-qasam tal- **amministrazzjoni pubblika** u jittrattaw kwistjonijiet relatati mal-legalità ta' atti amministrattivi regolatorji, tilwim fiskali u oħrajn.
Qabel ma jitressaq rikors quddiem qorti amministrattiva, l-atti legali jew azzjonijiet individwali mwettqa minn entitajiet tal-amministrazzjoni pubblika jistgħu jiġu kkontestati fl-istadju ta' qabel is-smiegħ. F'dawn il-każijiet, it-tilwim jiġi investigat minn kummissjonijiet muniċipali għat-tilwim pubbliku amministrattiv, kummissjonijiet distrettwali għat-tilwim amministrattiv u mill-**Kap tal-Kummissjoni għat-Tilwim Amministrattiv** (*Vyriausioji administracinių ginčų komisija*).

L-aħħar aġġornament: 18/02/2019
Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Jekk jogħġbok innota li l-verżjoni bil-lingwa oriġinali ta' din il-paġna fr ġiet emendata reċentement. Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-tradutturi tagħna.

## Qrati speċjalizzati - Lussemburgu

F'din is-sezzjoni ssibu deskrizzjoni qasira tal-qrati speċjalizzati fil-Lussemburgu.

**Qrati speċjalizzati**

**Qrati ordinarji**

**Il-Kunsill tal-Arbitraġġ u l-Kunsill Superjuri tas-Sigurtà Soċjali**

Il-**kontestazzjonijiet kollha fil-qasam tas-sigurtà soċjali** dwar l-isħubija jew ir-rekwiżiti, il-kontribuzzjonijiet, il-multi amministrattivi u l-benefiċċji, ħlief dawk koperti mill-Artikolu 317 jew marbuta mal-Artikoli 147 u 148 tal-Kodiċi dwar is-Sigurtà Soċjali, jinstemgħu mill-Kunsill tal-Arbitraġġ tas-Sigurtà Soċjali u, fl-appell, mill-Kunsill Superjuri tas-Sigurtà Soċjali. Id-deċiżjonijiet mogħtija fl-aħħar istanza mill-Kunsill tal-Arbitraġġ kif ukoll is-sentenzi tal-Kunsill Superjuri jistgħu jiġu appellati fil-kassazzjoni.

**Il-Qrati Amministrattivi**

**Il-Qorti Amministrattiva**

Sakemm mhux stabbilit xort'oħra mil-liġi, jista' jitressaq appell quddiem il-Qorti Amministrattiva, li qiegħda l-Lussemburgu, mid-deċiżjonijiet tat-Tribunal amministrattiv **li jħassar id-deċiżjonijiet**, mid-deċiżjonijiet amministrattivi individwali kif ukoll id-deċiżjonijiet mogħtija fir-rigward ta' natura regolatorja. Il-Qorti Amministrattiva tiddeċiedi wkoll fl-appell fuq kwistonijiet ta' **sustanza** fi proċedimenti li jattakkaw id-deċiżjonijiet ta' qrati amministrattivi oħra li jkunu semgħu talbiet għat-tħassir meta' l-liġijiet speċjali jagħtuhom din il-ġuriżdizzjoni.

L-avukati kollha li jistgħu jidhru quddiem it-Tribunali tal-Gran Dukat jistgħu jidhru wkoll quddiem il-Qorti Amministrattiva; madanakollu, l-"avukati mniżżla fil-lista I" tat-tabelli mħejjija kull sena mill-kunsilli tal-kmamar tal-avukati biss għandhom id-dritt li jmexxu proċedimenti preparatorji u proċedurali (rappreżentanza legali).

L-Istat huwa rappreżentat quddiem il-Qorti Amministrattiva minn uffiċjal tal-Gvern jew minn avukat.

**It-Tribunal Amministrattiv**

It-Tribunal Amministrattiv, li qiegħed il-Lussemburgu, jiddeċiedi dwar azzjonijiet imressqa minħabba inkompetenza, awtorità ultra vires, u abbuż ta' poter, ksur tal-liġi jew proċeduri maħsuba biex jipproteġu l-interessi privati, **kontra** kull **deċiżjonijiet amministrattivi** li għalihom ma hemmx aktar rimedji u kontra d-deċiżjonijiet amministrattivi ta' natura regolamentarja, tkun xi tkun l-awtorità li tkun ħarġithom. Bħala regola ġenerali huwa jisma' wkoll kwistjonijiet relatati ma' taxxi diretti u taxxi tal-komun oħra.

Jista' jsir appell mid-deċiżjonijiet tat-Tribunal Amministrattiv quddiem il-Qorti Amministrattiva.

It-Tribunal Amministrattiv jiddeċiedi l-mertu ta' rikorsi kontra d-deċiżjonijiet tad-Direttur tad-Dipartiment tat-taxxa diretta fejn il-liġi tippermetti rikors.

**Qrati speċjalizzati oħra**

**Il-Qorti Kostituzzjonali**

Il-Qorti Kostituzzjonali tiddeċiedi, permezz ta' sentenza, dwar il-**konformità tal-liġijiet mal-Kostituzzjoni**, ħlief dawk il-liġijiet li jirratifikaw it-trattati.

Meta waħda mill-partijiet tqajjem domanda relatata mal-konformità ta' liġi mal-Kostituzzjoni quddiem qorti ordinarja jew qorti amministrattiva, din l-istess qorti trid tirreferi d-domanda lill-Qorti Kostituzzjonali, sakemm ma tkunx tal-fehma illi: (a) mhix meħtieġa deċiżjoni dwar id-domanda mqajma sabiex tagħti s-sentenza tagħha; b) id-domanda m'ghandhiex bażi ġuridika; c) il-Qorti Kostituzzjonali diġà tat sentenza fuq domanda bl-istess għan.

Il-Qorti Kostituzzjonali hija ffurmata mill-President tal-Qorti Superjuri tal-Ġustizzja, il-Presdient tal-Qorti Amministrattiva, żewġ imħallfin mill-Qorti tal-Kassazzjoni u ħames maġistrati maħtura mill-Gran Dukat, fuq il-parir konġunt tal-Qorti Superjuri tal-Ġustizzja u l-Qorti Amministrattiva. Il-Qorti Kostituzzjonali għandha diviżjoni waħda b'ħames maġistrati.

**Il-bażijiet tad-dejta ġuridiċi f'dawn l-oqsma**

Ara t-taqsima fuq il-qrati tas-sit elettroniku tal-Ministeru tal-Ġustizzja.

**L-aċċess għall-bażi tad-dejta hija mingħajr ħlas?**

Iva l-aċċess għall-bażi tad-dejta huwa **mingħajr ħlas**.

**Deskrizzjoni qasira tal-kontenut**

Ara s-sit elettroniku tal- Kunsill tal-Arbitraġġ u l-Kunsill Superjuri tas-Sigurtà Soċjali.

Ara s-sit elettroniku tal- Qrati Amministrattivi.

Ara s-sit elettroniku tal- Qorti Kostituzzjonali.

**Ħoloq relatati**

Il-Ministeru tal-Ġustizzja

L-aħħar aġġornament: 27/03/2015

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

## Qrati speċjalizzati - Ungerija

Din it-taqsima tagħtik informazzjoni dwar l-organizzazzjoni tal-qrati speċjalizzati fl-Ungerija.

**Qrati speċjalizzati**

**Qrati amministrattivi u industrijali**

Il-Liġi Fundamentali tal-Ungerija tiddefinixxi s-sistema tal-qrati bħala struttura b'bosta livelli u tipprevedi *t-twaqqif ta' qrati speċjalizzati għal ċerti tipi ta' każijiet. Fi ħdan is-sistema tal-qrati, il-qrati amministrattivi u industrijali (közigazgatási és munkaügyi bíróságok) joperaw bħala qrati speċjalizzati.*

Il-qrati amministrattivi u industrijali ilhom attivi mill-1 ta' Jannar 2013. Qabel dan, il-kompiti tagħhom kienu jitwettqu mill-qrati industrijali u l-qrati .

Bħala qorti tal-prim'istanza, qorti amministrattiva u industrijali tisma' kawżi li jikkonċernaw ir-reviżjoni ġudizzjarja ta' deċiżjonijiet amministrattivi jew li jikkonċernaw ir-relazzjonijiet fl-impjiegi u relazzjonijiet ġuridiċi simili, kif ukoll kawżi oħra li jiġu riferuti għaliha bil-liġi. Il-qorti ġenerali, jew, fil-każijiet li jikkonċernaw reviżjoni ġudizzjarja, il-Qorti Suprema (Kúria) taġixxi bħala l-qorti tat-tieni istanza.

**Qorti Kostituzzjonali (Alkotmánybíróság)**

Il-Qorti Kostituzzjonali hija korp indipendenti li taħdem b'mod separat mis-sistema tal-qorti.

Il-Qorti Kostituzzjonali hija l-korp ewlieni għall-protezzjoni tal-Liġi Fundamentali u għandha s-sede tagħha f'Budapest.

Il-Qorti Kostituzzjonali tikkonsisti fi ħmistax-il membru eletti għal tnax-il sena b'maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri tal-Parlament Ungeriż. President jiġi elett minn fost il-membri tal-Qorti Kostituzzjonali b'maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri tal-Parlament. Il-mandat tal-President idum sat-tmiem tat-terminu tiegħu fil-kariga ta' Mħallef tal-Qorti Kostituzzjonali. Il-membri tal-Qorti Kostituzzjonali ma jistgħux ikunu membri ta' partiti politiċi jew iwettqu attivitajiet politiċi.

Id-dettalji tal-ġurisdizzjoni, l-organizzazzjoni u l-funzjonament tal-Qorti Kostituzzjonali huma stabbiliti f'liġijiet kardinali.

ir-reviżjoni tal-kostituzzjonalità tal-leġiżlazzjoni li ġiet adottata iżda li ma tkunx għadha ġiet promulgata;

ir-reviżjoni, fuq l-inizjattiva ta' mħallef, tal-kostituzzjonalità ta' atti ġuridiċi li għandha tiġi applikata f'każ speċifiku;

ir-reviżjoni, wara appell kostituzzjonali, tal-kostituzzjonalità ta' atti ġuridiċi li għandha tiġi applikata f'każ speċifiku;

ir-reviżjoni, wara appell kostituzzjonali, tal-kostituzzjonalità ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji;

ir-reviżjoni tal-kostituzzjonalità tal-leġiżlazzjoni fuq l-inizjattiva tal-Gvern, kwart mill-membri Parlamentari jew il-Kummissarju għad-Drittijiet Fundamentali (alapvető jogok biztosa);

ir-reviżjoni tal-konformità tal-leġiżlazzjoni mat-trattati internazzjonali;

l-eżerċizzju ta' setgħat oħra u t-twettiq ta' dmirijiet oħra previsti fil-Liġi Fundamentali jew f'liġijiet kardinali oħra.
Filwaqt li taġixxi fil-kompetenza tagħha skont il-punti (b), (c) u (d), il-Qorti Kostituzzjonali tneħħi l-atti legali u deċiżjonijiet leġiżlattivi oħra li jinstabu li jkunu fi ksur tal-Liġi Fundamentali;
filwaqt li taġixxi fil-kompetenza tagħha skont il-punt (d), hija tannulla d-deċiżjonijiet ġuridiċi li jinstabu li jkunu fi ksur tal-Liġi Fundamentali;
filwaqt li taġixxi fil-kompetenza tagħha skont il-punt (f), hija tista' tneħħi atti ġuridiċi u deċiżjonijiet leġiżlattivi oħra li jinstabu li jkunu fi ksur ta' trattat internazzjonali;
jew timponi l-konsegwenzi ġuridiċi stabbiliti mil-liġi kardinali.

**Bażi ta' dejta legali**

Tista' ssib aktar informazzjoni fil-websajt tal- Qorti Kostituzzjonali tar-Repubblika tal-Ungerija (Magyar Köztársaság Alkotmánybírósága).

**Links relatati**

Websajt uffiċjali tal-Qorti Kostituzzjonali tar-Repubblika tal-Ungerija

Websajt uffiċjali tal-qrati Ungeriżi

L-aħħar aġġornament: 06/04/2017

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

## Qrati speċjalizzati - Malta

Din it-taqsima tagħtik informazzjoni dwar l-organizzazzjoni tal-qrati speċjalizzati f'Malta.

**Qrati speċjalizzati**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Il-Qorti Kostituzzjonali** | It-tieni istanza Appell | Din il-qorti tisma' l-**appelli** rigward kawżi li jinvolvu allegat **ksur tad-drittijiet tal-bniedem, interpretazzjoni tal-Kostituzzjoni u invalidità tal-liġijiet.** Hija għandha ukoll ġurisdizzjoni oriġinali biex tiddeċiedi dwar **kwistjonijiet marbuta mal-membri tal-Kamra tar-Rappreżentanti** u dwar kwalunkwe rinviju li jsir għal quddiemha rigward il-votazzjoni għall-elezzjoni tal-membri tal-Kamra tar-Rappreżentanti. | Ippreseduta mill-Prim'Imħallef u minn żewġ imħallfin oħrajn |
| **Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili** | L-ewwel istanza | Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tittratta wkoll il-kawżi marbuta mal-allegat ksur tad-**drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali** li huma protetti mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertaijiet Fundamentali. | Ippreseduta minn imħallef |
| **Tribunal Industrijali** | L-ewwel istanza | Dan it-tribunal jisma' l-kawżi marbuta ma' **tkeċċija inġusta** u ma' **trattament diskriminatorju** jew **trattament illegali ieħor fil-post tax-xogħol.** | Ippresedut minn chairperson |
| **Bord li Jirregola l-Kera** | L-ewwel istanza | Il-Bord li Jirregola l-Kera jisma' l-kawżi marbuta ma' **bidliet fil-kundizzjonijiet tal-kirjiet**, inklużi ż-żidiet fil-ħlas tal-kera u t-terminazzjoni tal-kuntratt tal-kera. Dawn il-kawżi għandhom ikunu relatati mal-ftehimiet tal-kiri li saru qabel l-1 ta' Ġunju 1995. | Ippresedut minn maġistrat |
| **Bord ta' Arbitraġġ dwar Artijiet** | L-ewwel istanza | Il-Bord ta' Arbitraġġ dwar Artijiet jisma' l-każijiet li għandhom x'jaqsmu mal-**klassifikazzjoni tal-art esproprjata, l-iskop pubbliku ta' esproprjazzjoni** u mal-ammont ta' kumpens dovut lis-sid. | Ippresedut minn maġistrat |
| **Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba'** | L-ewwel istanza | Dan il-Bord jisma' l-każijiet li għandhom x'jaqsmu mal-**kirjiet tar-raba'** u mat-talbiet li jagħmlu s-sidien rigward it-terminazzjoni tal-kuntratt tal-qbiela. | Ippresedut minn maġistrat |
| **Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva** | L-ewwel istanza | Dan it-tribunal għandu s-setgħa li jistħarreġ l-**atti amministrattivi**. | Ippresedut minn imħallef jew minn maġistrat |
| **Tribunal ta' Arbitraġġ dwar il-Qsim ta' Wirt** | L-ewwel istanza | Dan it-Tribunal jisma' u jiddeċiedi kawżi marbuta mal-qsim ta' proprjeta miżmuma in komun bejn l-eredi ta' persuna mejta. | Ippresjedut minn arbitru |
| **It-Tribunal tal-Appell għall-Kompetizzjoni u għall-Konsumatur** | Appell | Dan it-Tribunal jisma' u jaqta' appelli minn deċiżjonijiet, ordnijiet jew miżuri tad-Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni) u d-Direttur Ġenerali (Affarijiet tal-Konsumatur). Id-deċiżjonijiet tat-Tribunal huma finali ħlief għal xi eċċezzjonijiet fejn appell minn deċiżjoni tat-Tribunal hu permess imma limitatament għal punt ta' liġi. | Ippresedut minn Imħallef u żewġ membri |
| **Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili** | L-ewwel istanza | Din hi qorti speċjali li tissorvelja fuq in-Nutara kollha, l-Arkivji Nutarili u r-Reġistru Pubbliku. Għandha l-awtorita li żżur u tispezzjona l-Arkivji Nutarili, r-Reġistru Pubbliku u uffiċċji tan-nutara kif ukoll li tapplika pieni dixxiplinari. Din il-Qorti għandha ukoll is-setgħa li tordna korrezzjonijiet ta' indikazzjonijiet żbaljati f' reġistrazzjonijiet fir-Reġistru Pubbliku. | Komposta minn membri msejjħa Viżitaturi |

## Qrati amministrattivi

**L-istħarriġ ġudizzjarju** huwa l-proċess li permezz tiegħu deċiżjoni ta' dipartiment, awtorità jew aġenzija tal-gvern tista' tiġi mistħarrġa u fl-aħħar mill-aħħar irrevokata mill-qrati jekk jinsab li tkun illegali.

L-azzjoni hija disponibbli għal kull min ikollu xi lment rigward deċiżjoni jew azzjoni tal-gvern li tikkonċernah. L-Artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta huwa l-artikolu operattiv tal-Liġijiet ta' Malta li jagħti tali setgħa lill-qrati. Madankollu anki fin-nuqqas ta' din id-dispożizzjoni leġislattiva, l-istħarriġ ġudizzjarju jista' jitqies bħala **setgħa inerenti tal-qrati** fuq il-bażi tad-duttrina tas-separazzjoni tal-poteri li ġeneralment jadottaw l-Istati demokratiċi.

Il-qrati ordinarji – jiġifieri l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili – għandhom ġurisdizzjoni f'dawn il-kwistjonijiet, bid-dritt li jappellaw quddiem il-Qorti tal-Appell.

L-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2009 u jipprovdi għat-twaqqif tat-**Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**. Dan it-tribunal indipendenti u imparzjali jirrivedi l-atti amministrattivi rinvjiati għal quddiemu minn kwalunkwe persuna li jkollha lment u jagħti wkoll deċiżjonijiet dwar it-tilwim li jiġi rinvijat quddiemu. Huwa ppresedut minn persuna li hija, jew kienet, imħallef jew maġistrat f'Malta. L-appell mid-deċiżjonijiet tat-Tribunal jista' jsir lill-Qorti tal-Appell.

## Qrati speċjali oħra

### It-tribunali lokali

It-tribunali lokali huma parti integrali mis-sistema ġudizzjali f'Malta. Dawn jistgħu jiġu kkunsidrati bħala **estensjoni tal-qrati**, u jittrattaw ir-reati li, għalkemm ikunu trivjali, jistgħu jagħtu fastidju kbir lill-pubbliku ġenerali. It-tribunali lokali huma ppreseduti minn Kummissarju għall-Ġustizzja li jinħatar għal sentejn u jitneħħa mill-kariga bl-istess mod u għall-istess raġunijiet kif maġistrat  jista' jitneħħa mill-kariga.  Dan jiggarantixxi li kull ċittadin jingħata l-possibiltà li jsemma' l-ilmenti speċifiċi li jkollu filwaqt li jkun żgurat li jiġu rispettati l-prinċipji fundamentali ta' smigħ xieraq. Hemm disa' tribunali lokali li jiggruppaw diversi kunsilli lokali flimkien.

## Bażijiet tad-dejta legali

Jekk jogħġbok irreferi għall-paġna Maltija "**Organizzazzjoni tal-ġustizzja fl-Istati Membri – Malta**" fejn għandek issib informazzjoni dettaljata dwar u *links* għall-bażijiet tad-dejta rilevanti.

## Links relatati

- Ministeru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali
- Servizzi tal-Qorti
- Servizzi tal-Qorti - Sentenzi Online
- Servizzi tal-Qorti - Proċeduri tal-Qorti
- Servizzi tal-Qorti - Użu tal-Awli
- Servizzi tal-Qorti - Statistika
- Servizzi tal-Qorti - Bejgħ b'subbasti
- Servizzi tal-Qorti - Formoli Ċivili (bil-Malti)
- Servizzi Legali (Liġijiet ta' Malta)

L-aħħar aġġornament: 11/08/2016

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

# Qrati speċjalizzati - Olanda

Din it-taqsima tagħtik informazzjoni dwar l-organizzazzjoni tal-qrati speċjalizzati fl-Olanda.

## Qrati amministrattivi

Il-qrati amministrattivi fl-Olanda huma:

il-**Qorti distrettwali** (Rechtbank): l-ewwel istanza għall-kawżi amministrattivi kollha

il-**Qorti tal-Appell** (Gerechtshof): il-qorti tal-appell għal kawżi dwar taxxi

il-**Qorti Suprema** (Hoge Raad): il-qorti suprema għal kawżi dwar taxxi

it-**Tribunal Ċentrali tal-Appelli** (Centrale Raad van Beroep): il-qorti tal-appell (u dik finali) għall-kawżi dwar is-sigurtà soċjali

it-**Tribunal tal-Appelli Kummerċjali u Industrijali** (College van Beroep voor het bedrijfsleven): il-qorti tal-appell (u dik finali) għal-liġi amministrattiva soċjo-ekonomika

id-**Diviżjoni tal-Ġurisdizzjoni Amministrattiva tal-Kunsill tal-Istat** (Afdeling Bestuursrechtspraak van de Raad van State): il-qorti tal-appell (u dik finali) għall-kawżi amministrattivi kollha li ma jiġux deċiżi minn qrati oħrajn tal-appell.

## Bażijiet tad-dejta legali

Tista' ssib l-informazzjoni li trid fis-sit web iddedikat għas- Sistema ġudizzjarja fl-Olanda.

## Links relatati

- Il-Ġudikatura Olandiża u l-Qorti Suprema tal-Olanda

L-aħħar aġġornament: 11/01/2017

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

# Qrati speċjalizzati - Awstrija

Din it-taqsima tagħtik informazzjoni dwar l-organizzazzjoni ta' qrati ċivili u kriminali fl-Awstrija.

## Qrati speċjalizzati

Fil-prinċipju, il-qrati kollha jittrattaw kull tip ta' kawża.

Iżda fl-ikbar bliet Awstrijaċi, ċerti qrati huma speċjalizzati:

fi Vjenna hemm ħames qrati bħal dawn, li jittrattaw kawżi ċivili, kawżi kriminali, kawżi kummerċjali (żewġ qrati) u kawżi dwar l-impjiegi u l-assistenza soċjali;

fi Graz hemm tnejn, waħda tittratta kawżi kriminali u l-oħra l-bqija tal-kawżi.

Il-kawżi dwar **l-impjiegi** jinkludu prinċipalment kwistjonijiet ċivili dwar relazzjonijiet fl-impjiegi kif definit fit-Taqsima 50 tal-Att dwar il-Qrati tal-Impjiegi u l-Assistenza Soċjali (*Arbeits- und Sozialgerichtsgesetz* — ASGG); huma jitmexxew permezz tar-regoli ta' proċedura tagħhom, simili għal dawk tal-kawżi ċivili iżda b'ċerti regoli addizzjonali magħhom.

Il-kawżi dwar l-impjiegi jiġu ppreżentati fl-ewwel istanza fil-qrati reġjonali *(Landesgerichte),* li s-sentenzi tagħhom jistgħu jiġu appellati fit-tieni istanza quddiem il-qrati reġjonali superjuri *(Oberlandsgerichte)* u finalment fit-tielet istanza quddiem il-Qorti Suprema *(Oberster Gerichtshof).* Id-Deċiżjonijiet jittieħdu minn

Bord *(Senat)* tal-qorti adattata magħmul minn imħallef professjonali wieħed jew iktar *(Berufsrichter)* u żewġ assessuri *(Laienrichter),* wieħed jirrappreżenta lill-organizzazzjonijiet tal-impjegaturi u l-ieħor lill-organizzazzjonijiet tal-impjegati.

Il-proċedura ta' appell f'kawżi dwar l-impjiegi hija simili għall-proċedura f'kawżi ċivili, iżda b'inqas restrizzjonijiet fuq l-appelli. Pereżempju, appell fuq punt tal-liġi *(Revision)* jista' jitressaq quddiem il-Qorti Suprema mingħajr ma jiġi kkunsidrat il-valur tal-kwistjoni sakemm il-kwistjoni dwar il-punt ta' liġi tkun ta' importanza sostanzjali.

Kawżi **dwar il-kummerċ** jinkludu prinċipalment kawżi ċivili li negozjant jagħmel parti minnhom kif definit fit-Taqsima 51 tal-Kodiċi tal-Ġuriżdizzjoni *(Jurisdiktionsnorm);* bi ftit eċċezzjonijiet, dawn jiġu trattati permezz ta' proċedura ċivili ordinarja. Meta tinstema' l-kawża minn Bord ta' waħda mill-qrati tal-ewwel jew it-tieni istanza, iżda mhux fil-Qorti Suprema, assessur mhux espert li jirrappreżenta n-negozjanti ikun preżenti mal-imħallfin professjonali.

Fi **proċeduri mhux kontenzjużi** *(Verfahren außer Streitsachen)* il-qrati għandhom jikkunsidraw kwistjonijiet ta' liġi privata li jiġu assenjati lilhom minħabba l-karatteristika speċjali tagħhom (ċerti soluzzjonijiet, kwistjonijiet ta' kustodja legali, u kawżi oħra li fihom normalment ma jkunx hemm żewġ partijiet b'interessi opposti).

Bħala regola ġenerali kawżi bħal dawn għandhom l-ewwel nett jitressqu fil-qrati distrettwali (*Bezirksgerichte*), u s-sentenzi tagħhom jistgħu jiġu appellati fil-qrati reġjonali u finalment fil-Qorti Suprema. Fl-ewwel istanza l-kawżi jiġu trattati minn imħallef wieħed preżenti, jew minn maġistrati msejħa *Rechtspfleger*, li jkunu uffiċjali bi kwalifiki speċifiċi; fit-tieni u t-telet istanza dawn jiġu kkunsidrati permezz ta' tliet jew ħames imħallfin professjonali.

Il-proċedura tal-appelli fi proċedimenti mhux kontenzjużi hija simili wkoll għal dawk fil-kawżi ċivili. Madankollu minħabba n-natura speċjali tal-proċedimenti, hemm inqas restrizzjonijiet fuq l-appelli. Huwa wkoll possibbli li fl-appell titressaq kwistjoni ġdida, li tmur lil hinn mill-argumenti u s-sottomissjonijiet imressqa mill-applikant fl-ewwel istanza.

Minħabba l-għadd ta' kawżi differenti li jiġu trattati permezz ta' proċedimenti mhux kontenzjużi wieħed isib bosta regoli speċjali li jmexxu oqsma partikolari.

## Qrati amministrattivi

Mill-1 ta' Jannar 2014 'l hawn, id-deċiżjonijiet tal-korpi amministrattivi ma baqgħux soġġetti għal appell fl-istruttura amministrattiva. Dawn jistgħu jiġu kkontestati billi jsir appell (*Beschwerde*) quddiem il-qorti amministrattiva federali jew reġjonali. Il-Qorti Amministrattiva tiddeċiedi l-kawża hija stess, minflok tirreferiha lura lill-awtorità li ħadet id-deċiżjoni kkontestata. Sentenzi tal-qrati amministrattivi taħt ċerti ċirkostanzi jistgħu jiġu appellati fuq punt ta' liġi quddiem il-Qorti Amministrattiva Suprema (*Verwaltungsgerichtshof*).

## Qrati speċjalizzati oħrajn

### Pożizzjoni speċjali

Il-Qorti Kostituzzjonali u l-Qorti Amministrattiva Suprema, għandhom pożizzjoni speċjali fis-sistema ġudizzjarja tal-Awstrija: magħrufa bħala "qrati ta' liġi pubblika" *(Gerichtshöfe des öffentlichen Rechts)* Dawn huma qrati indipendenti, iżda dawn — flimkien mal-qrati amministrattivi li ġew introdotti fl-1 ta' Jannar 2014 — ma jaqgħux taħt ir-responsabbiltà tal-Ministeru tal-Ġustizzja. Dawn huma indipendenti fl-organizzazzjoni tagħhom. It-tnejn li huma jinsabu fi Vjenna u għandhom ġurisdizzjoni fuq il-pajjiż kollu.

Il-ġurisdizzjoni tagħhom hija differenti minn dik tal-qrati ordinarji. Huma ma jiddeċidux dwar kwistjonijiet ċivili u u kriminali (lanqas bħala qrati tal-appell) iżda għandhom funzjonijiet speċjali fil-qasam tal-liġi pubblika. Mill-1 ta' Jannar 2015, madankollu, huwa possibbli taħt ċerti kundizzjonijiet għall-partijiet f'kawża deċiża minn qorti ordinarja sabiex jippreżentaw rikors f'qorti amministrattiva għall-annullament ta' statut jew regolament.

### Il-Qorti Kostituzzjonali

Il-kompitu primarju tal-Qorti Kostituzzjonali *(Verfassungsgerichtshof)*huwa li tikkontrolla l-konformità mal-kostituzzjoni u mad-drittijiet fundamentali. Hija tintalab speċifikatament biex teżamina l-kostituzzjonalità ta':

liġijiet federali u provinċjali,

regolamenti *(Verordnungen)* maħruġa minn entitajiet amministrattivi

deċiżjonijiet finali *(Bescheide)* meħudin minn entitajiet amministrattivi.

Jekk ikun meħtieġ il-qorti tista' twaqqa' dawn il-miżuri.

B'kuntrast għall-imħallfin tal-qrati l-oħra, l-imħallfin tal-Qorti Kostituzzjonali mhumiex imħallfin professjonali *(Berufsrichter)* iżda pjuttost imħallfin *honoris causa (Honoratiorenrichter).* Dawn huma personalitajiet distinti li diġà temmew karriera legali ta' suċċess f'funzjoni oħra. Il-parti l-kbira minnhom jeżerċitaw il-kariga tagħhom fuq bażi part-time u jistgħu jkomplu jipprattikaw il-professjoni preċedenti tagħhom (eż. bħala mħallfin jew bħala professuri fl-universitajiet, għalkemm mhux bħala impjegati tal-gvern li jridu jitneħħewlhom il-kompiti uffiċjali tagħhom). Il-Qorti Kostituzzjonali tiltaqa' biss għal sessjonijiet li ġeneralment isiru erba' darbiet fis-sena.

### Il-Qorti Amministrattiva Suprema

Il-Qorti Amministrattiva Suprema*(Verwaltungsgerichtshof)* tintalab biex **tistħarreġ il-legalità tal-atti kollha tal-amministrazzjoni pubblika kollha**, bl-eċċezzjoni tar-regolamenti*(Verordnungen),* li jistgħu jiġu eżaminati u rrevokati biss mill-Qorti Kostituzzjonali. Il-Qorti Amministrattiva Suprema primarjament tippresedi fuq appelli fuq punti ta' liġi kontra sentenzi tal-qrati amministrattivi.

## Bażijiet tad-dejta legali

Il-paġna web tal- Ministeru tal-Ġustizzja Awstrijak tipprovdi informazzjoni ġenerali dwar is-sistema ġudizzjarja Awstrijaka.

### L-aċċess għall-bażi tad-dejta legali huwa mingħajr ħlas?

Iva.

### Links relatati

Ġuriżdizzjoni tal-qrati – l-Awstrija

L-aħħar aġġornament: 25/04/2017

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

# Qrati speċjalizzati - Polonja

Din it-taqsima tagħtik informazzjoni dwar l-organizzazzjoni tal-qrati speċjalizzati fil-Polonja.

## Qrati speċjalizzati

Hemm diversi qrati u tribunali speċjali fil-Polonja.

### Qorti Suprema (Sąd Najwyższy)

Il-Qorti Suprema hija l-ogħla awtorità ġudizzjarja. Hija teżerċita sorveljanza ġudizzjarja fuq id-deċiżjonijiet tal-qrati l-oħrajn kollha, u tiżgura l-konsistenza fl-interpretazzjoni tal-liġijiet u tal-prassi ġudizzjarja.

Il-Qorti Suprema mhijiex qorti komuni. Hija tistħarreġ il-każijiet fil-kassazzjoni u f’appelli kontra sentenzi tal-qrati; u tadotta riżoluzzjonijiet immirati li jiċċaraw id-dispożizzjonijiet legali li jqajmu d-dubji jew li l-applikazzjoni tagħhom tikkawża disparitajiet fit-teħid ta’ deċiżjonijiet ġudizzjarji. Hija tadotta wkoll riżoluzzjonijiet li jsolvu mistoqsijiet legali riferiti lilha f’konnessjoni ma’ każijiet speċifiċi.

Il-Qorti Suprema Pollakka (Sąd Najwyższy) tippubblika d-deċiżjonijiet tagħha, bil-motivazzjonijiet, fis-sit elettroniku tagħha, Il-Qorti Suprema Pollakka, li huwa wkoll disponibbli bl-Ingliż.

**Tribunal Kostituzzjonali (Trybunał Konstytucyjny)**

Fis-sistema legali Pollakka, it-Tribunal Kostituzzjonali (Trybunał Konstytucyjny) ma jitqiesx bħala qorti komuni.

It-Tribunal Kostituzzjonali jaġġudika:

Dwar il-kostituzzjonalità tal-leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-ftehimiet internazzjonali

Dwar il-konformità tal-leġiżlazzjoni nazzjonali ma’ ftehimiet internazzjonali rratifikati, li r-ratifika tagħhom hija meħtieġa qabel l-approvazzjoni mill-Parlament

Dwar il-konformità mal-Kostituzzjoni ta’ regolamenti legali maħruġa minn awtoritajiet ċentrali tal-istat, ftehimiet internazzjonali rratifikati u Atti leġiżlattivi

Dwar il-kostituzzjonalità tal-għanijiet jew l-attivitajiet tal-partiti politiċi

Dwar ilmenti kostituzzjonali.

Id-deċiżjonijiet tiegħu jiġu kollha ppubblikati, flimkien mal-motivazzjonijiet, fuq is-sit elettroniku tal- Qorti Kostituzzjonali tal-Polonja, li huwa wkoll disponibbli bl-Ingliż.

**Tribunal tal-Istat (Trybunał Stanu)**

It-Tribunal tal-Istat (Trybunał Stanu) jaġġudika każijiet li fihom il-persuni li jokkupaw (jew li okkupaw) l-ogħla pożizzjonijiet fl-istat huma mixlija bi ksur tal-Kostituzzjoni jew Atti oħrajn leġiżlattivi.

Tista’ ssib aktar informazzjoni fuq is-sit elettroniku tat- Tribunal tal-Istat Pollakk.

**Qrati amministrattivi**

Is-sistema tal-**qrati amministrattivi** tinkludi l-Qorti Amministrattiva Għolja (Naczelny Sąd Administracyjny) u l-**qrati amministrattivi reġjonali** – waħda għal kull **provinċja** (wojewódzkie sądy administracyjne).

Il-**Qorti Amministrattiva Għolja**:

Tiddeċiedi dwar jekk ir-riżoluzzjonijiet tal-korpijiet governamentali lokali, jew l-atti regolatorji tal-awtoritajiet provinċjali tal-amministrazzjoni tal-istat (terenowe organy administracji publicznej), humiex konformi mal-liġi

Tiddeċiedi dwar ilmenti kontra deċiżjonijiet amministrattiv; dwar deċiżjonijiet maħruġa fi proċedimenti amministrattivi b’risposta għal ilmenti (jew tikkonkludi dawn il-proċedimenti); u dwar deċiżjonijiet li jistgħu jiġu appellati fuq bażi tal-mertu tal-kawża

Taġġudika dwar xi riżoluzzjonijiet ta’awtoritajiet muniċipali jew ta’ assoċjazzjonijiet ta’ dawn l-awtoritajiet

Tagħti risposti dwar mistoqsijiet legali sottomessi għall-kunsiderazzjoni tagħha mill-korpijiet governamentali lokali tal-appell.

Il-**Qorti Amministrattiva Suprema** ppubblikat id-deċiżjonijiet kollha tagħha, flimkien mal-motivazzjonijiet, sa mill-1 ta’ Ottubru 2007. Id-deċiżjonijiet aktar antiki għadhom qed jiżdiedu fil-bażi tad-dejta. Is-sit elettroniku tal-Qorti huwa disponibbli biss bil-Franċiż.

Il- Qorti Amministrattiva Suprema (Naczelny Sąd Administracyjny) tippubblika d-deċiżjonijiet tagħha, flimkien mal-motivazzjonijiet, fuq is-sit elettroniku tagħha.

L-aħħar aġġornament: 10/12/2012

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Jekk jogħġbok innota li l-verżjoni bil-lingwa oriġinali ta' din il-paġna pt ġiet emendata reċentement. Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-tradutturi tagħna.

## Qrati speċjalizzati - Portugall

Din is-sezzjoni tagħtik informazzjoni dwar l-organizzazzjoni tal-qrati speċjalizzati fil-Portugall.

**Reġistru tan-Negozju**

Ir-Reġistru tan-Negozju huwa pprovdut minn servizzi ta' reġistri ġestiti minn reġistraturi membri tal-Istitut tar-Reġistraturi u n-Nutara (*Instituto dos Registos e do Notariado*), istitut pubbliku taħt it-tutela tal-Ministru tal-Ġustizzja. Dawn is-servizzi ta' reġistri jinsabu mal-pajjiż kollu, f'kull żona muniċipali, madankollu, il-ġuriżdizzjoni tagħhom mhix limitata għaż-żona kkonċernata u jistgħu joħorġu dokumenti relatati ma' kwalunkwe organizzazzjoni li tkun trid tiddaħħal f'reġistru tan-negozju, irrispettivament minn fejn jinsabu l-kwartieri ġenerali tagħhom.

Il-fini tar-Reġistru huwa li jippubblika l-qagħda ġuridika ta' kummerċjanti individwali, kumpaniji kummerċjali, kumpaniji taħt id-dritt ċivili b'forma kummerċjali, stabbilimenti individwali b'responsabilità limitata, kooperattivi, intrapriżi pubbliċi, grupp ta' kumpaniji addizzjonali u Gruppi Ewropej ta' Interess Ekonomiku, kif ukoll individwi u assoċjazzjonijiet li l-liġi titlob li jkunu rreġistrati.

Ir-reġistrazzjoni tan-negozju hija obbligatorja u trid isseħħ fi żmien xahrejn mid-data tal-inkorporazzjoni *de facto*. Inkella, it-tariffi ta' reġistrazzjoni applikabbli jkunu rduppjati.

**Iridu jkunu rreġistrati dawn li ġejjin:**

Inkorporazzjoni.

Deċiżjonijiet meħuda b'laqgħat ġenerali, fejn rikjesti bil-liġi, li jikkonċernaw ix-xiri ta' prodotti mill-kumpanija.

Fatti relatati ma' ishma tal-kumpaniji, it-tneħħija u l-esklużjoni ta' azzjonisti minn soċjetajiet u minn soċjetajiet limitati, l-abolizzjoni tal-ishma b'riżultat tal-mewt ta' azzjonist, l-ammissjoni ta' azzjonisti ġodda mingħajr responsabilità limitata, id-diprezzament ta' ishma u t-tkeċċija u l-esklużjoni ta' azzjonisti f'kumpaniji tal-azzjonisti, deċiżjonijiet dwar id-diprezzament, il-konverżjoni u l-fidwa ta' ishma, u l-ħruġ ta' bonds.

Il-ħatra u tkeċċija ta' membri tal-bord tad-diretturi u l-bordijiet tat-tmexxija, u tas-segretarju tal-kumpanija.

Preżentazzjoni tal-kontijiet.

Bidla fl-uffiċċju rreġistrat.

Pjan ta' fużjoni jew diviżjoni, jew plan ta' inkorporazzjoni ta' kumpanija b'responsabilità limitata, jew estensjoni ta' kumpanija jew fużjoni jew diviżjoni interna jew transfruntiera, jew it-trasformazzjoni jew ix-xoljiment ta' kumpanija.

Fatti relatati mal-kapital tal-kumpanija u kull bidla oħra fl-artikoli tal-assoċjazzjoni tal-kumpanija.

Fatti relatati mal-istralċjarji tal-kumpanija.

It-tlestija tal-istralċ jew li l-kumpanija reġgħet bdiet topera.

Deċiżjonijiet dwar il-kontroll totali minn kumpanija għall-oħra, fi grupp ta' kumpanija, u kuntratti ta' subordinament (*contrato de subordinação*).

Ħruġ ta' mandati fuq il-valur mobiljarju.
Il-bidu, l-alterazzjoni jew it-tmiem ta' attivitajiet bħala kummerċjant individwali, bidliet fl-istat ċivili u r-reġim ta' proprjetà, u bidla fl-indirizz tal-post tal-istabbiliment ewlieni.
Atti, deċiżjonijiet u ordnijiet li jridu jkunu rreġistrati;
Rappreżentanza kummerċjali jew kuntratti ta' aġenzija, meta bil-miktub, kull emenda li ssir lil dawn il-kuntratti u l-iskadenza tagħhom.
L-istabbiliment ta' rappreżentanza permanenti.
Kull fatt ieħor li bil-liġi jrid jiddaħħal fir-Reġistru tan-Negozju.

**Prinċipji li jirregolaw ir-reġistrazzjoni**

**Prinċipji ta' eżekuzzjoni**

Il-fatti li jridu jkunu rreġistrati u l-pubblikazzjoni tagħhom huma infurzabbli biss wara d-data ta' pubblikazzjoni. Bħalissa, il-pubblikazzjoni hija immedjata u ssir awtomatikament wara r-reġistrazzjoni. Fi kliem ieħor, l-informazzjoni ssir disponibbli onlajn, fuq il-websajt uffiċjali fejn id-dokumenti tal-kumpanija jkunu ppubblikati (*Portal da Justiça*), li kulħadd jista' jfittex fiha bla ħlas, mingħajr ebda bżonn ta' ċertifikazzjoni. It-tfittxija tista' ssir fuq il-bażi tan-numru ta' identifikazzjoni fiskali tal-kumpanija (*Número de Identificação Pessoa Coletiva* – NIPC, li huwa kemm numru fiskali u kemm numru tar-Reġistru tan-Negozju), id-distrett jew it-tip ta' dokument.

**Prinċipju ta' prijorità**

Id-dritt li jiddaħħal l-ewwel fir-Reġistru jieħu preċedenza fuq dawk li jsegwu fir-rigward tal-istess ishma tal-kumpaniji, bl-ordni ta' preċedenza jkun jiddependi mill-ħin tar-reġistrazzjoni.

**Prinċipju ta' legalità**

Il-validità ta' applikazzjoni għar-reġistrazzjoni li ssir bi traskrizzjoni tkun ivvalutata fuq il-bażi tad-dispożizzjonijiet legali applikabbli, id-dokumenti prodotti u r-reġistrazzjonijiet preċedenti, b'attenzjoni partikolari għal-leġittimità tat-titoli u l-validità tal-atti stabbiliti f'dawk it-titoli.

**Karatteristiki oħrajn tal-proċess ta' reġistrazzjoni**

Il-prinċipju ta' applikazzjoni leġittima tirregola r-Reġistru tan-Negozju, fi kliem ieħor ir-reġistrazzjoni ssir fuq talba tal-persuna li tkun tista' tipprova l-leġittimità. B'mod ġenerali, il-persuni kollha li għandhom interess f'kumpanija għandhom il-leġittimità li jitolbu r-reġistrazzjoni tal-kumpanija tagħhom.
L-applikazzjonijiet jistgħu jsiru personalment, jew bil-posta jew bil-posta elettronika.
Fatti sostnuti minn evidenza dokumentata biss jistgħu jiġu reġistrati. Fatti relatati ma' kumpaniji huma, bħala regola, stabbiliti f'dokument speċifiku. Fil-parti l-kbira tal-każijiet, ikun biżżejjed li wieħed jipproduċi l-minuti u d-deċiżjoni meħuda mill-azzjonisti.
Hemm mekkaniżmu volontarju biex jiġu ttrattati n-nuqqasijiet. Fi kliem ieħor, jekk ir-reġistrazzjoni ma tkunx tista' tintbagħat kif mitlub, ir-reġistrar jikkuntattja lill-applikant biex jitolbu d-dokumenti neċessarji bil-ħsieb li tiġi evitata ċaħda għar-reġistrazzjoni jew reġistrazzjoni provviżorja.
Ir-reġistrar ilesti r-reġistrazzjoni fi żmien għaxart ijiem mid-data li jkunu waslu d-dokumenti.
Meta r-reġistrazzjoni tkun miċħuda jew issir b'mod provviżorju minħabba dubji, l-applikant ikun innotifikat, b'ittra li jkun fiha r-raġunijiet, li jistgħu jkunu appellati quddiem awtorità superjuri jew fil-qrati.

**Spejjeż**

Jitħallsu tariffi għar-reġistrazzjoni ta' negozji, kif stabbilit fir-Regolament dwar it-tariffi għar-reġistri u n-nutara (*Regulamento Emolumentar dos Registos e do Notariado* – DL 322A/2001 tal-14 ta' Diċembru 2011).

**Aċċess għall-informazzjoni dwar ir-reġistrazzjoni**

Minbarra ċertifikati stampati, l-informazzjoni tista' tkun aċċessata bl-internet fil-paġna http://www.predialonline.pt/, bl-użu ta' ċertifikat elettroniku. L-informazzjoni dwar is-sitwazzjoni ġuridika tal-organizzazzjonijiet ikkonċernati hija aġġornata kostantement. Huwa possibbli aċċess permezz ta' abbonament li jqum €25 fis-sena (abbonamenti għal sentejn, tliet snin jew erba' snin huma possibbli wkoll). Biex tapplika, trid tagħti n-numru ta' identifikazzjoni tal-kumpanija. Wara l-ħlas, l-informazzjoni tkun disponibbli ladarba jiddaħħal kodiċi ta' ċertifikazzjoni. Bl-istess proċedura huwa possibbli wkoll li titlob ċertifikati elettroniċi ta' dokumenti maħżuna fil-bażi tad-dejta, jiġifieri dokumenti użati bħala bażi għar-reġistrazzjoni minn Jannar 2011 'il quddiem, kif ukoll kopji ċċertifikati ta' memoranda aġġornati tal-kumpanija.

**Servizzi oħrajn**

Huma disponibbli żewġ servizzi speċjali mir-Reġistru tan-Negozju fil-Portugall: il-Portal tal-Kummerċ u l-Portal tal-Ġustizzja.

**Il-Portal tal-Kummerċ**

Bl-użu ta' dan il-Portal, huwa possibbli li titlob ċertifikati permanenti (bl-użu ta' isem jew NIPC, bil-Portugiż jew bl-Ingliż) kif ukoll biex:
Tinkorpora kumpanija onlajn.
Titlob għal reġistrazzjoni onlajn u tikkontrolla l-progress ta' kull talba.
Tapplika għal numru ta' identifikazzjoni fiskali għal kumpanija.
Tikseb isem kummerċjali għal kumpanija kummerċjali.
Taċċessa informazzjoni dwar permessi, awtorizzazzjoni minn qabel u kundizzjonijiet amministrattivi simili li jirregolaw l-attivitajiet tal-individwi u l-kumpaniji.
Tikkontrolla l-progress ta' talba għal informazzjoni tan-negozju ssemplifikat
Tirreġistra marka kummerċjali onlajn.
Tikkonsulta informazzjoni aġġornata kostantement relatata mal-Kodiċi tal-Kumpaniji (*Código da Empresa*)

**L-aċċess għall-Portal tal-Kummerċ Portugiż huwa mingħajr ħlas?**

L-aċċess għall-Portal tal-Kummerċ huwa mingħajr ħlas, ħlief għal taqsima rriservata għall-inkorporazzjoni tal-kumpaniji onlajn u għall-preżentazzjoni ta' talbiet għal reġistrazzjoni. L-applikanti jridu jawtentikaw talbiet bħal dawn bl-użu ta' ċertifikat diġitali.
Ċertifikati diġitali jinħarġu minn korp professjonali jew huma disponibbli bħala ċertifikati permanenti. Biex jinkiseb ċertifikat permanenti, trid iddaħħal kodiċi wara ħlas ta' tariffa.

**Il-Portal tal-Ġustizzja**

Il-Portal tal-Ġustizzja jagħti l-possibbiltà lill-utenti biex jitolbu u jikkonsultaw:
Il-pubblikazzjoni onlajn tal-atti korporattivi
Atti rreġistrati li jridu jkunu ppubblikati
Atti relatati mat-tfassil u l-alterazzjoni tal-artikoli tal-assoċjazzjoni tal-assoċjazzjonijiet u l-fundazzjonijiet
Kontijiet annwali ċċertifikati (fil-Portugall, reġistrazzjoni tal-kontijiet issir wara l-preżentazzjoni ta' informazzjoni tan-negozju ssemplifikat, li jkopri l-konformità ma' bosta obbligi annwali li jridu jkunu sodisfatti minn kumpaniji bħall-formoli tat-taxxa tal-kumpaniji li jridu jintbagħtu lill-awtoritajiet fiskali u informazzjoni statistika li jridu jintbagħtu lill-Bank Ċentrali Porugiż (*Banco de Portugal*) u lill-Istitut Statistiku Nazzjonali (*Instituto Nacional de Estatística*). Il-kontijiet annwali jinsabu fil-bażi tad-dejta tal-kontijiet annwali tal-Istitut tar-Reġistrara u n-Nutara. Kontijiet tal-kumpaniji ċċertifikati jistgħu jkunu kkonsultati wara ħlas ta' abbonament annwali ta' €5.)

**L-aċċess għall-Portal tal-Ġustizzja huwa mingħajr ħlas?**
L-aċċess għall-Portal tal-Ġustizzja huwa mingħajr ħlas, ħlief għall-aċċess għat-taqsima rriżervata għall-pubblikazzjoni tad-dokumenti marbuta mal-assoċjazzjonijiet u l-fundazzjonijiet awtentikati min-nutara. L-aċċess għal din it-taqsima jeħtieġ ċertifikat diġitali u huwa bi ħlas.
**Ħoloq utli**
L-Istitut tar-Reġistrara u tan-Nutara
Portugal Simplifica
L-aħħar aġġornament: 29/11/2013
Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.
## Qrati speċjalizzati - Rumanija
Din il-paġna tagħtik informazzjoni dwar il-qrati speċjalizzati tar-Rumanija.
### Qrati speċjalizzati
#### It-Tribunal ta' Braşov għat-Tfal u l-Kwistjonijiet tal-Familja
It-**Tribunal għat-Tfal u l-Kwistjonijiet tal-Familja** bbażat fi Braşov jisma' kawżi relatati ma' offiżi mwettqa mit-tfal jew kontra t-tfal. Qabel ma twaqqaf dan it-Tribunal, kawżi bħal dawn kienu mismugħa mit-Tribunal ta' Braşov.
**Tribunali speċjalizzati**
Hemm tliet tribunali speċjalizzati (dawk li qabel kienu tribunali kummerċjali):
**It-Tribunal Speċjalizzat ta' Cluj;**
**It-Tribunal Speċjalizzat ta' Mureş;**
**It-Tribunal Speċjalizzat ta' Argeş;**
Jisimgħu kawżi li jinvolvu professjonisti. Kull persuna li topera intrapriża hija meqjusa bħala professjonista.
**Qrati militari**
Il-ġuriżdizzjoni tal-qrati militari hija stipulata fil-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali. Kull qorti militari għandha l-istatus ta' bażi militari.
L-organizzazzjoni ġerarkika tal-qrati militari hija kif ġej:
erba' tribunali militari (f'Bukarest, Cluj-Napoca, Iasi u Timisoara);
it-Tribunal Militari ta' Bukarest;
il-Qorti tal-Appelli Militari ta' Bukarest;
Il-qrati militari għandhom imħallfin, skrivani, arkivisti militari u persunal ieħor.
**Tribunali militari**
Hemm erba' tribunali militari fir-Rumanija, fl-ibliet li ġejjin:
Bukarest;
Cluj-Napoca;
Iasi;
Timisoara.
Bħala l-ogħla qrati tal-ewwel istanza, it-tribunali militari jistgħu jisimgħu kawżi li jirreferu għal offiżi kontra l-kapaċità tad-difiża tar-Rumanija (eż. offiżi kontra ordni u dixxiplina militari, offiżi fuq il-kamp tal-battalja, eċċ.), jew offiżi relatati mad-dmirijiet mwettqa minn persunal militari sa u inkluż il-grad ta' kurunell.
#### It-Tribunal Militari Reġjonali ta' Bukarest
**It-tribunal militari reġjonali jisma' l-kawżi li ġejjin:**
Bħala **qorti tal-ewwel istanza**, jisma' kawżi li jirreferu għall-offiżi relatati mad-dmirijiet li ġejjin, imwettqa minn uffiċjali sa jew inkluż il-grad ta' kurunell:
ċerti offiżi kontra l-ħajja, l-integrità korporali jew is-saħħa;
ċerti offiżi kontra l-libertà personali;
ċerti offiżi sesswali;
ċerti offiżi fuq il-propjetà;
ċerti offiżi fuq il-post tax-xogħol jew in konnessjoni miegħu;
ċerti offiżi li jtellfu l-kors tal-ġustizzja;
offiżi b'intenzjoni li jirriżultaw fil-mewt jew is-suiċidju tal-vittma;
offiżi li jinvolvu t-traffikar jew il-konsum illegali tad-drogi;
bankarottafrawdolenta, jekk l-offiża tkun relatata mas-sistema bankarja.
Bħala **qorti ta' rieżami**, tisma' applikazzjonijiet għal rieżami kontra ġudizzji mogħtija minn tribunali militari in konnessjoni ma' offiżi fejn il-proċedimenti ġuridiċi jinbdew fuq ilment li jkun sar qabel minn parti li tkun ġarrbet il-ħsara, u l-applikazzjonijiet għal rieżami kontra ġudizzji kriminali mogħtija minn tribunal militari in konnessjoni ma' miżuri preventivi, libertà provviżorja jew miżuri prekawzjonarji, kontra ġudizzji kriminali mogħtija minn tribunal militari in konnessjoni mal-infurzar ta' ġudizzji kriminali jew riabilitazzjoni, u każijiet oħra speċifikament stipulati bil-liġi.
It-Tribunal Militari Reġjonali jiddeċiedi wkoll dwar **kunflitti ta' ġuriżdizzjoni** bejn it-**tribunali militari** fil-qasam ta' ġuriżdizzjoni tiegħu.
**Il-Qorti tal-Appell Militari ta' Bukarest**
Il-**Qorti tal-Appell Militari** tisma' l-kawżi li ġejjin:
bħala **qorti tal-ewwel istanza:**
offiżi kontra s-sigurtà tal-Istat jew kontra l-paċi u l-umanità, imwettqa minn persunal militari;
offiżi mwettqa minn imħallfin ta' tribunal militari jew tribunal militari reġjonali, jew minn prosekuturi militari tal-uffiċċji tal-prosekuturi militari marbuta ma' dawk il-qrati;
bħala **qorti tal-appell**, tisma' appelli kontra ġudizzji mogħtija minn tribunal militari reġjonali tal-ewwel istanza.
bħala **qorti ta' rieżami**, tisma' applikazzjonijiet għal rieżami kontra ġudizzji kriminali mogħtija minn tribunal militari tal-ewwel istanza, esklużi kawżi taħt il-ġuriżdizzjoni ta' tribunal militari reġjonali, u kawżi oħra speċifikament stipulati bil-liġi;
tiddeċiedi dwar **kunflitti ta' ġuriżdizzjoni** bejn it-tribunali militari reġjonali jew bejn tribunali militari u tribunali militari reġjonali jew bejn tribunali militari taħt l-oqsma ta' ġuriżdizzjoni ta' tribunali militari reġjonali differenti, u dwar kawżi oħra speċifikament stipulati bil-liġi.
**Qrati amministrattivi**
M'hemm l-ebda qorti amministrattiva fir-Rumanija. Taqsima amministrattiva speċjali tal-qorti għandha l-awtorità tisma' kawżi amministrattivi.
### Qrati speċjali oħra

**Il-Qorti Kostituzzjonali**

Il-Qorti Kostituzzjonali għandha disa' mħallfin, appuntati għal mandat ta' disa' snin li ma jistax jiġi estiż jew imġedded. Tliet imħallfin jinħatru mill-**Kamra tad-Deputati**, tlieta mis-**Senat**, u tlieta mill-**President tar-Rumanija**. L-imħallfin tal-Qorti Kostituzzjonali jeleġġu l-President tal-Qorti Kostituzzjonali b'vot sigriet, għal mandat ta' tliet snin. Il-Qorti Kostituzzjonali tbiddel terz mill-imħallfin tagħha kull tliet snin.

Skont l-Artikolu 146 tal-**Kostituzzjoni Rumena**, il-Qorti Kostituzzjonali għandha s-setgħat li ġejjin:

tiddeċiedi dwar il-kostituzzjonalità tal-**liġijiet** qabel il-promulgazzjoni tagħhom, wara riferiment mill-President tar-Rumanija, mill-President ta' waħda mill-Kmamar tal-Parlament, il-Gvern, il-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u l-Ġustizzja, l-Ombudsman, jew tal-inqas 50 Deputat jew 25 Senatur, jew *ex officio* fil-każ ta' inizjattivi li jipproponu reviżjoni tal-Kostituzzjoni;

tiddeċiedi dwar il-kostituzzjonalità tat-**trattati** jew ftehimiet internazzjonali oħra, wara riferiment mill-President ta' kwalunkwe mill-Kmamar tal-Parlament, jew tal-inqas 50 Deputat jew 25 Senatur;

tiddeċiedi dwar il-kostituzzjonalità tar-Regolamenti tal-**Parlament**, wara riferiment mill-President ta' kwalunkwe waħda mill-Kmamar, jew tal-inqas 50 Deputat jew 25 Senatur;

tiddeċiedi fuq oġġezzjonijiet dwar l-antikostituzzjonalità ta' **liġijiet u ordnijiet** li jitqajmu quddiem qrati tal-liġi ta' arbitrazzjoni kummerċjali; oġġezzjoni bħal din tista' wkoll titqajjem direttament mill-Ombudsman;

tiddeċiedi dwar it-**tilwim ġuridiku**ta' natura kostituzzjonali bejn l-awtoritajiet pubbliċi, mat-talba tal-President tar-Rumanija, il-President ta' waħda mill-Kmamar tal-Parlament, il-Prim Ministru, jew il-President tal-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura;

tissorvelja konformità mal-**proċedura** għall-elezzjoni tal-President tar-Rumanija, u tikkonferma r-riżultati tal-elezzjonijiet;

tippubblika **opinjonijiet konsultattivi** dwar proposti biex jiġi sospiż il-President tar-Rumanija mill-mandat tiegħu;

tikkonferma l-preżenza ta' **ċirkostanzi** li jiġġustifikaw il-preżenza ta' aġent kap ta' Stat, u tirrapporta s-sejbiet tagħha lill-Parlament u l-Gvern;

tissorvelja konformità mal-**proċedura** għall-organizzazzjoni u ż-żamma ta' referendum, u tikkonferma r-riżultati ta' dan;

tivverifika li l-kundizzjonijiet biex iċ-ċittadini jeżerċitaw l-**inizjattiva leġiżlattiva** huma milħuqa;

tiddeċiedi fuq oġġezzjonijiet dwar l-antikostituzzjonalità ta' **partit politiku**;

twettaq kull **dmir**ieħor stipulati mil-liġi organika tal-Qorti (Liġi Nru 47/1992, ippubblikata mill-ġdid).

**Bażijiet tad-dejtaġuridiċi**

Il-bażijiet tad-dejtaġuridiċi li ġejjin huma disponibbli onlajn:

il-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u l-Ġustizzja tippubblika l-ġurisprudenza tagħha waħedha websajt;

il-qrati jippubblikaw sommarji tas-sentenzi tagħhom fuq il-Portal tal-Qrati. Pereżempju, ara s- sommarji ta' sentenzi ppubblikati mill-Qorti ta' Appell ta' Bukarest;

il-bażi tad-dejtaġuridika tar-Rumanija, propjetà ta' u miżmuma mill-**Kunsill Leġiżlattiv tar-Rumanija**, tinkludi t-test sħiħ tal-atti leġiżlattivi Rumeni (Liġijiet, Ordnijiet tal-Gvern, Deċiżjonijiet tal-Gvern, eċċ.);

**L-aċċess għall-bażi tad-dejta b'xejn?**

Iva, l-aċċess għall-bażi tad-dejta huwa b'xejn.

**Links relatati**

Il-ġuriżdizzjoni tal-Qrati - ir-Rumanija

L-aħħar aġġornament: 20/03/2014

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Jekk jogħġbok innota li l-verżjoni bil-lingwa oriġinali ta' din il-paġna sl ġiet emendata reċentement. Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-tradutturi tagħna.

**Qrati speċjalizzati - Slovenja**

Iktar informazzjoni dwar il-qrati fis-Slovenja tinsab fil- websajt uffiċjali tal-Qorti Suprema tar-Repubblika tas-Slovenja.

Din it-taqsima tipprovdilek informazzjoni dwar l-organizzazzjoni tal-qrati speċjalizzati fis-Slovenja.

**Il-Qrati tax-Xogħol u l-qorti soċjali tal-prim istanza (Delovna sodišča in socialno sodišče prve stopnje)**

Il-qrati tax-xogħol għandhom il-kompetenza li jiddeċiedu dwar każijiet individwali u kollettivi tax-xogħol, filwaqt li l-qrati soċjali għandhom il-kompetenza f' każijiet speċjali li jaqgħu taħt id-dispożizzjonijiet tal-liġi.

Il-Qrati tax-xogħol u l-Qorti soċjali tal-prim istanza jiddeċiedu fil-prim istanza. Il-Qorti Soċjali u tax-Xogħol Superjuri (Višje delovno in socialno sodišče) tiddeċiedi fuq appelli kontra d-deċiżjonijiet tal-qrati tax-xogħol u tal-qrati soċjali fil-prim istanza, filwaqt li appelli kontra deċiżjonijiet u stħarriġ ġudizzjarju ta' deċiżjonijiet tal-Qorti Soċjali u tax-Xogħol Superjuri jinstemgħu mill-Qorti Suprema tar-Repubblika tas-Slovenja.

Qorti tax-xogħol għandha l-kompetenza li tiddeċiedi f'każijiet individwali tax-xogħol li ġejjin:

Rigward il-konklużjoni, l-eżistenza, il-perjodu u t-terminazzjoni ta' relazzjonijiet ta' impjieg

li jkunu jirrigwardaw drittijiet, obbligi u responsabilitajiet li jkunu ġejjin mir-relazzjoni ta' impjieg bejn l-impjegati u l-impjegaturi jew is-suċċessuri legali tagħhom;

Rigward id-drittijiet u l-obbligi taħt relazzjonijiet ta' xogħol bejn impjegat u kontrollur li taħt dan l-impjegat ġie assenjat sabiex jaħdem fuq il-bażi ta' ftehim bejn min iħaddem u l-utent

bejn l-impjegaturi u l-applikanti b'konnessjoni mal-proċeduri ta' reklutaġġ;

Rigward drittijiet u obbligi li jiġu minn proprjetà industrijali, miftiehma bejn impjegat u min iħaddem fuq il-bażi ta' relazzjonijiet ta' impjieg

li jkunu jirrigwardaw xogħol li jkun sar minn tfal ta' taħt il-15-il sena, apprendisti u studenti;

Rigward boroż ta' studju għall-impjegati, bejn min iħaddem u studenti

Rigward il-prestazzjoni volontarja waqt żmien ta' prova

Li għal dawn il-liġi tispeċifika.

Qorti tax-xogħol għandha ġuriżdizzjoni wkoll biex tiddeċiedi jekk kumpanija tal-assikurazzjoni tkunx konvenuta wkoll f'każ ta' tilwima dwar danni li qorti tax-xogħol tkun ingħatat il-ġuriżdizzjoni għaliha.

Jekk l-attur ikun impjegat, mhux biss il-qorti b'kompetenza territorjali ġenerali għall-konveut, iżda wkoll il-qorti fit-territorju fejn il-ħidma tagħha tkun jew kienet jew kellha tiġi mwettqa, kif ukoll il-qorti fit-territorju fejn kienu ġew konklużi r-relazzjonijiet tal-impjieg tiegħu, għandhom il-kompetenza.

Qorti tax-xogħol għandha l-kompetenza li tiddeċiedi fil-kwistjonijiet kollettivi tax-xogħol li ġejjin:

Rigward il-validità ta' ftehim kollettiv u l-applikazzjoni tiegħu bejn il-partijiet għall-ftehim, jew bejn il-partijiet għall-ftehim u persuni oħra

Rigward il-kompetenza li tmexxi negozjati kollettivi
Rigward il-konkordanza ta' ftehimiet kollettivi mal-liġi, il-konkordanza reċiproka ta' ftehimiet kollettivi, u l-konkordanza tal-atti legali ġenerali ta' min iħaddem mal-liġi u ftehimiet kollettivi
Rigward il-legalità ta' strajkijiet u azzjonijiet industrijali oħrajn
Rigward il-parteċipazzjoni tal-ħaddiema fil-maniġment
Rigward il-kompetenzi tat-trejdjunjins fir-rigward ta' relazzjonijiet industrijali
Fir-rigward ta' deċiżjonijiet dwar ir-rappreżentattività tat-trejdjunjins
Għal kull ma l-liġi tispeċifika.
Għad-deċiżjoni ta' tilwimiet kollettivi dwar ix-xogħol fejn l-impjegatur ikun parti, il-qorti b'ġuriżdizzjoni territorjali ġenerali għall-impjegatur għandha tkun il-qorti li jkollha ġuriżdizzjoni territorjali.
Il-qorti soċjali għandha l-kompetenza li tiddeċiedi dwar il-każijiet soċjali li ġejjin:
1. Fil-qasam tal-**assigurazzjoni tal-pensjoni u d-diżabbiltà**:
Rigward id-drittijiet għal u minn assigurazzjoni tal-pensjoni u d-diżabbiltà
Rigward id-drittijiet għal u minn assigurazzjoni oħra tal-pensjoni
Rigward il-ħlas ta' kontribuzzjonijiet għall-assigurazzjoni tal-pensjoni u d-diżabbiltà obbligatorja u assigurazzjoni obbligatorja oħra ta' pensjoni
fir-rigward tal-ispeċifikazzjoni jew it-terminazzjoni tal-pożizzjonijiet li l-inklużjoni tagħhom f'assikurazzjoni għall-pensjoni addizzjonali hija obbligatorja;
fir-rigward tal-inklużjoni volontarja f'assikurazzjoni obbligatorja għall-pensjoni u d-diżabilità u l-ħlas tal-kontribuzzjonijiet għal din l-assikurazzjoni;
fir-rigward tar-rikonoxximent u x-xiri tal-perjodu tal-assikurazzjoni;
Rigward id-drittijiet għall-pensjoni tal-gvern
b'konnessjoni mar-reġistru uffiċjali;
2. Fil-qasam tal-**assigurazzjoni tas-saħħa**:
Rigward id-drittijiet għal u minn assigirazzjoni tas-saħħa obbligatorja u l-ħlas tal-kontribuzzjonijiet għal din l-assigurazzjoni
3. Fil-qasam tal-**assigurazzjoni tal-qgħad u l-impjieg**:
Rigward id-drittijiet għal u min assigurazzjoni tal-qgħad obbligatorja u l-ħlas tal-kontribuzzjonijiet għal din l-assigurazzjoni
Rigward l-inklużjoni volontarja f'assigurazzjoni tal-qgħad obbligatorja u l-ħlas tal-kontribuzzjonijiet għal din l-assigurazzjoni
Rigward boroż ta' studju, li fl-għoti tagħhom inventarju tal-assi jkun wieħed deċiżiv, u boroż ta' studju għal dawk li jippromettu ħafna
Rigward self għal studju fuq il-bażi ta' garanziji u rati ta' interess sussidjati, li fl-għoti tagħhom inventarju tal-assi jkun wieħed deċiżiv
4. Fil-qasam tal-**benefiċċji għall-protezzjoni tal-ġenituri u tal-familja**:
Rigward id-drittijiet għal u minn assigurazzjoni għall-protezzjoni tal-ġenituri u l-ħlas ta' kontribuzzjonijiet għal din l-assigurazzjoni
Rigward drittijiet għall-benefiċċji tal-familja
5. Fil-qasam tal-**benefiċċji soċjali**:
Rigward il-benefiċċji tas-sigurtà soċjali
Rigward id-drittijiet għall-benefiċċji soċjali taħt diversi intestaturi, jekk l-għan ikun li tissolva s-sigurtà soċjali tar-rikorrent, u jekk l-inventarju tal-assi jkun wieħed deċiżiv għar-rikonoxximent tad-dritt għal dan il-benefiċċju
Il-qorti soċjali għandha ġuriżdizzjoni wkoll fl-oqsma msemmija hawn fuq biex tittieħed deċiżjoni fit-tilwim soċjali li ġej:
Rigward il-ħlas lura ta' fondi li jkunu ttieħdu b'mod mhux xieraq
Rigward il-kumpens għad-danni kkawżati minn entità uffiċjali tal-gvern jew minn persuna li jkollha awtorità pubblika lill-persuna assigurata jew lir-rikorrent għas-sigurtà soċjali, jew id-danni li persuna assigurata tkun ikkawżat lil xi istituzzjoni b'rabta ma' relazzjonijiet ta' assigurazzjoni, jew b'rabta mal-eżerċitazzjoni tad-drittijiet taħt is-sigurtà soċjali.
Il-qorti soċjali għandha wkoll il-kompetenza fi kwistjonijiet soċjali kif speċifikat bil-liġi.
Il-qrati tal-ewwel istanza li ġejjin fir-Repubblika tas-Slovenja huma:
Il-Qorti tax-Xogħol ta' Celje, ibbażata f'Celje, b'kompetenza fuq it-territorju tad-distrett ġudizzjarju ta' Celje
Il-Qorti tax-Xogħol ta' Koper, ibbażata f'Koper, b'kompetenza fuq it-territorju tad-distretti ġudizzjarji ta' Koper u Nova Gorica
Il-Qorti tax-Xogħol u Soċjali ta' Ljubljana, ibbażata f'Ljubljana, b'kompetenza biex tiddeċiedi dwar kwistjonijiet ta' impjieg għat-territorju tad-distretti ġudizzjarji ta' Kranj, Krško, Ljubljana u Novo mesto, u biex tiddeċiedi dwar każijiet soċjali għat-territorju tar-Repubblika tas-Slovenja
Il-Qorti tax-Xogħol ta' Maribor, ibbażata f'Maribor, b'kompetenza fuq it-territorju tad-distretti ġudizzjarji ta' Maribor, Murska Sobota, Ptuj u Slovenj Gradec.
Il-qrati tal-ewwel istanza jiddeċiedu dwar każijiet ta' impjiegi fis-sede tal-qorti, sakemm ma jiġix speċifikat li dawn iridu jiddeċiedu f'dipartimenti esterni.
F'tilwim soċjali u dwar xogħol, il-qorti tal-prim istanza tiddeċiedi f'kumitat magħmul minn imħallef li jippresedi l-kumitat u żewġ imħallfin mhux esperti, li wieħed minnhom ikun elett minn lista ta' kandidati ta' ħaddiema jew nies assikurati, u l-ieħor minn lista ta' kandidati ta' impjegaturi u istituzzjonijiet.
Imħallef individwali jiddeċiedi tilwimiet soċjali u tax-xogħol li jkunu jikkonċernaw pretensjonijiet legali materjali, jekk il-valur tas-suġġett disputat ma jkunx jaqbeż l-ammont permess għar-reviżjoni speċifikata mill-att li jirregola l-proċedura ċivili. Ċerti materji importanti jridu jiġu deċiżi minn imħallef individwali irrispettivament mill-valur tas-suġġett disputat, eż. tilwim individwali dwar xogħol relatati mas-sospensjoni ta' kuntratt ta' impjieg, xogħol bi prova, xogħol wara l-ħin, pawżi, perjodi ta' serħan u liv u assenzi oħra mix-xogħol, id-dmir li taħdem minħabba ċirkostanzi eċċezzjonali, sanzjonijiet dixxiplinari, sospensjoni temporanja mix-xogħol minħabba l-ftuħ ta' proċedura dixxiplinari u riassenjazzjoni temporanja; tilwim soċjali dwar id-dritt ta' ħlas għall-attendenza, id-dritt ta' benefiċċju għad-diżabilità f'każ ta' impediment fiżiku u d-dritt għal trattament fi spa.
**Il-Qorti Soċjali u tax-Xogħol Superjuri (Višje delovno in socialno sodišče)**
Il-qrati tax-xogħol għandhom il-kompetenza li jiddeċiedu każijiet individwali u kolettivi tax-xogħol, filwaqt li l-qrati soċjali jiddeċiedu każijiet soċjali taħt id-dispożizzjonijiet tal-liġi.
Il-Qorti Soċjali u tax-Xogħol Superjuri tiddeċiedi appelli kontra deċiżjonijiet tal-qrati tax-xogħol u l-qorti soċjali tal-prim istanza. Il-Qorti Suprema tar-Repubblika tas-Slovenja tiddeċiedi dwar l-appelli kontra deċiżjonijiet tal-Qorti Soċjali u tax-Xogħol Superjuri kif ukoll dwar stħarriġ ġudizzjarju dwarhom.
Il-Qorti Soċjali u tax-Xogħol Superjuri hija bbażata f'Ljubljana.
Il-Qorti Superjuri tax-Xogħol u Soċjali tiddeċiedi permezz ta' bord kompost minn tliet imħallfin.
**Il-qorti amministrattiva tar-Repubblika tas-Slovenja (Upravno sodišče Republike Slovenije)**
Il-Qorti Amministrattiva tar-Repubblika tas-Slovenja hija kompetenti li tiddeċiedi f'tilwim amministrattiv skont il-metodi u l-proċeduri stabbiliti fl-Att dwar it-Tilwim Amministrattiv.
F'tilwima amministrattiva, il-ħarsien ġudizzjarju tad-drittijiet u l-benefiċċji tal-individwi u l-għaqdiet ikun żgurat fir-rigward tad-deċiżjonijiet u l-azzjonijiet tal-entitajiet Statali, il-korpi komunitarji lokali u d-detenturi tal-awtorizzazzjonijiet pubbliċi skont l-Att.
F'każ amministrattiv:

tiddeċiedi dwar il-legalità ta' atti amministrattivi finali li jxekklu l-pożizzjoni ġuridika tal-attur;
tiddeċiedi dwar il-legalità ta' atti u azzjonijiet individwali li jxekklu d-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali ta' individwu, sakemm ma tkunx ġiet iggarantita forma differenti ta' proċess ġudizzjarju ġust;
Il-qorti għandha tiddeċiedi dwar il-legalità ta' atti adottati minn entitajiet tal-gvern, entitajiet tal-komunità lokali u persuni li għandhom awtorità pubblika li jkunu nħarġu fil-forma ta' regolament, fejn dawn jirregolaw relazzjonijiet individwali
F'każ amministrattiv, hija l-Qorti Amministrattiva tar-Repubblika tas-Slovenja li għandha tiddeċiedi. Madankollu, il-Qorti Suprema tar-Repubblika tas-Slovenja għandha tiddeċiedi dwar ilmenti li jitqajmu kontra deċiżjoni tal-ewwel istanza f'każ amministrattiv, kif ukoll tiddeċiedi dwar rimedji legali straordinarji.
L-uffiċċju ewlieni tal-Qorti Amministrattiva tar-Repubblika tas-Slovenja jinsab f'Ljubljana.
Il-qorti amministrattiva tagħti d-deċiżjonijiet tagħha fil-**uffiċċju ewlieni** u fl-**uffiċċji tal-fergħat** tagħha li ġejjin**:**
Id-dipartiment ta' Celje għaż-żona koperta mill-Qorti Superjuri ta' Celje
Id-dipartiment ta' Nova Gorica għaż-żoni koperti mill-Qorti Superjuri ta' Koper
Id-dipartiment ta' Maribor għaż-żona koperta mill-Qorti Superjuri ta' Maribor.
Id-deċiżjoni dwar liema uffiċċju ta' fergħa għandu jintuża għad-deċiżjoni għandha tikkunsidra r-residenza jew l-uffiċċju ewlieni tal-attur.
Jekk l-attur ma jkollux residenza jew uffiċċju ewlieni fir-Repubblika tas-Slovenja, il-Qorti Amministrattiva għandha tiddeċiedi fl-uffiċċju tal-fergħa fiż-żona li fiha jkun twettaq l-att amministrattiv li jkun qed jiġi kkontestat fil-kawża legali.
Il-Qorti Amministrattiva tkun ippreseduta minn tliet imħallfin, ħlief f'ċerti każijiet stipulati fil-liġi fejn ikun hemm imħallef wieħed.
Il-Qorti Suprema tiddeċiedi l-appelli u l-istħarriġ ġudizzjarju bi tliet imħallfin; f'tilwim li jikkonċerna l-kompetenza, hija tkun ippreseduta minn tliet jew ħames imħallfin.

**Bażijiet tad-dejta legali**

Iktar informazzjoni dwar il-qrati fis-Slovenja tinsab fil- websajt uffiċjali tal-Qorti Suprema tar-Repubblika tas-Slovenja

**Links relatati**

Entitajiet ġudizzjarji

L-aħħar aġġornament: 02/11/2016

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.
Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-
tradutturi tagħna.
Jekk jogħġbok innota li dawn il-lingwi li ġejjin diġà ġew tradotti.

## Qrati speċjalizzati - Slovakkja

Din it-taqsima tipprovdi informazzjoni dwar l-organizzazzjoni tal-qrati speċjalizzati fis-Slovakkja.

**Qrati amministrattivi**

Kwistjonijiet ta' liġi amministrattiva jaqgħu prinċipalment taħt il-ġuriżdizzjoni tal- **rati reġjonali (*krajský súd*) u l-Qorti Suprema tar-Repubblika Slovakka (*Najvyšší súd Slovenskej republiky*)**.
Ir-Repubblika Slovakka m'għandiex qrati amministrattivi separati; minflok, għandha numru ta' **awli** ippreseduti minn imħallfin b'ġuriżdizzjoni amministrattiva

**Qrati speċjalizzati**

**Il-Qorti Kostituzzjonali**

Il- Qorti Kostituzzjonali tar-Repubblika Slovakka (*Ústavný súd Slovenskej republiky*) hija korp ġudizzjarju indipendenti bis-setgħa li jiddeċiedi dwar il- kostituzzjonalità tan-normi ġuridiċi.
Is-sede tal-Qorti Kostituzzjonali qiegħda f'Košice, f' Hlavná 110, Košice 042 65, b'uffiċċju ieħor tal-Qorti Kostituzzjonali tar-Repubblika Slovakka f'Bratislava fi Župné námestie 12.

**Kompetenzi**

Skont il-Kostituzzjoni tar-Repubblika Slovakka, il-Qorti Kostituzzjonali tiddeċiedi dwar jekk:
il-liġijiet humiex konformi mal- **Kostituzzjoni, il-liġijiet kostituzzjonali u t-trattati internazzjonali approvati** mill- **Kunsill Nazzjonali tar-Repubblika Slovakka** irratifikati u promulgati skont il-liġi;
ir-regolamenti tal-Gvern, u n-normi ġuridiċi ta' applikazzjoni ġenerali tal-ministeri u ta' entitatjiet tal-gvern ċentrali humiex konformi mal-Kostituzzjoni, mal-liġijiet kostituzzjonali u trattati internazzjonali approvati mill-Kunsill Nazzjonali tar-Repubblika Slovakka u rratifikati u promulgati skont il-liġi;
ir-regolamenti ta' applikazzjoni ġenerali humiex konformi mal-Kostituzzjoni (l-Artikolu 68), mal-liġijiet kostituzzjonali u mat-trattati internazzjonali approvati mill-Kunsill Nazzjonali tar-Repubblika Slovakka, u li ġew irratifikati u ppromulgati skont il-liġi, sakemm ma tkunx meħtieġa tiddeċiedi qorti oħra;
in-normi ġuridiċi ta' applikazzjoni ġenerali tal-entitajiet tal-amministrazzjoni ċentrali u r-regolamenti ta' applikazzjoni ġenerali tal-entitajiet indipendenti (skont l-Artikolu 71(2)) humiex konformi mal-Kostituzzjoni, mal-liġijiet kostituzzjonali u mat-trattati internazzjonali approvati mill-Kunsill Nazzjonali tar-Repubblika Slovakka, u li ġew irratifikati u ppromulgati skont il-liġi;
ir-regolamenti tal-gvern u n-normi ġuridiċi tal-ministeri u ta' entitajiet amministrattivi ċentrali oħrajn tal-gvern ikunux konformi mal-Kostituzzjoni, mal-liġijiet kostituzzjonali u mat-trattati internazzjonali li ġew ippromulgati skont il-liġi, sakemm ma tkunx meħtieġa tiddeċiedi qorti oħra.
Barra minn hekk, il-Qorti Kostituzzjonali trid:
tiddeċiedi dwar il-konformità ta' trattati internazzjonali nnegozjati li għalihom huma meħtieġa kemm il-kunsens tal-Kunsill Nazzjonali tar-Repubblika Slovakka kif ukoll il-konformità mal-Kostituzzjoni u/jew ma' liġi kostituzzjonali;
tiddeċiedi jekk is-suġġett ta' referendum li ser jinżamm wara l-petizzjoni taċ-ċittadini jew riżoluzzjoni tal-Kunsill Nazzjonali tar-Repubblika Slovakka (skont l-Artikolu 95 (1)) huwiex konformi mal-Kostituzzjoni u/jew ma' liġi kostituzzjonali;
tiddeċiedi dwar tilwim fuq kompetenzi bejn l-entitajiet ċentrali tal-Gvern, sakemm il-liġi ma tipprovdix li trid tkun awtorità oħra tal-Istat li tiddeċiedi dwar dan it-tilwim;
tiddeċiedi dwar ilmenti mressqa minn persuni naturali jew ġuridiċi li qed isostnu li nkisru d-drittijiet tal-bniedem jew il-libertajiet fundamentali tagħhom taħt trattat internazzjonali li ġie rratifikat mir-Repubblika Slovakka u li ġie ppromulgat bil-mod stabbilit mil-liġi, sakemm ma tridx tkun qorti oħra li tiddeċiedi dwar il-protezzjoni ta' dawn id-drittijiet u l-libertaijiet;
tiddeċiedi dwar ilmenti mressqa minn entitajiet awtogovernattivi dwar l-anti-kostituzzjonalità jew l-illegalità ta' deċiżjonijiet jew ta' indħil fi kwistjonijiet awogovernattivi, sakemm ma tridx tkun qorti oħra li tiddeċidi dwar il-protezzjoni tagħhom;
tinterpreta l-Kostituzzjoni jew liġi kostituzzjonali meta kwistjoni tkun dubbjuża;
tiddeċiedi dwar ilment imressaq kontra deċiżjoni li tikkonferma jew tivverifika l-mandat ta' Membru tal-Parlament;

tiddeċiedi jekk l-elezzjonijiet (tal-President tar-Repubblika Slovakka, tal-Kunsill Nazzjonali tar-Repubblika Slovakka u ta’ entitajiet awtogovernattivi) sarux f’ konformità mal-Kostituzzjoni u mal-liġijiet applikabbli oħra;
tiddeċiedi dwar ilmenti mressqa kontra r-riżultat ta’ referendum jew kontra r-riżultati ta’ plebixxit biex il-President tar-Repubblika Slovakka jirtira mill-kariga;
tiddeċiedi jekk deċiżjoni biex partit jew moviment politiku jiġi xolt jew jiġux sospiżi l-attivitaijiet politiċi tiegħu tkunx konformi mal-liġijiet kostituzzjonali u ma’ liġijiet oħrajn;
tiddeċiedi dwar prosekuzzjoni li nbdiet mill-Kunsill Nazzjonali fil-konfront tal-President tar-Repubblika Slovakka minħabba l-ksur intenzjonali tal-Kostituzzjoni jew wara tradiment;
tiddeċiedi jekk deċiżjoni li tiddikjara stat ta’ ċirkustanzi eċċezzjonali jew stat ta’ emerġenza u deċiżjonijiet oħrajn konnessi ma’ din id-deċiżjoni ttieħdux f’ konformità mal-Kostituzzjoni u mal-liġijiet kostituzzjonali.

**Kompożizzjoni tal-qorti**

Il-Qorti Kostituzzjonali hija komposta minn **13-il imħallef**.

L-imħallfin tal-Qorti Kostituzzjonali jinħatru mill-President tar-Repubblika Slovakka għal mandat ta’ 12-il sena, fuq proposta tal-Kunsill Nazzjonali tar-Repubblika Slovakka. Il-Kunsill Nazzjonali jrid jipproponi d-doppju tan-numru ta’ kandidati li jridu jinħatru mill-President.

**Informazzjoni rilevanti oħra**

Id-deċiżjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali jridu jittieħdu minn **bord ta’ tliet membri** (senat) jew **f'sessjoni plenarja**.

Id-deċiżjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali huma finali: jiġifieri li mhemmx appell kontra dawn id-deċiżjonijiet.

Il-Qorti Kostituzzjonali tista’ tagħti bidu għal proċedimenti hekk kif tirċievi **mozzjoni** mressqa minn:

tal-inqas 1/5 tal-membri kollha tal-Kunsill Nazzjonali tar-Repubblika Slovakka,
il-President tar-Repubblika Slovakka,
il-Gvern tar-Repubblika Slovakka,
qorti,
l-Avukat-Ġenerali (*generálny prokurátor*),
kull min għandu dritt għal seduta ta' smigħ fil-każijiet li jaqgħu taħt l-Artikolu 127 (appelli mressqa minn persuni naturali jew ġuridiċi) u l-Artikolu 127a (appelli minn entitajiet awtogovernattivi),
L-Uffiċċju Suprem tal-Awditjar tar-Repubblika Slovakka (*Najvyšší kontrolný úrad Slovenskej republiky*) fil-każijiet previsti fl-Artikolu 126 (2) (dwar il-ġuriżdizzjoni tal-Uffiċċju Suprem tal-Awditjar),
l-Ombusdman f'materji dwar il-kostituzzjonalità tal-leġiżlazzjoni taħt l-Artikolu 125 (1) (dwar jekk is-suġġett ta' referendum li ser jinżamm minħabba petizzjoni taċ-ċittadini jew fuq riżoluzzjoni tal-Kunsill Nazzjonali tar-Repubblika Slovakka humiex konformi mal-Kostituzzjoni u/jew ma' liġi kostituzzjonali), fejn l-applikazzjoni ta' din il-leġiżlazzjoni tista' tqiegħed fil-perikolu id-drittijiet fundamentali jew il-libertajiet jew id-drittijiet tal-bniedem u l-libertaijiet fundamentali ġejjin minn trattat internazzjonali irratifikat mir-Repubblika Slovakka u promulgat skont il-liġi.

**Bażijiet tad-dejta ġuridiċi**

Is-sit elettroniku tal-Qorti Kostituzzjonali tar-Repubblika Slovakka jipprovdi aċċess mingħajr ħlas:

kompożizzjoni tal-qorti,
rapporti dwar konklużjonijiet u deċiżjonijiet;
dikjarazzjonijiet tal-istampa,
attivitajiet internazzjonali,
informazzjoni dwar il-qorti.

**Il-Qorti Kriminali Speċjalizzata**

Il-Qorti Kriminali Speċjalizzata (*Špecializovaný trestný súd*) f’Pezinok inħolqot fl-2009 bħala suċċessur għall-Qorti Speċjali. Il-Qorti Kriminali tiddeċiedi dwar kwistjonijiet kriminali. Hija qorti tal-prim’istanza li tinsab fuq l-istess livell bħall-qrati reġjonali. L-Att Nru 291/2009 dwar il-Qorti Kriminali Speċjalizzata u li jemenda ċerti liġijiet u li jistabbilixxi l-kompetenzi u l-funzjonijiet ta' din il-qorti.

Id-dettalji ta’ kuntatt tal-Qorti Kriminali Speċjalizzata tar-Repubblika Slovakka:

Indirizz: Suvorovova č. 5/A, P. O. BOX 117, 902 01 Pezinok
Tel: +421 33 69 031 14
Faks: +421 33 69 032 72

**Kompetenzi**

Il-Qorti Kriminali Speċjalizzata għandha ġuriżdizzjoni biex tisma' kawżi li jinvolvu r-reati li ġejjin:

qtil,
sfurzar u influwenza żejda b'rabta mal-akkwist pubbliku l-irkant pubbliku taħt it-Taqsima 266 (3) tal-Kodiċi Kriminali,
falsifikazzjoni u l-iffalsifikar tal-flus u t-titoli taħt it-Taqsima 270 (4) tal-Kodiċi Kriminali,
abbuż ta' poter f'kariga pubbliku taġt it-Taqsima 326 (3) u (4) tal-Kodiċi Kriminali flimkien ma' reati taħt is-subparagrafi (b), (c), (e), (f), (g), (h), (k) jew (l);
tixħim taħt it-Taqsimiet 328 sa 331 tal-Kodiċi Kriminali,
it-tixħim taħt it-Taqsimiet 332 sa 335 tal-Kodiċi Kriminali,
korruzzjoni indiretta taħt it-Taqsima 336 tal-Kodiċi Kriminali,
tixħim fl-elezzjonijiet taħt it-Taqsima 336a tal-Kodiċi Kriminali,
il-ħolqien, l-organizzazzjoni jew il-promozzjoni ta' grupp kriminal jew terroristiku,
delitti mwettqa minn gruppi kriminali jew terroristiċi,
reati kontra l-propjetà taħt it-Titolu 4 tal-parti speċjali tal-Kodiċi Kriminali jew ir-reati ekonomiċi taħt it-Titolu 5 tal-parti speċjali tal-Kodiċi Kriminali, fejn ir-reat jirriżulta fi ħsara jew gwadann ta' mill-inqas 25,000 darba aktar mill-ammont ta' ħsara minima taħt il-Kodiċi Kriminali jew fejn l-impatt tar-reat kommess huwa tal-inqas 25,000 darb aktar mill-ammont ta' ħsara minima taħt il-Kodiċi Kriminali,
ħsara lill-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej,
reati marbuta ma' dawk imsemmija hawn fuq fejn jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet għal proċedimenti konġunti.

L-aħħar aġġornament: 18/03/2019

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-

tradutturi tagħna.
Jekk jogħġbok innota li dawn il-lingwi li ġejjin diġà ġew tradotti.

## Qrati speċjalizzati - Finlandja

Din it-taqsima tagħti informazzjoni dwar l-organizzazzjoni tal-qrati speċjali fil-Finlandja.

### Qrati speċjali

Hemm diversi qrati speċjali fil-Finlandja, li dmirijiethom huma stabbiliti fi statuti speċjali. Il-qrati speċjali kienu stabbiliti għal kawżi li ma jistgħux jiġu trattati mill-qrati ġenerali jew amministrattivi minħabba li jeħtieġu għarfien espert speċjali. Il-kompożizzjoni tal-qrati speċjali ġeneralment tirrifletti l-għarfien espert pertinenti għall-qasam inkwistjoni. Il-qrati speċjali huma:

It-Tribunal Industrijali

Il-Qorti tas-Suq

Il-Qorti tal-Assigurazzjoni u

Il-Qorti Superjuri tal-Akkuża.

### It-Tribunal Industrijali

It-Tribunal Industrijali jittratta u jsolvi t-tilwim dwar l-interpretazzjoni tal-Att dwar il-Kuntratti tal-Impjieg, l-Att dwar il-Kuntratti tal-Impjegati Statali taċ-Ċivil, tal-Att dwar il-Kuntratti tal-Impjegati Muniċipali taċ-Ċivil u l-istatut li jirregola l-kuntratti tal-impjegati taċ-ċivil li jaħdmu mal-Knisja Evanġelika Luterana. Dan jittratta wkoll it-tilwim marbut mal-kuntratti tal-impjegati taċ-ċivil tal-Istat u l-ftehim kollettiv tal-impjegati.

### Il-Qorti tas-Suq

Il-Qorti tas-Suq tittratta l-kwistjonijiet koperti mill-Att dwar il-Ħarsien tal-Konsumatur, l-Att dwar l-Ombudsman tal-Konsumatur u l-Att dwar is-Suq tat-Titoli. Din tittratta wkoll it-tilwim li jikkonċerna termini tas-suq u kuntrattwali li jaqgħu taħt l-ambitu tal-liġi dwar ftehimiet bejn l-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-intraprendituri, kif ukoll il-ksur tal-Att dwar ir-Restrizzjonijiet tal-Kompetizzjoni.

### Il-Qorti tal-Assigurazzjoni

Il-Qorti tal-Assigurazzjoni hija qorti speċjali tal-liġi amministrattiva. Din taħdem bħala l-qorti tal-liġi amministrattiva għall-kwistjonijiet ta' sigurtà ta' dħul li jaqgħu taħt il-kompetenza tagħha. Din tittratta, fost l-oħrajn, tilwim li jirriżulta minn tipi differenti ta' assigurazzjonijiet kontra l-mard u l-inċidenti, u l-appelli mid-deċiżjonijiet li jsiru mill-Bord tal-Appell tal-Pensjonijiet, il-Bord tal-Appell tal-Assigurazzjoni Kontra l-Inċidenti, il-Bord tal-Appell tas-Sigurtà Soċjali u l-Bord tal-Appell tal-Qgħad.

### Il-Qorti Superjuri tal-Akkuża

Il-Qorti Superjuri tal-Akkuża hija qorti speċjali li tisma' kawżi li jikkonċernaw akkużi ta' kondotta uffiċjali illegali fil-konfront tal-Membri Parlamentari Finlandiżi, imħallfin tal-Qorti Suprema u tal-Qorti Amministrattiva Suprema u ċerti impjegati taċ-ċivil imlaħħqin. Il-Qorti Superjuri tal-Akkuża tissejjaħ biss meta dan ikun meħtieġ.

### Informazzjoni addizzjonali

Is-sit elettroniku tal-qrati Finlandiżi jinkludi informazzjoni dwar is-sistema ġudizzjarja tal-Finlandja. Dan huwa portal uniku li jipprovdi informazzjoni dwar qrati, prosekuturi, awtoritajiet ta' infurzar u għajnuna legali.

Is-sit jinkludi, pereżempju, l-iktar ġurisprudenza reċenti mill-qrati tal-appell u mill-qrati amministrattivi flimkien ma' links għas-siti elettroniċi tal-qrati kollha.

L-aħħar aġġornament: 30/06/2019

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Jekk jogħġbok innota li l-verżjoni bil-lingwa oriġinali ta' din il-paġna sv ġiet emendata reċentement. Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-tradutturi tagħna.

## Qrati speċjalizzati - Svezja

Din it-taqsima tipprovdik b'informazzjoni dwar l-organizzazzjoni tal-qrati speċjalizzati fl-Iżvezja,

### Qrati speċjalizzati

Ġew stabbiliti xi qrati u tribunali speċjali sabiex jisimgħu kawżi u kwistjonijiet speċifiċi:

Il-**Qorti tax-Xogħol** tisma' tilwim tax-xogħol. It-tilwmin tax-xogħol huwa tilwim fil-qafas tar-relazzjonijiet bejn min jimpjega u l-impjegati. Il-Qorti tax-Xogħol normalment hija l-ewwel u l-unika istanza kompetenti fit-tilwim tax-xogħol. Madankollu, xi tilwim tax-xogħol jinstema' l-ewwel f'qorti distrettwali, u wara dan jista' jsir appell quddiem il-Qorti tax-Xogħol bħala l-qorti tat-tieni u l-aħħar istanza.

Il-**Qorti tas-Suq** tisma', fost l-oħrajn, tilwim taħt l-Att dwar il-Kompetizzjoni u l-Att dwar il-Prattika ta' Kummerċjalizzazzjoni

Il-**Qorti tal-Appelli dwar il-Privattivi** tisma' appelli kontra d-deċiżjonijiet tal-Uffiċċju tal-Privattivi u tar-Reġistrazzjonijiet Żvediż, dwar privattivi, trademarks u disinni u ħwejjeġ simili. Jistgħu jiġu ppreżentati appelli mid-deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Appelli dwar il-Privattivi fil-Qorti Amministrattiva Suprema.

**Il-Qrati tal-Artijiet u tal-Ambjent** jisimgħu kawżi relatati ma' permessi għal operazzjonijiet idriċi u operazzjonijiet perikolużi għall-ambjent, kwistjonijiet relatati mal-ħarsien tas-saħħa, il-ħarsien tan-natura, il-ġbir tal-iskart, iż-żoni mniġġsa u l-iskart perikoluż, id-danni relatati mal-ambjent u kwistjonijiet ta' kumpens, il-kwistjonijiet marbuta mal-permessi tal-bini, tat-twaqqiegħ u tal-artijiet skont l-Att dwar l-Ippjanar u l-Bini, iċ-ċnus fuq l-artijiet, l-appelli fi kwistjonijiet ta' pjanifikar, it-tqassim tal-artijiet, is-servituijiet favur il-kumpaniji li joffru servizzi pubbliċi bħad-dawl, l-ilma u l-gass u l-esproprijazzjoni. Hemm ħames Qrati tal-Artijiet u tal-Ambjent, li huma qrati speċjalizzati u li huma parti mill-Qrati Distrettwali ta' Nacka, Vänersborg, Växjö, Umeå u Östersund. L-appelli minn sentenzi u deċiżjonijiet tal-Qrati tal-Artijiet u tal-Ambjent jistgħu jiġu ppreżentati fil-Qorti tal-Appell tal-Artijiet u tal-Ambjent, li jagħmel parti mill-Qorti tal-Appell ta' Svea. L-appelli f'kawżi li jkunu nbdew fil-Qorti tal-Artijiet u tal-Ambjent u li jkunu ġew appellati u mismugħa fil-Qorti tal-Appell tal-Artijiet u tal-Ambjent, jistgħu jiġu ppreżentati fil-Qorti Suprema.

Il-**Qrati Marittimi** jisimgħu kawżi skont il-Kodiċi Marittimu Svediż (1994:1009). Hemm seba' qrati marittimi li huma parti mill-Qrati Distrettwali ta' Luleå, Sundsvall, Stockholm, Kalmar, Malmö, Gothenburg u Karlstad.

**Il-qrati dwar il-migrazzjoni** jistħarrġu deċiżjonijiet meħuda mill-Bord tal-Migrazzjoni Żvediż dwar kwistjonijiet li jikkonċernaw ċ-ċittadini barranin u ċ-ċittadinanza.

Il-Qrati tal-Migrazzjoni huma qrati speċjalizzati li huma parti mill-Qrati Amministrattivi f'Malmö, Göteborg u Stockholm. L-appelli minn sentenzi u deċiżjonijiet tal-Qrati tal-Migrazzjoni jistgħu jiġu ppreżentati fil-Qorti tal-Appell tal-Migrazzjoni, li jagħmel parti mill-Qorti Amministrattiva ta' Stokkolma.

Ċerti tipi ta' tilwim li jkunu jinvolvu l-kera, inkwilini-sidien u ċnus jinstemgħu mit-tribunali reġjonali tal-kera u taċ-ċens. Dawn huma **korpi kważi-ġudizzjarji** li għandhom setgħat simili għal dawn tal-qrati.

**Qrati speċjali oħrajn**

Ma hemm ebda qorti kostituzzjonali jew xi qorti simili fl-Iżvezja.

L-aħħar aġġornament: 19/06/2012

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Jekk jogħġbok innota li l-verżjoni bil-lingwa oriġinali ta' din il-paġna en ġiet emendata reċentement. Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-tradutturi tagħna.

## Qrati speċjalizzati - L-Ingilterra u Wales

Din il-paġna tagħtik informazzjoni dwar uħud mill-qrati speċjalizzati fl-Ingilterra u f'Wales, inklużi t-tribunali.

**Qrati amministrattivi**

Bidliet reċenti fir-Renju Unit raw it-tnedija ta' sistema unifikata ġdida ta' tribunali. Dettalji dwar it-tribunali jinsabu fis-sit elettroniku tas-Servizz tal-Qrati u t-Tribunali tal-Maestà Tagħha. Tribunal tal-ewwel istanza

It-**tribunal tal-ewwel istanza** huwa tribunal ġeneriku. Il-funzjoni prinċipali tiegħu hija li jisma' appelli minn deċiżjonijiet tal-gvern f'oqsma fejn it-tribunal ngħata ġuriżdizzjoni. Għal xi finijiet, huwa għandu ġuriżdizzjoni fir-Renju Unit kollu. It-tribunal tal-ewwel istanza huwa maqsum f'sitt awli:

L-Awla tal-Intitolament Soċjali

L-Awla tas-Saħħa, l-Edukazzjoni u l-Kura Soċjali

L-Awla tal-Pensjonijiet tal-Gwerra u l-Kumpens għall-Forzi Armati

L-Awla tat-Taxxi.

L-Awla Regolatorja Ġenerali

L-Awla tal-Immigrazzjoni u l-Ażil

Eventwalment se tinħoloq is-seba' Awla, l-Awla tad-Djar u l-Proprjetà tal-Artijiet.

**Tribunal superjuri**

It-**tribunal superjuri** nħoloq biex jittratta appelli minn deċiżjonijiet tat-tribunal tal-ewwel istanza. Huwa għandu ġuriżdizzjoni fir-Renju Unit kollu u huwa maqsum f'awli. Huwa għandu wkoll setgħat biex jisma' proċedimenti ta' sħarriġ ġudizzjarju rinvijati quddiemu mill-Qorti Superjuri. Bħalissa hemm erba' awli, li huma:

L-Awla tal-Appelli Amministrattivi

L-Awla tal-Artijiet

L-Awla tat-Taxxi u l-Kanċellerija

L-Awla tal-Immigrazzjoni u l-Ażil

**It-Tribunal Industrijali u t-Tribunal tal-Appelli Industrijali tar-Renju Unit**

It-Tribunal Industrijali u t-Tribunal tal-Appelli Industrijali huma separati mit-Tribunal tal-Ewwel Istanza u t-Tribunal Superjuri, għalkemm ikun hemm rabtiet mill-qrib bejniethom.

Kollox ma' kollox, il-proċedura fit-tribunali għandha t-tendenza li tkun inqas formali milli fil-qrati l-oħra. Il-membri tat-tribunali jistgħu jinkludu speċjalisti jew esperti mhux mill-qasam legali, bħal tobba u persuni mhux professjonisti, għalkemm il-president kważi dejjem ikollu kwalifiki fil-qasam legali.

Fl-Ingilterra u Wales, ħidmet il-Qorti Amministrattiva tinkludi l-ġuriżdizzjoni tad-dritt amministrattiv fuq l-Ingilterra u Wales, kif ukoll ġuriżdizzjoni superviżorja fuq il-qrati u t-tribunali inferjuri.

**Qrati speċjalizzati**

Hemm għadd ta' qrati speċjalisti fl-Ingilterra u Wales:

Fil-**Qrati tal-Coroner**, coroner (xi drabi flimkien ma' ġurija) jinvestiga l-kawżi ta' mwiet vjolenti, mhux naturali u suspettużi, jew imwiet f'daqqa meta r-raġuni tal-mewt ma tkunx magħrufa

Il-**Qorti tal-Protezzjoni** tieħu deċiżjonijiet dwar il-proprjetà u l-affarijiet, il-kura tas-saħħa u l-benessri personali tal-adulti (u fi ftit każijiet, tat-tfal), li jkunu neqsin mill-kapaċità. Il-qorti għandha wkoll is-setgħa li tagħmel dikjarazzjonijiet dwar jekk xi ħadd ikollux il-kapaċità li jieħu deċiżjoni partikolari. Hija qorti superjuri li s-sentenzi tagħha jistgħu jiġu ċitati u jkunu rreġistrati uffiċjalment u tista' tistabbilixxi preċedenti

Fil-**Qrati Marzjali**, jitressqu kawżi suġġetti għad-dritt militari kontra membri tal-forzi armati

Il-**Qrati Ekkleżjastiċi** jiddeċiedu kwistjonijiet marbuta mal-Knisja Anglikana u mad-dritt ekkleżjastiku.

**Ħoloq Relatati**

Is-Servizz tal-Qrati u t-Tribunali tal-Maestà Tagħha

L-aħħar aġġornament: 30/11/2016

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

## Qrati speċjalizzati - L-Irlanda ta' fuq

Din it-taqsima tipprovdik b'informazzjoni dwar it-tribunali li s-Servizz tal-Qrati u t-Tribunali tal-Irlanda ta' Fuq jappoġġa b'mod amministrattiv.

Id-Dipartiment tal-Ġustizzja huwa responsabbli għall-amministrazzjoni ta' diversi tribunali fl-Irlanda ta' Fuq. Fil-prattika, din il-funzjoni titwettaq mis-Servizz tal-Qrati u mit-Tribunali tal-Irlanda ta' Fuq (NICTS) (aġenzija eżekuttiva tad-Dipartiment).

Id-Dipartiment għandu responsabbiltà statutorja għat-tribunali segwenti;

Tribunal tal-Indukrar

Tribunal tal-Karità

Bord tal-Appelli għall-Kumpens għal Danni Kriminali għall-Irlanda ta' Fuq

Tribunal tal-Artijiet

Tribunal għar-Rieżami tas-Saħħa Mentali

Tribunal tal-Irlanda ta' Fuq dwar is-Saħħa u s-Sigurtà

Tribunal tal-Irlanda ta' Fuq dwar il-Penali tat-Traffiku

Tribunal tal-Irlanda ta' Fuq dwar il-Valwazzjoni

Kummissarji tas-Sigurtà Soċjali u Kummissarji tal-Manteniment tat-Tfal
Tribunal tal-Bżonnijiet Edukattivi Speċjali u tad-Diżabilità
Tribunal skont l-Iskeda 11 mad-Digriet dwar is-Servizzi tas-Saħħa u Soċjali Personali (l-Irlanda ta' Fuq) 1972
Huwa assuma wkoll ir-responsabbiltà amministrattiva għas-Servizz tal-Appelli u għall-bord tal-Valutazzjoni tal-Kera f'April 2010, li t-tnejn huma ġestiti minn ftehim dwar il-livell ta' servizz mad-Dipartiment għall-Komunitajiet. Huwa ppjanat li t-tnejn li huma jkunu trasferiti għad-Dipartiment bħala parti mill-programm ta' riforma tat-tribunal.
L-NICTS jipprovdi wkoll sostenn amministrattiv skont it-termini ta' ftehim dwar il-livell ta' servizz għat-tribunali madwar ir-Renju Unit li jinsabu fl-Irlanda ta' Fuq, inkluż il-Kamra tat-Taxxa, Il-Kamra tal-Immigrazzjoni u l-Ażil u l-ġurisdizzjoni dwar id-Drittijiet għall-Informazzjoni fil-Kamra Regolatorja Ġenerali tat-Tribunal tal-ewwel livell, u l-Kamra tal-Appelli Amministrattivi tat-Tribunal Superjuri.
Aktar informazzjoni dwar il-ħidma tat-tribunali amministrati mill-NICTS, inkluż dettalji ta' kuntatt għal kull wieħed, jistgħu jinsabu fuq is-sit web tas-Servizz tal-Qrati u tat-Tribunali tal-Irlanda ta' Fuq.

**Links relatati**

Is-Servizz tal-Qrati u tat-Tribunali tal-Irlanda ta' Fuq

L-aħħar aġġornament: 10/07/2018

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-
traduttturi tagħna.
Jekk jogħġbok innota li dawn il-lingwi li ġejjin diġà ġew tradotti.

## Qrati speċjalizzati - Skozja

Din it-taqsima tiddeskrivi xi wħud mill-qrati speċjalizzati fl-Iskozja.

**Qrati amministrattivi**

Xi tibdil li sar mill-2007 fir-Renju Unit ra l-iżvilupp ta' sistema ġdida unifikata ta' tribunali għar-Renju Unit. Din is-sistema l-ġdida għadha qed tevolvi. Informazzjoni dwar dan tinsab fil-websajt tas-Servizz tat-Tribunali. L-Iskozja għandha wkoll għadd ta' tribunali li jittrattaw każijiet li jokkonċernaw kwistjonijiet devoluti. Bħalissa għaddej programm biex jgħaqqad it-tmexxija ġudizzjali tagħhom u jissimplifika l-istruttura tagħhom.

**It-Tribunal tal-Ewwel Grad tar-Renju Unit (*First-tier UK tribunal*)**

It-**tribunal tal-ewwel grad tar-Renju Unit** huwa tribunal ġeneriku, li l-funzjoni ewlenija tiegħu hija li jisma' appelli kontra d-deċiżjonijiet tal-gvern f'oqsma fejn it-tribunal ikun ingħata ġuriżdizzjoni. Għal xi skopijiet, huwa għandu ġuriżdizzjoni tul ir-Renju Unit, inkluża l-Iskozja. It-Tribunal tal-Ewwel Grad huwa maqsum f' erbat ikmamar, b'aktar diviżjonijiet hekk kif jiżdiedu ġuriżdizzjonijiet ġodda. L-erbat ikmamar attwali huma dawn:
Il-Kamra tad-Drittijiet Soċjali
Il-Kamra tas-Saħħa, l-Edukazzjoni, u l-Kura Soċjali
Il-Kamra tal-Pensjonijiet tal-Gwerra u l-Kumpens tal-Forzi Armati
Il-Kamra tat-Taxxa.

**Tribunal Superjuri tar-Renju Unit (*UK Upper tribunal*)**

It-**tribunal superjuri tar-Renju Unit** ġie stabbilit sabiex jisma' appelli kontra, u jinforza, deċiżjonijiet tat-tribunal tal-ewwel grad tar-Renju Unit. Huwa għandu ġuriżdizzjoni tul ir-Renju Unit u huwa maqsum fi kmamar. Għandu wkoll is-setgħat li jwettaq stħarriġ ġudizzjarju ta' deċiżjonijiet jew azzjonijiet li ma jistax isir appell minnhom.

**It-Tribunali Skoċċiżi**

Hemm madwar 20 tribunal separate fl-iskozja li kienu stabbiliti biex jittrattaw appelli kontra firxa wiesgħa ta' deċiżjonijiet tal-gvern u korpi pubbliċi li jkunu saru skont poteri devoluti lill-Parlament u l-Gvern Skoċċiż. Kull ġuriżdizzjoni tat-tribunal hija mmexxija minn president jew chairperson separat u kull wieħed minnhom għandu poteri differenti ta' infurzar. Il-ġuriżdizzjonijiet ivarjaw minn appelli kontra multi għall-ipparkjar għal kura u żamma ta' pazjenti li jkunu qed ibatu minn mard mentali serju.
L-appelli kontra d-deċiżjonijiet tat-tribunali Skoċċiżi jinstemgħu mill-qrati ċivili fl-Iskozja u jistgħu jitqiesu mix-Sheriffs Principle u mill-Qorti tas-Sessjoni (Court of Session).

**Riforma tat-Tribunali Skoċċiżi**

Il-Gvern Skoċċiż kien beda riforma tas-sistema tat-tribunali Skoċċiżi. Il-leġiżlazzjoni li kellha tiddaħħal fir-rebbiegħa tal-2013 tagħti lill-imħallef l-iktar anzjan tal-Iskozja, il-Lord President, it-tmexxija ta' tribunal wieħed Skoċiż li jkun jikkonsisti fl-ewwel u u l-ogħla grad, simili għall-mudell tar-Renju Unit kif deskritt hawn fuq. Il-grad ogħla jieħu r-responsabbilità li jisma' bosta mill-appelli mid-deċiżjonijiet li jkunu ttieħdu fl-ewwel grad, u b'hekk dawn ikunu qed jitneħħew mill-ġuriżdizzjonijiet tal-qrati.

### Il-prattika tat-Tribunal

B'mod ġenerali, il-proċedura fit-tribunali tar-Renju Unit u dawk Skoċċiżi għandha t-tendenza li tkun inqas formali milli fil-qrati l-oħrajn. Il-membri tat-tribunali jistgħu jinkludu speċjalisti jew esperti mhux legali, bħat-tobba u persuni popolari, għalkemm il-president huwa kważi dejjem kwalifikat legalment.
Il-kwistjonijiet ta' liġi amministrattiva (stħarriġ ġudizzjarju) fl-Iskozja jinstemgħu mill-**Court of Session**. It-Tribunal tal-Artijiet għall-Iskozja jittratta t-twettiq jew il-ksur ta' obbligi tal-artijiet u kwistjonijiet ta' kumpens għal xiri forzat (esproprjazzjoni).

**Qrati speċjalizzati**

Fl-**Iskozja,** meta kawża (ċivili jew kriminali) tqajjem kwistjoni kostituzzjonali li tirriżulta mid-devoluzzjoni tal-kompetenzi interni tar-Renju Unit (per eżempju kwistjonijiet ta' drittijiet tal-bniedem), din tista' tiġi riferita lill-Qorti Suprema tar-Renju Unit.

**Qrati oħrajn jinkludu:**

Il-Qorti tal-Lord Lyon – li tisma' kwistjonijiet araldiċi
Il-Qorti tal-Artijiet Skoċċiża – li tisma' tilwim bejn sid il-proprjetà u l-kerrej.

**Links relatati**

Servizz tat-Tribunali, Tribunal tal-Artijiet għall-Iskozja, Il-Qorti tal-Lord Lyon, Il-Qorti tal-Artijiet Skoċċiża, It-Tribunali Skoċċiżi

L-aħħar aġġornament: 06/02/2018

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.